Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 31 ta' Ottubru 2022**
**(OR. en)**

**14223/22**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2022/0345(COD)**

**ENV 1088**
**SAN 580**
**COMPET 848**
**CONSOM 274**
**AGRI 596**
**CODEC 1634**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 27 ta' Ottubru 2022 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2022) 541 final |
| Suġġett: | Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar it-trattament tal-ilma mormi urban (riformulazzjoni) |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 541 final.

---

Mehmuż: COM(2022) 541 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.10.2022
COM(2022) 541 final

2022/0345 (COD)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar it-trattament tal-ilma mormi urban (riformulazzjoni)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2022) 541 final} - {SWD(2022) 541 final} - {SWD(2022) 544 final}

## WERREJ

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI ... 2

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA ... 2

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ ... 5

3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT ... 6

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI ... 12

5. ELEMENTI OĦRA ... 12

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Id-Direttiva dwar it-Trattament tal-ilma mormi urban[1] (UWWTD) ġiet adottata fl-1991. L-objettiv ta' din id-Direttiva huwa li "tipproteġi l-ambjent mill-effetti negattivi tal-iskariki tal-ilma mormi minn sorsi urbani u minn industriji speċifiċi". L-Istati Membri (SM) huma meħtieġa jiżguraw li l-ilma mormi mill-agglomerazzjonijiet kollha ta' aktar minn 2 000 abitant jinġabar u jiġi ttrattat skont l-istandards minimi tal-UE. L-Istati Membri jridu wkoll jiddeżinjaw "żoni sensittivi" skont il-kriterji inklużi fid-Direttiva li għalihom japplikaw standards u skadenzi aktar stretti. Barra minn hekk, l-Istati Membri jirrapportaw dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva kull sentejn. Din l-informazzjoni hija ppubblikata mill-Kummissjoni f'rapporti biennali.

Fl-2019, ġiet konkluża evalwazzjoni REFIT dettaljata[2] ("l-Evalwazzjoni") tad-Direttiva u kkonfermat li l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva wasslet għal tnaqqis sinifikanti tal-iskariki ta' sustanzi niġġiesa. Madwar l-UE, l-ilmijiet mormija minn madwar 22 000 belt li jirrappreżentaw it-tniġġis ta' madwar 520 miljun f'ekwivalenti ta' popolazzjoni (e.p.)[3] huma ttrattati f'sistemi ċentralizzati. L-effetti fuq il-kwalità tal-għadajjar, tax-xmajjar u tal-ibħra tal-UE huma viżibbli u tanġibbli.

Waħda mir-raġunijiet ewlenin għall-effettività tad-Direttiva tinsab fis-sempliċità tar-rekwiżiti tagħha, li tippermetti infurzar sempliċi. Illum, 98 % tal-ilmijiet mormija tal-UE jinġabru b'mod adegwat u 92 % jiġu ttrattati b'mod adegwat, anke jekk għadd limitat ta' Stati Membri għad għandhom diffikultajiet biex jilħqu konformità sħiħa. Il-fondi Ewropej jipprovdu appoġġ essenzjali biex jgħinu lill-Istati Membri jiksbu l-investimenti meħtieġa. Bħala medja kull sena, EUR 2 biljun huma ddedikati għal investimenti fil-provvista tal-ilma u fis-sanità fl-UE. Skont l-Evalwazzjoni, dan l-approċċ li jgħaqqad flimkien l-infurzar u l-appoġġ finanzjarju ħalla l-frott u għen biex jiġu żgurati **livelli** progressivament **għoljin ta' konformità** mad-Direttiva.

L-operaturi tal-ilma mormi huma prinċipalment (60 %) kumpaniji pubbliċi li huma proprjetà tal-awtoritajiet pubbliċi kompetenti. Jistgħu jkunu wkoll kumpaniji privati li joperaw għal awtorità pubblika kompetenti jew għal kumpaniji mħallta. Dawn huma parti minn suq "kaptiv" peress li n-nies u n-negozji konnessi man-network pubbliku ma jistgħux jagħżlu l-operaturi tagħhom. Kemm l-Evalwazzjoni kif ukoll il-proċess ta' konsultazzjoni kkonfermaw li s-settur huwa fil-biċċa l-kbira reattiv għar-rekwiżiti legali.

L-Evalwazzjoni identifikat tliet settijiet ewlenin ta' sfidi li fadal, li servew bħala bażi għad-definizzjoni tal-problemi għall-valutazzjoni tal-impatt:

---

1 ĠU L 135, 30.5.1991

2 Id-Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni SWD (2019) 700, *Evaluation of the Council Directive 91/271/EEC of 21 May 1991, concerning urban waste-water treatment.*

3 L-unità standard għall-kejl tat-tniġġis hija l-"ekwivalent ta' popolazzjoni" (e.p.). Dan jiddeskrivi t-tniġġis medju rilaxxat minn persuna waħda/jum. Minbarra l-iskariki miċ-ċittadini tal-UE, il-faċilitajiet ċentralizzati ta' trattament qed jittrattaw ukoll l-ilmijiet mormija mill-SMEs konnessi man-networks ta' ġbir pubbliċi.

**1. It-tniġġis li jifdal minn sorsi urbani**: id-Direttiva hija ffukata fuq it-tniġġis minn sorsi domestiċi miġbura u ttrattati f'faċilitajiet ċentralizzati. Hija mogħtija inqas attenzjoni lil sorsi oħra ta' tniġġis urban, li issa qed isiru dominanti (bliet iżgħar taħt l-2 000 e.p., faċilitajiet deċentralizzati, tniġġis mill-ilmijiet tax-xita). Il-valuri ta' limitu għat-trattament ta' xi sustanzi niġġiesa issa huma skaduti meta mqabbla mal-progress tekniku li sar mill-1991 'l hawn u tfaċċaw sustanzi niġġiesa ġodda bħall-mikroplastiks jew il-mikrosustanzi niġġiesa, li jistgħu jkunu ta' ħsara għall-ambjent jew għas-saħħa pubblika anke f'livell baxx ħafna ta' konċentrazzjoni.

2. **Allinjament tad-Direttiva mal-Patt Ekoloġiku Ewropew (EGD)[4]:** mill-adozzjoni tad-Direttiva, tfaċċaw sfidi tas-soċjetà ġodda. L-EGD jistabbilixxi objettivi ta' politika ambizzjużi għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, għat-titjib taċ-ċirkolarità tal-ekonomija tal-UE u għat-tnaqqis tad-degradazzjoni ambjentali. Huma meħtieġa sforzi addizzjonali fis-settur tal-ilma mormi biex: jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tiegħu (34,45 miljun tunnellata ta' $CO_2e$/sena - madwar 0,86 % tal-emissjonijiet totali tal-UE), jitnaqqas il-konsum tal-enerġija tiegħu (madwar 0,8 % tal-użu totali tal-enerġija fl-UE) u jsir aktar ċirkolari billi tittejjeb il-ġestjoni tal-ħama (b'mod partikolari billi n-nitroġenu u l-fosforu jiġu rkuprati aħjar u possibbilment isiru materjal organiku ta' valur) u jiżdied l-użu mill-ġdid b'mod sikur tal-ilma ttrattat.

**3. Livell insuffiċjenti u inugwali ta' governanza:** L-istudji tal-Evalwazzjoni u tal-OECD urew li l-livell ta' prestazzjoni u trasparenza tal-operatur ivarja ħafna minn wieħed għal ieħor. Barra minn hekk, rapport tal-Qorti tal-Awdituri[5] enfasizza li l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas ma huwiex applikat biżżejjed. Il-metodi ta' monitoraġġ u rapportar jistgħu jittejbu b'mod partikolari permezz ta' aktar diġitalizzazzjoni. Fl-aħħar nett, il-kriżi reċenti tal-COVID-19 uriet li l-ilmijiet mormija huma sors rapidu u affidabbli ħafna ta' informazzjoni utli għas-saħħa pubblika jekk l-awtoritajiet kompetenti għall-ġestjoni tas-saħħa u tal-ilma mormi jkunu kkoordinati sew.

Ir-reviżjoni tad-Direttiva hija waħda mir-riżultati tal-pjan ta' azzjoni ta' tniġġis żero_(ZPA). L-objettiv ewlieni tiegħu huwa li jindirizza l-isfidi msemmija hawn fuq b'mod kosteffettiv filwaqt li jżomm id-Direttiva sempliċi kemm jista' jkun biex jiżgura implimentazzjoni u infurzar xieraq tar-rekwiżiti tiegħu.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Ir-reviżjoni tal-UWWTD hija mistennija li tkompli tnaqqas l-iskariki tat-tniġġis minn sorsi urbani. F'dak is-sens, hija marbuta direttament mar-reviżjoni tal-listi tas-sustanzi niġġiesa skont id-Direttiva dwar Standards tal-Kwalità Ambjentali[6] u d-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art[7] – żewġ Direttivi "individwali" tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma[8] (WFD), li jirregolaw il-livelli aċċettabbli ta' sustanzi niġġiesa fil-korpi tal-ilma ta' taħt l-art. Ir-reviżjoni tal-UWWTD se jkollha impatt pożittiv fuq ir-reġimi futuri tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina[9] (MSFD) u fuq ir-reġimi tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Ilma għall-Għawm[10]

[4] COM(2019) 640 final

[5] Rapport Speċjali 12/2021: *Il-Prinċipju ta' Min Iniġġes Iħallas: Applikazzjoni inkonsistenti fil-politiki u fl-azzjonijiet ambjentali tal-UE*

[6] ĠU L 348, 24.12.2008

[7] ĠU L 372, 27.12.2006

[8] ĠU L 327, 22.12.2000

[9] ĠU L 164, 25 ta' Ġunju 2008

[10] ĠU L 64, l-04 ta' Marzu 2006

(BDW). Hija marbuta wkoll mar-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali[11] (IED) u mar-rieżami relatat tar-Regolament E-PRTR[12], peress li xi emissjonijiet industrijali jinġabru f'networks ta' ġbir pubbliċi. Azzjonijiet addizzjonali inklużi fir-reviżjoni tal-UWWTD biex ikomplu jitnaqqsu l-mikrosustanzi niġġiesa u b'mod partikolari li jiġu mill-użu ta' prodotti farmaċewtiċi u tal-kura personali se jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tajba tal-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà u tal-Istrateġija Farmaċewtika għall-UE[13].

Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari[14] jindika b'mod ċar li hija meħtieġa integrazzjoni aħjar tas-settur tal-ilma mormi urban mal-ekonomija ċirkolari. Dan huwa partikolarment rilevanti għad-Direttiva dwar il-Ħama tad-Drenaġġ[15], li tirregola l-użu tal-ħama tad-drenaġġ fl-agrikoltura u għandha implikazzjonijiet għall-proposta dwar is-saħħa tal-ħamrija mħabbra fl-Istrateġija tal-UE dwar il-Ħamrija għall-2030.

Hemm rabtiet diretti mal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità peress li t-tnaqqis tat-tniġġis tal-ilma għandu effett ta' benefiċċju dirett għall-ekosistemi. L-azzjonijiet għall-bliet ekoloġiċi, bħal dawk li jirriżultaw mil-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura[16], jistgħu mhux biss joħolqu ħabitat tajjeb għall-pollinaturi, għall-għasafar u għal speċijiet oħra, iżda jgħinu wkoll direttament fil-kontroll tal-ilma tax-xita u tat-tniġġis relatat, filwaqt li jtejbu l-kwalità ġenerali tal-ħajja. Ġestjoni aħjar tal-kwalità u tal-kwantitajiet tal-ilma fiż-żoni urbani se tikkontribwixxi għall-adattament għat-tibdil fil-klima wkoll.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Ir-realtà ġeopolitika l-ġdida tirrikjedi li l-UE taċċellera drastikament it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa biex ittemm id-dipendenza tagħha fuq forrnituri mhux affidabbli u fuq fjuwils fossili volatili. F'konformità mal-objettivi tal-pjan REPowerEU[17] u l-proposta legali tal-2022 COM(2022)222 li temenda d-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, li diġà tidentifika l-faċilitajiet għat-trattament tal-ilma mormi bħala "żoni deżinjati", ir-reviżjoni tad-Direttiva hija mistennija li tikkontribwixxi direttament għal dawn l-objettivi billi tistabbilixxi objettiv ċar u li jista' jitkejjel biex sal-2040 tintlaħaq in-newtralità enerġetika fis-settur tat-trattament tal-ilma mormi. L-esperjenza mill-Istati Membri l-aktar avvanzati turi li dan jista' jinkiseb permezz ta' taħlita ta' azzjonijiet biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika, f'konformità mal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel", u permezz tal-produzzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari tal-bijogass mill-ħama, li jista' jissostitwixxi l-importazzjonijiet tal-gass naturali.

Dan l-objettiv huwa konsistenti bis-sħiħ mal-objettiv tan-newtralità klimatika tal-UE kif inkluż fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima[18] flimkien mar-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi[19], li jirrikjedi li l-Istati Membri jnaqqsu l-emissjonijiet tagħhom ta' gassijiet serra minn setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS skont l-objettivi nazzjonali. Huwa konsistenti wkoll mal-proposta riformulata dan l-aħħar tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija[20] (EED) li

[11] ĠU L 334, 17.12.2010
[12] ĠU L 33, 4.2.2006
[13] COM(2020) 761 final.
[14] COM(2020) 98 final.
[15] ĠU L 181, 4 ta' Lulju 1986.
[16] COM/2022/304 final.
[17] COM(2022) 108 final.
[18] ĠU L 243, 9.7.2021.
[19] ĠU L 156, 19.6.2018.
[20] ĠU L 315, 14.11.2012.

tinkludi mira ta' tnaqqis annwali ta' 1,7 % tal-konsum tal-enerġija għall-korpi pubbliċi kollha, mal-proposta tal-2021 għal reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli[21] (REDII) u mal-Pjan REPowerEU li jinkludi objettiv miżjud ta' 45 % ta' enerġija rinnovabbli sal-2030. L-inizjattiva tista' tikkontribwixxi wkoll għall-objettiv tal-Pjan REPowerEU li l-produzzjoni tal-bijometan fl-UE tiżdied għal 35 biljun metru kubu fl-2030, u għall-Proposta tal-2021 tal-Kummissjoni għal regolament immirat lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan (COM/2021/805).

Ir-reviżjoni ta' din id-Direttiva hija wkoll konformi għal kollox mal-proposti finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa (CoFE), b'mod partikolari l-proposti dwar l-indirizzar tat-tniġġis, b'mod aktar speċifiku l-Proposta 2.7 għall-"Protezzjoni tas-sorsi tal-ilma u l-ġlieda kontra t-tniġġis tax-xmajjar u tal-oċeani inkluż. permezz tar-riċerka u l-ġlieda kontra t-tniġġis mikroplastiku".

Finalment, din il-proposta se tikkontribwixxi direttament għall-prinċipju 20 tal-Pilastru Ewropew għad-Drittijiet Soċjali[22]. L-UE hija impenjata wkoll li ssegwi l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha, fosthom l-SDG 6 dwar l-aċċess għal sanità u iġjene adegwati u ekwi għal kulħadd.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-UWWTD attwali hija bbażata fuq l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)[23], li jiddikjara li *l-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent għandu jkollha l-mira ta' protezzjoni ta' livell għoli li tieħu kont tad-diversità tas-sitwazzjonijiet fid-diversi reġjuni tal-Unjoni. Għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u fuq il-prinċipji li azzjoni preventiva għandha tittieħed, li l-ħsara lill-ambjent għandha, bħala prijorità tissewwa f'ras il-għajn u li min iniġġes jenħtieġ li jħallas*. Għalhekk, trid tittieħed azzjoni fil-qasam tal-ġestjoni tal-ilma mormi skont dawn id-dispożizzjonijiet ewlenin u fid-dawl tal-kompetenza kondiviża mal-Istati Membri. Dan ifisser li l-UE tista' tilleġiżla biss b'kunsiderazzjoni xierqa għall-prinċipji tan-neċessità, tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-azzjoni tal-UE tibqa' essenzjali biex jiġi żgurat li n-nies kollha li jgħixu fl-UE jkunu jistgħu jibbenefikaw minn kwalità tal-ilma mtejba tax-xmajjar, tal-lagi, tal-ilmijiet ta' taħt l-art u tal-ibħra. Peress li 60 % tal-korpi tal-ilma tal-UE huma transkonfinali, huwa meħtieġ li jiġi żgurat l-istess livell ta' protezzjoni kullimkien u bl-istess ritmu, biex jiġi evitat ir-riskju li l-isforzi li jsiru minn xi Stati Membri jiġu pperikolati min-nuqqas ta' progress minn oħrajn. L-Evalwazzjoni wriet li fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, id-Direttiva kienet fattur ewlieni uniku għall-investiment fl-infrastrutturi meħtieġa.

L-Evalwazzjoni kkonfermat ukoll li l-azzjoni tal-UE għandha l-potenzjal li tkompli tiżgura **livell ugwali ta' ħarsien tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem** madwar l-Istati Membri kollha. Matul l-aħħar 30 sena ta' implimentazzjoni tal-UWWTD, il-kwalità tas-siti tal-ilma għall-għawm (u għalhekk it-turiżmu u r-rikreazzjoni), tal-ilma mhux ipproċessat użat għall-produzzjoni tal-ilma tax-xorb u tal-korpi tal-ilma b'mod ġenerali ġiet ippreżervata jew,

[21] COM/2021/557 final.
[22] COM/2021/102 final.
[23] ĠU C 326, 26.10.2012

f'diversi każijiet, tjiebet. Il-pandemija reċenti tal-COVID-19 uriet l-interdipendenza tal-Istati Membri f'termini taċ-ċirkolazzjoni tal-virus. L-iżgurar ta' traċċar effettiv, rapidu u armonizzat ta' fatturi patoġeniċi fl-ilmijiet mormija jista' jkun ta' benefiċċju għall-UE kollha. Mingħajr azzjoni armonizzata u integrata tal-UE, il-possibbiltajiet ta' traċċar ta' tipi ġodda ta' virusijiet u ta' osservazzjoni ta' **parametri tas-saħħa** rilevanti oħra fl-ilmijiet mormija jinkisbu biss fi ftit Stati Membri, li x'aktarx ikunu dawk l-aktar avvanzati.

It-titjib tal-**aċċess għas-sanità** jenħtieġ li jiġi żgurat għal kull min jgħix fl-UE. Jenħtieġ li jiġi żgurat ukoll **aċċess** ugwali **għal informazzjoni ewlenija** (dwar il-prestazzjonijiet ekonomiċi u ambjentali tal-operaturi tal-ilma mormi) għal kulħadd. L-Istati Membri kollha qed jiffaċċjaw il-konsegwenzi tat-**tibdil fil-klima**, b'mod partikolari fuq ix-xejriet idroloġiċi tagħhom. Ix-xejriet tax-xita nbidlu u – apparti l-għargħar – iżidu r-riskji tat-tniġġis minħabba ilmijiet tax-xita mhux ittrattati (fajdiet tal-ilma tal-maltemp u ilma tax-xeba' urban). Bl-istess mod, fl-Istati Membri kollha hemm preżenti sustanzi niġġiesa ta' tħassib emerġenti bħall-mikrosustanzi niġġiesa jew il-mikroplastiks. Dan huwa wkoll il-każ għall-biċċa l-kbira tal-ammonti li jifdal minn sorsi urbani, li jaffettwaw il-kwalità tal-ilma fl-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, il-fatturi ewlenin għall-problemi identifikati huma simili ħafna minn Stat Membru għal ieħor.

Fl-aħħar nett, l-Evalwazzjoni wriet li l-istandards tal-UE kienu fattur ewlieni kruċjali għall-iżvilupp ta' **industrija tal-ilma tal-UE kompetittiva** fuq livell globali. Mill-adozzjoni tad-Direttiva, inħolqu diversi mexxejja dinjin ewlenin fil-qasam tat-trattament tal-ilma mormi u dawn qed jesportaw is-servizzi tagħhom madwar id-dinja. Aktar modernizzazzjoni tal-istandards tal-UE, pereżempju b'rekwiżiti ġodda dwar il-mikrosustanzi niġġiesa jew l-użu tal-enerġija, tistimula l-**innovazzjoni** u fl-aħħar mill-aħħar l-**ekonomiji ta' skala**.

- **Proporzjonalità**

L-għażla ppreferuta tinkludi **pakkett proporzjonat** ta' miżuri li jirrappreżentaw l-**aħjar "valur għall-flus"** tal-għażliet kollha possibbli (ara t-Taqsima 7.1 tal-valutazzjoni tal-impatt għal aktar dettalji). Ingħatat attenzjoni bir-reqqa biex tinstab soluzzjoni ottimali bbażata fuq:

- l-analiżi tal-kostijiet u tal-benefiċċji (jew l-analiżi tal-kosteffettività fil-każ ta' mikrosustanzi niġġiesa, fin-nuqqas ta' metodu affidabbli għall-benefiċċji monetizzati): **il-benefiċċji monetizzati huma sistematikament akbar mill-kostijiet** għal kull miżura individwali tal-għażla ppreferuta fl-Istati Membri kollha;
- **tnaqqis tal-piż amministrattiv u eżegwibilità:** billi jkunu fil-mira għadd limitat biss ta' faċilitajiet jew agglomerazzjonijiet, jistgħu jinkisbu riżultati sinifikanti fuq parametri ewlenin bħat-tnaqqis tat-tniġġis, l-użu tal-enerġija u l-emissjonijiet ta' gassijiet serra filwaqt li jinżamm il-piż amministrattiv f'livell proporzjonali u jiġi żgurat livell għoli ta' eżegwibilità;
- l-introduzzjoni ta' **approċċ ibbażat fuq ir-riskju** għall-biċċa l-kbira tal-miżuri proposti, li se jgħin biex jiġi żgurat li l-investimenti jkunu qed isiru fejn ikunu meħtieġa.

Meta kien meħtieġ li jintlaħqu soluzzjonijiet ottimali lokali, il-flessibbiltà tħalliet f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali jew lokali. Dan huwa l-każ, pereżempju, għall-ilħuq tal-objettiv tan-newtralità enerġetika jew għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-ilmijiet tax-xita bis-saħħa ta' pjanijiet integrati ta' ġestjoni tal-ilma.

- **Għażla tal-istrument**

L-objettiv tal-inizjattiva jista' jiġi segwit bl-aħjar mod permezz ta' riformulazzjoni tad-Direttiva li – kif muri fl-Evalwazzjoni REFIT, hija l-aktar strument legali xieraq biex jirregola l-ġbir u t-trattament tal-ilma mormi urban.

Direttiva tirrikjedi li l-Istati Membri jilħqu l-objettivi tagħhom u jimplimentaw il-miżuri fis-sistemi legali sostantivi u proċedurali nazzjonali tagħhom. Dan l-approċċ jagħti lill-Istati Membri aktar libertà meta jimplimentaw miżura tal-UE milli jagħmel regolament, fis-sens li l-Istati Membri jistgħu jagħżlu l-aktar mezz xieraq biex jimplimentaw il-miżuri fid-Direttiva.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

L-evalwazzjoni REFIT tal-UWWTD twettqet fl-2019. Minbarra t-tliet sfidi ewlenin identifikati fl-Evalwazzjoni (ara hawn fuq), il-valutazzjoni tal-effettività tad-Direttiva wriet li **rnexxielha tnaqqas l-ammonti tas-sustanzi niġġiesa fil-mira** minn sorsi ta' punti urbani (ilma domestiku/urban mormi u tniġġis industrijali simili). L-ammonti tad-domanda bijokimika ta' ossiġenu, nitroġenu u fosforu fl-ilma mormi ttrattat naqsu madwar l-UE b'61 %, 32 % u 44 % rispettivament bejn l-1990 u l-2014. Dan tejjeb b'mod ċar il-kwalità tal-korpi tal-ilma tal-UE.

Il-valutazzjoni tal-koerenza wriet li d-Direttiva hija internament koerenti b'mod ġenerali. L-UWWTD taħdem b'mod ġenerali f'sinerġija ma' atti ta' leġiżlazzjoni oħra tal-UE u tikkontribwixxi ħafna għall-ilħuq tal-objettivi tad-**Direttiva Qafas dwar l-Ilma**, tad-**Direttiva dwar il-Kwalità tal-Ilma għall-Għawm** u tad-**Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb**[24]. Hemm xi trikkib limitat f'termini ta' liema attivitajiet huma koperti mill-UWWTD meta mqabbla mad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali. B'mod ġenerali, ma hemm ukoll l-ebda kwistjoni ta' koerenza ma' politiki aktar ġodda tal-UE; madankollu, jista' jkun hemm lok għat-titjib tal-konsistenza bejn l-UWWTD u l-politiki dwar il-klima u l-enerġija.

L-analiżi tar-rilevanza u tal-effettività wriet il-ħtieġa ta' intervent kontinwu speċjalment minħabba li ilma mormi urban ttrattat b'mod mhux xieraq jew mhux ittrattat għadu waħda mir-raġunijiet ewlenin għaliex l-ilmijiet tal-UE jonqsu milli jiksbu mill-inqas status tajjeb skont id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. Barra minn hekk, il-komunità xjentifika, dawk li jfasslu l-politika u l-pubbliku ġenerali jaraw l-evidenza dejjem akbar ta' **kontaminanti ta' tħassib emerġenti**, inklużi mikrosustanzi niġġiesa bħall-farmaċewtiċi u l-mikroplastiks fil-korpi tal-ilma, bħala kwistjoni dejjem aktar importanti.

Fir-rigward tal-potenzjali tal-ekonomija ċirkolari, l-UWWTD fiha dispożizzjonijiet limitati dwar l-użu mill-ġdid jew l-irkupru ta' komponenti ta' valur tal-ilma mormi u tal-ħama. Dawn qatt ma ġew infurzati b'mod strett, parzjalment minħabba n-nuqqas ta' standards armonizzati b'saħħithom fil-livell tal-UE u r-riskji potenzjali għas-saħħa tal-bniedem.

Il-valutazzjoni tal-valur miżjud Ewropew, li kienet tinkludi l-kunsiderazzjoni ta' jekk l-UWWTD tikkonformax mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, uriet rikonoxximent wiesa' fost il-partijiet ikkonċernati li d-Direttiva għadha meħtieġa, u li l-irtirar tagħha jkollu impatti negattivi. Id-Direttiva tappoġġa l-protezzjoni ta' madwar 60 % tal-baċiri tal-ilma

[24] ĠU L 435, 23.12.2020

transkonfinali tal-UE mill-effetti negattivi tal-iskariki tal-ilma mormi. Fl-aħħar nett, ġew identifikati diversi possibbiltajiet biex tiġi ssimplifikata u użata aħjar id-diġitalizzazzjoni fl-Evalwazzjoni u dawn ġew inklużi fir-rieżami tad-Direttiva.

L-Evalwazzjoni ġiet imtejba wara s-suġġerimenti tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (opinjoni tas-17 ta' Lulju 2019) b'mod partikolari fejn jidħlu r-raġunijiet ewlenin wara d-diffikultajiet ta' konformità f'xi Stati Membri, il-kuntest usa' li jinfluwenza l-kwalità tal-ilmijiet tal-UE, l-importanza li jiġu indirizzati sustanzi niġġiesa ġodda. Il-konklużjonijiet ġew imsaħħa u ġew ipprovduti aktar dettalji dwar is-sitwazzjoni ta' kull Stat Membru.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-Evalwazzjoni u mbagħad il-valutazzjoni tal-impatt għaddew minn proċess ta' konsultazzjoni bir-reqqa li kien jinkludi varjetà ta' attivitajiet ta' konsultazzjoni differenti, kif stabbilit fl-istrateġija ta' konsultazzjoni. Il-metodi magħżula għall-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati kienu jikkonsistu f'intervisti semistrutturati, workshops interattivi, konsultazzjoni pubblika online (OPC) wiesgħa biex tintlaħaq firxa kbira ta' partijiet ikkonċernati dwar varjetà ta' suġġetti u konsultazzjoni bil-miktub dwar informazzjoni fattwali u suppożizzjonijiet għall-immudellar. Saret konferenza finali tal-partijiet ikkonċernati biex jinkisbu fehmiet dwar l-għażliet ta' politika differenti proposti mill-Kummissjoni.

L-OPC damet għal 12-il ġimgħa, mit-28 ta' April sal-21 ta' Lulju 2021. Ġew riċevuti total ta' 285 tweġiba, u ġew sottomessi 57 dokument ta' pożizzjoni. L-OPC ġabret fehmiet tar-rispondenti dwar il-problemi relatati mat-tniġġis tal-ilma mormi u kif għandhom jiġu indirizzati dawn il-problemi bl-aħjar mod. Il-mistoqsijiet kienu jirrikjedu lill-parteċipanti jagħtu punteġġ għad-dikjarazzjonijiet jew għall-miżuri proposti fuq skala minn wieħed (l-inqas li taqbel magħha/effettiva) sa ħamsa (l-aktar li taqbel magħha/effettiva).

L-Istati Membri ġew ikkonsultati f'diversi okkażjonijiet. Laqgħa speċifika ma' esperti tal-Istati Membri għenet biex jiġu identifikati l-aħjar prattiki u l-għażliet possibbli fil-bidu tal-proċess. Dan tlesta b'konsultazzjoni speċifika ta' kull Stat Membru fl-2020 biex jinbena xenarju bażi solidu (ara hawn taħt). Barra minn hekk, fl-2021 saru erba' workshops tematiċi online dwar (i) il-monitoraġġ u r-rapportar; (ii) l-ilma mormi u l-ħama; (iii) il-kostijiet u l-benefiċċji; u (iv) il-monitoraġġ integrat tal-ilma. Fis-26 ta' Ottubru 2021 saret konferenza finali virtwali tal-partijiet ikkonċernati biex jiġu ppreżentati l-għażliet ewlenin u l-ewwel riżultati tal-valutazzjoni tal-impatt (312-il parteċipant minn 226 organizzazzjoni, f'27 Stat Membru).

B'mod ġenerali, kien hemm kunsens wiesa' fost il-partijiet ikkonċernati dwar il-ħtieġa li d-Direttiva tiġi riveduta u mmodernizzata u dwar l-għażliet ewlenin li għandhom jiġu kkunsidrati għall-analiżi fil-valutazzjoni tal-impatt. Il-miżuri inklużi fl-għażla ppreferuta huma ġeneralment appoġġati tajjeb mill-parti kkonċernata, b'xi varjazzjonijiet skont l-għażliet u l-gruppi tal-partijiet ikkonċernati.

Pereżempju, kien hemm kunsens wiesa' fost il-partijiet ikkonċernati dwar il-ħtieġa li tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-mikrosustanzi niġġiesa mill-ilmijiet mormija. Minbarra xi partijiet ikkonċernati tan-negozju (parti mill-industrija kimika u farmaċewtika), il-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż in-negozju relatat mal-ilma, appoġġaw ir-rekwiżit li jitneħħew il-mikrosustanzi niġġiesa. Il-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati saħqu wkoll fuq l-importanza tal-miżuri li għandhom jittieħdu fis-sors iżda wkoll fuq il-ħtieġa li jiġi applikat aħjar il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas billi l-produtturi jsiru responsabbli finanzjarjament għall-kostijiet marbuta mat-trattamenti addizzjonali meħtieġa biex jiġu ttrattati l-mikrosustanzi niġġiesa. L-approċċ tar-responsabbiltà estiża tal-produttur (EPR) irċieva appoġġ wiesa' mill-

maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati, ħlief mill-industriji farmaċewtiċi u kimiċi, li b'mod ġenerali ma humiex favur sistema bħal din, b'mod partikolari minħabba li r-responsabbiltà finanzjarja jenħtieġ li jew tiġi kondiviża mill-atturi kollha involuti fil-katina (mill-industrija għall-konsumaturi) jew tittieħed mill-awtoritajiet pubbliċi.

L-awditi tal-enerġija rċevew appoġġ wiesa', filwaqt li l-objettivi u l-miri bbażati fl-UE dwar in-newtralità enerġetika kienu inqas appoġġati mill-Istati Membri jew mill-awtoritajiet lokali milli minn partijiet ikkonċernati oħra. Rispons addizzjonali riċevut mill-aktar rappreżentanti importanti tal-industrija tal-ilma wera rieda li jkun hemm miri kemm tal-enerġija kif ukoll tan-newtralità klimatika inklużi bi skadenza iqsar (2030) minn dik prevista f'dan ir-rapport. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri avvanzati appoġġaw b'mod ċar mira għall-UE kollha simili għall-mira tagħhom stess. Fl-aħħar nett, il-partijiet ikkonċernati talbu wkoll għal aktar ċarezza dwar xi aspetti bħall-kriterji biex jiġu deżinjati żoni "sensittivi" soġġetti għall-ewtrofikazzjoni.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Minbarra l-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, intużaw is-sorsi ewlenin ta' informazzjoni li ġejjin biex tinbena l-valutazzjoni tal-impatt:

**Mudelli żviluppati mill-JRC**: Matul diversi snin, il-JRC żviluppa mudelli dwar il-kwalità u l-kwantità tal-ilma fl-UE. Dawn il-mudelli ġew adattati għall-mistoqsijiet ta' politika relatati mal-Evalwazzjoni u mal-valutazzjoni tal-impatt.

**Konsultazzjoni ta' esperti *ad hoc***: taħt it-tmexxija konġunta tal-JRC u tad-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent (DĠ ENV), ġie kkonsultat il-konsorzju żgħir ta' esperti dwar kwistjonijiet speċifiċi ta' politika (Sistemi Xierqa Individwali – IAS, reżistenza għall-antimikrobiċi, fajdiet tad-drenaġġ u ilma tax-xeba' urban kombinati, nutrijenti, mikroplastiks, u emissjonijiet tal-gassijiet serra). Għal kull kwistjoni, tħejja rapport u dan intuża direttament fil-valutazzjoni tal-impatt jew biex jittejjeb il-mudell tal-JRC. Ir-rapporti kollha huma mistennija li jiġu ppubblikati fix-xhur li ġejjin.

Appoġġ mill-**Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi** (OECD): Id-DĠ ENV ikkoopera mal-OECD biex jiżviluppa metodoloġija ta' benefiċċju għall-valutazzjoni tal-impatt. L-OECD ipproduċiet ukoll diversi rapporti b'appoġġ għall-Evalwazzjoni REFIT. Barra minn hekk, l-OECD ipprovdiet analiżi tal-kwistjonijiet relatati mat-trasparenza u mal-governanza.

**Konsultazzjoni fil-fond tal-Istati Membri:** fl-2020, ġiet organizzata konsultazzjoni speċifika ta' kull Stat Membru biex jiġi stabbilit xenarju bażi solidu u biex tinġabar evidenza dwar l-aħjar prattiki. Għal kull pajjiż imtliet skeda informattiva minn qabel, bl-ipoteżi li l-JRC kellu l-intenzjoni li juża fil-kuntest tal-immudellar. L-Istati Membri kollha pprovdew inputs *ad hoc* matul din il-konsultazzjoni.

Sabiex tiġi appoġġata l-valutazzjoni tal-impatt, ġew attribwiti żewġ kuntratti ta' appoġġ lil **konsulenti esterni**, wieħed għall-valutazzjoni tal-impatt ġenerali u ieħor għall-fattibbiltà ta' sistema tar-responsabbiltà estiża tal-produttur għall-mikrosustanzi niġġiesa.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Twettqet valutazzjoni tal-impatt. L-iskeda tas-sommarju u l-opinjoni pożittiva tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju datata t-3 ta' Ġunju 2022 jistgħu jiġu aċċessati mil-link li ġejja: Reġistru ta' Dokumenti tal-Kummissjoni (europa.eu)

Għal kull problema li qajmet l-Evalwazzjoni, ġew identifikati għażliet ta' politika abbażi tal-aħjar prattiki stabbiliti fl-Istati Membri u abbażi ta' konsultazzjoni fil-fond tal-partijiet ikkonċernati. L-għażliet li ma kellhomx appoġġ mill-partijiet ikkonċernati jew li kienu kumplessi wisq biex jiġu implimentati ġew skartati fi stadju bikri. Ġew żviluppati livelli differenti ta' ambizzjoni li jvarjaw minn livell baxx ta' ambizzjoni (miżuri applikati biss għal faċilitajiet akbar) għal livell għoli ta' ambizzjoni (l-istess miżuri iżda applikati wkoll għal faċilitajiet iżgħar)[25] b'livell intermedju ta' ambizzjonijiet ibbażat fuq approċċ ibbażat fuq ir-riskju (miżuri meħuda biss fejn ikun hemm riskju għall-ambjent jew għas-saħħa pubblika).

Għal xi kwistjonijiet, il-konsultazzjoni wriet li l-għażliet huma limitati – pereżempju għal faċilitajiet mhux ċentralizzati (jiġifieri IAS), għat-trasparenza jew għall-monitoraġġ tal-parametri tas-saħħa. Għal problemi oħra (ilmijiet tax-xita qawwija jew użu tal-enerġija), f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, tħalliet biżżejjed flessibbiltà biex tippermetti li jitfasslu l-aktar soluzzjonijiet kosteffettivi fil-livell lokali.

L-impatti tal-għażliet ġew ivvalutati bl-użu ta' mudell żviluppat mill-JRC diġà żviluppat u użat għall-Evalwazzjoni REFIT. Bħala punti ta' tqabbil ġew żviluppati **xenarju bażi** (jekk wieħed jassumi konformità sħiħa tad-Direttiva eżistenti bi skadenzi addizzjonali għal xi Stati Membri) u **xenarju fattibbli massimu**.

Għal kull problema, l-għażla ppreferuta kienet ibbażata fuq diversi kriterji: kostijiet/benefiċċji, kostijiet/effettività, livell ta' kontribuzzjoni għall-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, tnaqqis tat-tniġġis tal-ilma, eżegwibilità u tnaqqis tal-piż amministrattiv. L-għażla ppreferuta tinkludi **pakkett proporzjonat** ta' miżuri li jirrappreżentaw l-**aħjar "valur għall-flus"** tal-għażliet kollha possibbli.

Il-miżuri ewlenin li ġejjin se jiġu applikati progressivament sal-2040.

Il-**kamp ta' applikazzjoni** tad-Direttiva se jiġi estiż għal agglomerazzjonijiet ta' **aktar minn 1 000 e.p**.

Se jiġu żviluppati **standards ġodda** għal faċilitajiet deċentralizzati (**IAS)** filwaqt li l-Istati Membri se jkunu meħtieġa jistabbilixxu **spezzjoni effettiva** għal dawn il-faċilitajiet.

Sabiex jitnaqqas it-tniġġis minħabba l-ilmijiet tax-xita, l-Istati Membri se jkunu meħtieġa jistabbilixxu u jimplimentaw **pjanijiet integrati ta' ġestjoni tal-ilma** fl-agglomerazzjonijiet il-kbar kollha u f'dawk ta' aktar minn 10 000 e.p. fejn hemm riskju għall-ambjent. Se tingħata prijorità lill-**miżuri preventivi** inklużi l-infrastrutturi ekoloġiċi u lill-**ottimizzazzjoni** tas-sistemi eżistenti ta' ġbir, ħżin u trattament billi tintuża aħjar id-diġitalizzazzjoni bbażata fuq standards u speċifikazzjonijiet iddefiniti b'mod ċar.

L-iskariki tan-nutrijenti se jkomplu jitnaqqsu b'**valuri ta' limitu aktar stretti** biex jiġu ttrattati n-nitroġenu u l-fosforu. Dawn l-istandards il-ġodda se jiġu applikati sistematikament għall-faċilitajiet kbar kollha ta' aktar minn 100 000 e.p. iżda wkoll fil-faċilitajiet kollha ta' aktar minn 10 000 e.p. li jinsabu f'żoni fejn l-ewtrofikazzjoni għadha problema.

---

25 Il-limitu għal faċilitajiet "akbar" ġie stabbilit għal 100 000 e.p. filwaqt li tqies li 46 % tal-ammont iġġenerat jiġi ttrattat f'għadd relattivament baxx ta' faċilitajiet "akbar" (974). Livell limitu ieħor ta' 10 000 e.p. ġie stabbilit minħabba li 81 % tal-ammont jiġi ttrattat f'7 527 faċilità akbar minn 10 000 e.p.

Se jiġu stabbiliti **valuri ta' limitu ġodda** għall-**mikrosustanzi niġġiesa** li jirrikjedu **trattament addizzjonali**. Dan japplika l-ewwel għall-faċilitajiet kbar kollha u mbagħad għall-faċilitajiet ta' aktar minn 10 000 e.p. fejn hemm riskju għall-ambjent jew għas-saħħa pubblika abbażi ta' kriterji ċari u sempliċi.

Se tiġi stabbilita sistema ta' **responsabbiltà tal-produttur** immirata lejn il-prodotti farmaċewtiċi u tal-kura personali – iż-żewġ sorsi ewlenin ta' mikrosustanzi niġġiesa li jagħmlu l-ħsara, biex **tkopri l-kostijiet addizzjonali tat-trattament** għall-mikrosustanzi niġġiesa u **tinċentiva** t-tqegħid fis-suq tal-UE ta' **prodotti li jagħmlu inqas ħsara**[26].

L-Istati Membri se jkunu meħtieġa jimmonitorjaw aħjar u **jintraċċaw fis-sors it-tniġġis mhux domestiku**. Dan se jsir biex jiżdiedu l-possibbiltajiet ta' użu mill-ġdid tal-ħama u tal-ilma ttrattat, u biex jitnaqqas ir-riskju ta' skariku ta' sustanzi li ma jistgħux jiġu ttrattati fl-ambjent u r-riskju ta' ħsara fl-impjanti tat-trattament.

Sal-2040 se jiġi stabbilit objettiv tan-**newtralità enerġetika** fil-livell nazzjonali għall-faċilitajiet kollha tal-ilma mormi ta' aktar minn 10 000 e.p., f'konformità mal-aħjar prattiki diġà stabbiliti f'xi Stati Membri; b'mod speċifiku, l-enerġija użata mis-settur se jkollha tkun ekwivalenti għall-produzzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli mis-settur; biex tikkontribwixxi għal dan l-objettiv; se jkunu meħtieġa **awditi tal-enerġija**[27] għall-faċilitajiet kollha ta' aktar minn 10 000 e.p.

Sabiex **tittejjeb il-governanza** tas-settur, l-operaturi tal-ilma mormi se jintalbu jimmonitorjaw u **jagħmlu l-indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin trasparenti.**

L-**aċċess għas-sanità** se jittejjeb b'mod konsistenti bis-sħiħ mad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb riveduta adottata reċentement, fejn l-aċċess għall-provvista tal-ilma tjieb ukoll.

Il-**monitoraġġ u r-rapportar** se jittejbu biex jintużaw aħjar il-possibbiltajiet offruti mid-**diġitalizzazzjoni.**

L-Istati Membri se jkunu meħtieġa jorganizzaw kooperazzjoni bejn l-**awtoritajiet kompetenti tas-saħħa u tal-ilma mormi** tagħhom sabiex ikun hemm sorveljanza permanenti tal-parametri ewlenin tas-saħħa pubblika, bħall-preżenza ta' xi virusijiet bħas-SARS-COVID-2.

Il-perjodu ta' żmien tal-2040 intgħażel biex **jagħti biżżejjed żmien lill-Istati Membri** biex jagħmlu l-investimenti meħtieġa. Se jiġu inklużi objettivi *interim* biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni progressiva tad-Direttiva u biex jiġi żgurat li tittieħed azzjoni fi stadju bikri f'każ ta' dewmien f'xi Stati Membri.

Sal-2040, meta l-miżuri kollha jkunu mistennija li jkunu stabbiliti, jistgħu jinġabru fil-qosor l-impatti ewlenin tal-għażla ppreferuta kif ġej:

---

[26] Is-sistema prevista tkun simili għas-sistemi stabbiliti għall-immaniġġar tal-iskart solidu: l-importaturi u l-produtturi se jkunu finanzjarjament responsabbli għat-trattament tat-tniġġis iġġenerat mill-prodotti tagħhom. F'dan il-każ, il-farmaċewtiċi u l-prodotti tal-kura personali (PCPs) jirrappreżentaw is-sorsi ewlenin ta' mikrosustanzi niġġiesa.

[27] L-awditi se jinkludu identifikazzjoni sistematika tal-potenzjal ta' użu jew ta' produzzjoni kosteffettivi tal-enerġija rinnovabbli f'konformità mal-kriterji skont l-Anness VI tal-proposta tal-Kummissjoni għar-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija (COM(2021) 558 final).

- F'termini ta' **tniġġis tal-ilma**, meta mqabbel mal-linja bażi, it-tniġġis totali jitnaqqas b'4,8 miljun e.p. (jew 105 014-il tunnellata) għad-DBO, 56,4 miljun e.p. għal N (jew 229 999 tunnellata), 49,6 miljun e.p. (jew 29 678 tunnellata) għal P, 77,4 miljun e.p. għall-ammont tossiku tal-mikrosustanzi niġġiesa u 24,8 miljun e.p. għall-*E. Coli*. L-emissjonijiet tal-mikroplastiks jitnaqqsu b'9 %, fil-biċċa l-kbira permezz ta' azzjonijiet dwar ġestjoni mtejba tal-ilmijiet tax-xita.
- Bil-miżuri ppjanati biex tintlaħaq in-newtralità enerġetika u t-trattament addizzjonali tan-nitroġenu, l-**emissjonijiet ta' gassijiet serra** jitnaqqsu b'4,86 miljun tunnellata (**37,32 % tal-emissjonijiet li jistgħu jiġu evitati** mis-settur) li huwa f'konformità mal-objettivi tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima u l-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %".
- Mill-2040, il-**kost totali** jammonta għal EUR 3 848 biljun fis-sena, **inqas mill-benefiċċji monetizzati mistennija** (EUR 6 643 biljun fis-sena sal-2040). Din il-konklużjoni hija valida fil-livell tal-UE iżda wkoll għal kull Stat Membru. Dawn il-kostijiet addizzjonali huma mistennija li jkunu koperti minn taħlita ta' tariffi tal-ilma (51 %), baġits pubbliċi (22 %) u s-sistema l-ġdida ta' responsabbiltà tal-produttur (27 %) għat-trattament ta' mikrosustanzi niġġiesa.

F'termini ta' min huwa affettwat, l-**operaturi tal-ilma mormi** huma responsabbli għall-ġbir, għat-trattament, għall-monitoraġġ u għall-iskariku xieraq ta' flussi differenti ta' skart. Il-bidliet fil-UWWTD se jkollhom impatti diretti fuqhom. Se jkunu meħtieġa investimenti addizzjonali b'mod partikolari biex jiġu ġestiti aħjar in-nutrijenti iżda wkoll biex jiġu ttrattati l-mikrosustanzi niġġiesa. Se jkunu meħtieġa wkoll investimenti biex tintlaħaq in-newtralità enerġetika anke jekk dawn l-investimenti jkunu profittabbli fuq perjodu ta' żmien medju/twil.

**Il-popolazzjoni** hija affettwata peress li t-tariffi u t-taxxi tal-ilma jitħallsu mill-popolazzjoni biex jiġi appoġġat is-settur tat-trattament tal-ilma mormi. Sal-2040, iż-**żieda** medja mistennija **fit-tariffi tal-ilma** tammonta għal **2,3 % fil-livell tal-UE**, b'xi differenzi bejn l-Istati Membri skont l-istrateġiji ta' finanzjament tagħhom. Kif spjegat fid-dettall fl-IA, din iż-żieda mistennija **ma hija se taffettwa l-affordabbiltà** ġenerali tas-servizzi tal-ilma fl-ebda Stat Membru. Huwa essenzjali li jiġi żgurat aċċess trasparenti għall-informazzjoni dwar l-attivitajiet tat-trattament tal-ilma mormi inkluż dwar ir-rabta bejn l-ilma, l-enerġija u l-klima. Il-pubbliku se jibbenefika minn ilma tax-xorb u għall-għawm nadif, minn stat ekoloġiku mtejjeb tal-ilmijiet, minn bijodiversità ppreżervata u minn titjib fil-parteċipazzjoni mill-ġdid tas-saħħa pubblika għal tifqigħat possibbli.

L-**industrija tal-ilma u tat-teknoloġija tat-trattament** se tibbenefika direttament minn standards aktar b'saħħithom u minn miżuri biex tespandi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva għal agglomerazzjonijiet iżgħar, tottimizza l-operazzjonijiet u tnaqqas l-użu tal-enerġija u tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Mill-għażla ppreferuta se joħorġu **opportunitajiet ġodda ta' negozju** għall-iżvilupp ta' tekniki ġodda ta' trattament flimkien mat-tnaqqis tal-użu tal-enerġija u tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. L-innovazzjoni se tingħata spinta, filwaqt li jinżamm vantaġġ komparattiv għall-industrija tal-ilma tal-UE. **L-industriji tal-prodotti tal-kura personali u tal-farmaċewtika** se jkollhom jistabbilixxu organizzazzjonijiet ġodda ta' "responsabbiltà tal-produttur" u jiffinanzjaw l-operazzjonijiet tagħhom. Dawn l-industriji se jkollhom l-għażla jew li jgħaddu dawn il-kostijiet il-ġodda fil-prezz tal-prodotti tagħhom (żieda massima ta' 0,59 %) jew li jnaqqsu l-marġni ta' profitt tagħhom fuqhom (impatt massimu medju ta' 0,7 %).

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Evalwazzjoni REFIT, se jiġu introdotti xi **kjarifiki u simplifikazzjonijiet** fid-Direttiva riveduta. Dan huwa l-każ pereżempju għall-ilmijiet tax-xita u għall-IAS, li għalihom ir-rekwiżiti l-ġodda se jiċċaraw x'inhu mistenni mill-Istati Membri. Xi **punti li ma għadhomx jgħoddu** se jitneħħew mit-test bħall-possibbiltà li jiġu deżinjati żoni "inqas sensittivi" jew li jitnaqqsu r-rekwiżiti fiż-żoni kostali – żewġ possibbiltajiet użati biss f'reġjun wieħed ta' Stat Membru wieħed. Saru wkoll sforzi biex jiġi **limitat ir-rapportar għal elementi essenzjali** li mbagħad jintużaw għall-valutazzjoni tal-konformità jew għat-traċċar tal-progress dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet. Dawn l-isforzi flimkien mal-użu ta' għodod diġitali huma mistennija li jillimitaw il-piż amministrattiv filwaqt li jtejbu l-kwalità u r-rapidità tad-*data* miġbura.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta hija mistennija li ttejjeb id-drittijiet fundamentali billi ttejjeb l-aċċess għas-sanità b'mod partikolari għal persuni emarġinati u vulnerabbli b'mod konsistenti bis-sħiħ mad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb riveduta reċentement (inklużi dispożizzjonijiet simili għall-aċċess għall-ilma).

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Id-dikjarazzjoni finanzjarja relatata mal-implikazzjonijiet baġitarji u mar-riżorsi umani u amministrattivi meħtieġa għal din il-proposta hija integrata fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva għall-pakkett ta' tniġġis żero li huwa ppreżentat bħala parti mill-proposta għar-reviżjoni tal-listi ta' sustanzi niġġiesa li jaffettwaw l-ilmijiet tal-wiċċ u ta' taħt l-art.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-ippjanar tal-implimentazzjoni għall-azzjonijiet ewlenin inklużi fl-għażla ppreferuta huwa miġbur fil-qosor fit-Tabella 2 hawn taħt. Sal-2025, jiġu stabbiliti attivitajiet ta' monitoraġġ addizzjonali: dawn jikkonċernaw skariki mhux domestiċi, parametri relatati mas-saħħa, indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tal-operatur, flimkien ma' azzjonijiet biex tittejjeb it-trasparenza. Se jiġu stabbiliti bażijiet tad-*data* nazzjonali u tal-UE li jinkludu l-elementi kollha meħtieġa biex tiġi vverifikata l-konformità, u se jiġu identifikati "persuni vulnerabbli u emarġinati" flimkien ma' azzjonijiet biex jittejjeb l-aċċess għas-sanità.

Mir-rapporti tal-Istati Membri jistgħu jiġu estratti indikaturi differenti biex **jitkejjel is-suċċess**:

- ir-rata ta' konformità u d-distanza eżistenti għall-mira għal kull Stat Membru u għal kull livell ta' trattament, li jipprovdu ħarsa ġenerali eċċellenti lejn l-implimentazzjoni tad-Direttiva;
- l-għadd ta' faċilitajiet mgħammra bi trattament addizzjonali għan-nanopartikoli u għall-mikrosustanzi niġġiesa, u t-tnaqqis relatat tal-iskariki tan-nanopartikoli u tal-ammont tossiku;
- l-użu tal-enerġija mill-Istati Membri u l-emissjonijiet ta' gassijiet serra relatati;

- l-għadd ta' agglomerazzjonijiet koperti minn pjanijiet ta' ġestjoni integrati għall-fajdiet tal-ilma tal-maltemp u għall-ilma tax-xeba' urban u l-konformità tagħhom mal-objettiv tal-UE;
- il-miżuri meħuda mill-Istati Membri biex itejbu l-aċċess għas-sanità u IAS ta' kontroll aħjar, u sommarju tal-indikaturi ewlenin tas-saħħa mistħarrġa fl-Istati Membri.

Se tintuża *data* oħra biex jitkejlu speċifikament l-impatti tal-UWWTD. Dawn jinkludu b'mod partikolari d-*data* li ġejja mid-Direttivi dwar il-Qafas tal-Ilma u l-Qafas Marittimu dwar il-kwalità tal-ilma tal-ilmijiet riċeventi (xmajjar, lagi u ibħra). Aktar dettalji dwar il-parametri eventwali li għandhom jiġu rrapportati għall-valutazzjoni tal-konformità u għall-kejl tas-suċċess tad-Direttiva huma pprovduti fl-Anness 10 tal-valutazzjoni tal-impatt.

L-ewwel evalwazzjoni fil-fond tad-Direttiva riveduta tista' tkun mistennija sal-2030, meta l-biċċa l-kbira tal-investimenti jkunu laħqu saru f'faċilitajiet akbar. Din l-ewwel evalwazzjoni tagħmilha possibbli li jiġu vvalutati s-suċċess tad-Direttiva riveduta u l-isfidi li jifdal marbuta mal-implimentazzjoni tagħha. Jekk ikun hemm bżonn, jistgħu jiġu previsti miżuri korrettivi biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva riveduta. Tista' titqies evalwazzjoni oħra qabel l-2040 biex jitħejja rieżami eventwali tad-Direttiva.

| | **2025** | **2030** | **2035** | **2040** |
|---|---|---|---|---|
| **Il-fajdiet tal-ilma tal-maltemp u l-ilma tax-xeba' urban (l-ilmijiet tax-xita)** | Il-monitoraġġ stabbilit | Pjanijiet integrati għall-agglomerazzjoni > 100 000 e.p. + żoni f'riskju identifikati | Pjanijiet integrati stabbiliti għall-agglomerazzjoni f'riskju bejn 10 000 u 100 000 e.p. | Mira indikattiva tal-UE stabbilita għall-agglomerazzjonijiet kollha > 10 000 e.p. |
| **Sistemi xierqa individwali** | Spezzjoni regolari fl-Istati Membri kollha + rapportar għall-Istati Membri b'IAS għolja | Standards tal-UE għall-IAS | | |
| **Agglomerazzjonijiet fuq skala żgħira** | Limiti ġodda ta' 1 000 e.p. | L-agglomerazzjonijiet kollha> 1 000 e.p. konformi | | |
| **Nitroġenu u fosforu** | Identifikazzjoni taż-żoni f'riskju (agglomerazzjonijiet 10 000 sa 100 000 e.p.) | Mira interim għat-tneħħija tan-nanopartikoli fil-faċilitajiet > 100 000 e.p. + Standards ġodda | Tneħħija tan-nanopartikoli fil-faċilitajiet kollha akbar minn 100 000 e.p. + mira interim għaż-żoni f'riskju | Tneħħija tan-nanopartikoli stabbilita fiż-żoni kollha f'riskju (bejn 10 000 u 100 000 e.p.) |
| **Mikrosustanzi niġġiesa** | L-istabbiliment ta' skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur | Żoni f'riskju identifikati (10 000 sa 100 000 e.p.) + Mira interim għall-faċilitajiet akbar minn 100 000 e.p. | Il-faċilitajiet kollha > 100 000 e.p. mgħammra + miri interim għaż-żoni "f'riskju" | Il-faċilitajiet kollha f'riskju mgħammra bi trattament avvanzat |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Enerġija** | Awditi tal-enerġija għal faċilitajiet akbar minn 100 000 e.p. | Awditi għall-faċilitajiet kolha akbar minn 10 000 e.p. Mira interim | Mira interim għan-newtralità enerġetika | In-newtralità enerġetika ntlaħqet u t-tnaqqis ta' gassijiet serra relatat intlaħaq |

***Tabella 2: L-ippjanar tal-implimentazzjoni għall-miżuri ewlenin tal-għażla ppreferuta***

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

***Artikolu 1 – Suġġett***

L-objettivi tad-Direttiva ġew estiżi biex flimkien mal-ħarsien tal-ambjent, jinkludu l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, it-titjib tal-governanza u tat-trasparenza tas-settur, aċċess aħjar għas-sanità u – wara l-kriżi reċenti tal-COVID – il-monitoraġġ regolari tal-parametri rilevanti għas-saħħa pubblika fl-ilma mormi urban.

***Artikolu 2 – Definizzjonijiet***

F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Evalwazzjoni REFIT, id-definizzjonijiet eżistenti ġew iċċarati ftit. Żdiedu diversi definizzjonijiet relatati mal-obbligi l-ġodda tad-Direttiva, bħal "ilma tax-xeba' urban", "fajdiet tal-ilma tal-maltemp" (SWOs), "kanali tad-drenaġġ kombinati u separati", "trattamenti terzjarji u kwaternarji", "mikrosustanzi niġġiesa", "sanità", "reżistenza għall-antimikrobiċi", eċċ.

***Artikolu 3 – Sistemi ta' ġbir***

L-obbligu li jiġu installati sistemi ta' ġbir tal-ilma mormi urban huwa estiż għall-agglomerazzjonijiet kollha b'e.p. ta' 1 000 jew aktar. Ġie introdott obbligu ġdid biex jiġi żgurat li l-unitajiet domestiċi jkunu konnessi ma' sistemi ta' ġbir fejn dawn jeżistu.

***Artikolu 4 – Sistema individwali jew sistema xierqa oħra (IAS) (ġdid)***

Dan huwa artikolu ġdid li parzjalment jissostitwixxi l-Artikolu 3 preċedenti. Il-possibbiltà li tintuża l-IAS tinżamm iżda hija limitata għal każijiet eċċezzjonali. Għal dak il-għan, ġew introdotti obbligi ġodda:

L-IAS iridu jkunu ddisinjati, approvati u kkontrollati kif xieraq;

Iridu jiġu pprovduti ġustifikazzjonijiet dettaljati għall-użu tagħhom meta jirrappreżentaw aktar minn 2 % tal-ammont irrapportat ittrattat f'agglomerazzjonijiet ta' 2 000 e.p. u aktar.

***Artikolu 5 – Pjanijiet integrati ta' ġestjoni tal-ilma mormi urban (ġdid)***

Dan l-artikolu l-ġdid jintroduċi l-obbligu li jiġu stabbiliti pjanijiet ta' ġestjoni tal-ilma mormi urban integrati lokalment għall-ġlieda kontra t-tniġġis mill-ilmijiet tax-xita (ilma tax-xeba' urban u fajdiet tal-ilma tal-maltemp). Il-kontenut indikattiv tal-pjanijiet, kif ukoll l-objettivi indikattivi tagħhom li għandhom jiġu aġġustati għaċ-ċirkostanzi lokali, huma bbażati fuq l-aħjar prattiki fis-seħħ u dan huwa spjegat fid-dettall fl-Anness V. Il-pjanijiet se jkollhom jitfasslu għall-agglomerazzjonijiet kollha b'e.p. ta' 100 000 jew aktar u għall-agglomerazzjonijiet kollha b'e.p. ta' bejn 10 000 u 100 000 e.p. fejn il-fajd tal-ilma tal-maltemp jew l-ilma tax-xeba' urban joħloq riskju għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem.

***Artikolu 6 – Trattament sekondarju (li qabel kien l-Artikolu 4)***

L-obbligu li jiġi applikat trattament sekondarju għall-ilma mormi urban qabel ma jiġi skarikat fl-ambjent huwa estiż għall-agglomerazzjonijiet kollha b'e.p. ta' 1 000 jew aktar (meta mqabbel ma' 2 000 e.p. u aktar fid-Direttiva eżistenti).

*Artikolu 7 – Trattament terzjarju (li qabel kien l-Artikolu 5)*

L-obbligi ewlenin ta' dan l-artikolu ġew emendati sabiex it-trattament terzjarju issa huwa obbligatorju għall-faċilitajiet il-kbar kollha li jittrattaw ammont ta' 100 000 e.p. jew akbar. It-trattament terzjarju jeħtieġ ukoll li jiġi applikat għal skariki minn agglomerazzjonijiet b'e.p. bejn 10 000 u 100 000 e.p. f'żoni identifikati mill-Istati Membri bħala sensittivi għall-ewtrofikazzjoni.

L-Istati Membri se jkollhom jidentifikaw żoni sensittivi għall-ewtrofikazzjoni fit-territorju tagħhom billi jaġġornaw il-lista attwali tagħhom ta' "żoni sensittivi" żviluppata skont l-Artikolu 5 preċedenti. L-obbligi l-oħra ta' dan l-Artikolu nżammu u ġew aġġornati.

*Artikolu 8 – Trattament kwaternarju (ġdid)*

Dan l-artikolu l-ġdid jintroduċi l-obbligu li jiġi applikat trattament addizzjonali għall-ilma mormi urban sabiex jiġi eliminat l-ispettru l-aktar wiesa' possibbli ta' mikrosustanzi niġġiesa. Dan it-trattament se jiġi applikat għall-impjanti kollha tat-trattament tal-ilma mormi urban li jittrattaw ammont ugwali għal 100 000 e.p. jew akbar sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2035. Sal-31 ta' Diċembru 2040, dan se jiġi applikat ukoll għall-agglomerazzjonijiet kollha b'e.p. bejn l-10 000 u l-100 000 f'żoni fejn il-konċentrazzjoni jew l-akkumulazzjoni ta' mikrosustanzi niġġiesa toħloq riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent. L-Istati Membri se jkollhom jidentifikaw dawk iż-żoni fit-territorju tagħhom skont il-kriterji speċifikati f'dan l-artikolu.

*Artikolu 9 – Responsabbiltà estiża tal-produttur (ġdid)*

Dan l-artikolu l-ġdid jintroduċi l-obbligu għall-produtturi (inklużi l-importaturi) li jikkontribwixxu għall-kostijiet tat-trattament kwaternarju previst fl-Artikolu 8 tad-Direttiva f'każijiet li fihom dawn iqiegħdu fis-suq nazzjonali tal-Istati Membri prodotti li fi tmiem ħajjithom iwasslu għat-tniġġis tal-ilma mormi urban minn mikrosustanzi niġġiesa. Din il-kontribuzzjoni finanzjarja se tiġi stabbilita abbażi tal-kwantitajiet u t-tossiċità tal-prodotti mqiegħda fis-suq.

*Artikolu 10 - Rekwiżiti minimi għall-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi (ġdid)*

Dan l-Artikolu jistabbilixxi r-rekwiżiti minimi għall-Organizzazzjoni b'Kompetenza fil-Qasam tar-Responsabbiltà tal-Produtturi li huma meħtieġa skont l-Artikolu 9(5).

*Artikolu 11 – In-newtralità enerġetika tal-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban (ġdid)*

Dan l-artikolu l-ġdid jintroduċi l-obbligu li tinkiseb in-newtralità enerġetika fil-livell nazzjonali fil-faċilitajiet kollha ta' trattament ta' aktar minn 10 000 e.p.. Sal-31 ta' Diċembru 2040, l-Istati Membri se jkollhom jiżguraw li l-enerġija rinnovabbli annwali totali prodotta fil-livell nazzjonali mill-impjanti kollha tat-trattament tal-ilma mormi urban tkun ekwivalenti għall-enerġija totali annwali użata mit-tali impjanti kollha tat-trattament tal-ilma mormi urban. Sabiex jgħinu biex jintlaħaq dan l-objettiv, se jitwettqu awditi tal-enerġija tal-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban f'intervalli regolari, b'fokus partikolari fuq l-identifikazzjoni u l-utilizzazzjoni tal-potenzjal għall-produzzjoni tal-bijogass, filwaqt li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan.

*Artikolu 12 – Kooperazzjoni transkonfinali (li qabel kien l-Artikolu 9)*

Dan l-artikolu ġie emendat ftit: jiżdied paragrafu 2 ġdid, li jirrikjedi – meta jkun meħtieġ, li l-Kummissjoni tiġi mistiedna tappoġġa d-diskussjonijiet bejn l-Istati Membri. Il-paragrafu 1 ġie emendat biex jiżdied l-obbligu ta' notifika immedjata f'każ ta' tniġġis inċidentali sabiex jitqies l-inċident reċenti tax-"Xmara Oder".

*Artikolu 13 – Kundizzjonijiet klimatiċi lokali (li qabel kien l-Artikolu 10)*

L-artikolu ġie aġġornat biss minħabba n-numerazzjoni l-ġdida tal-Artikoli.

*Artikolu 14 – Skariki ta' ilma mormi mhux domestiku (li qabel kien l-Artikolu 11)*

Dan l-artikolu ġie emendat biex jiżgura li qabel ma tinħareġ awtorizzazzjoni ta' skariki ta' ilma mormi mhux domestiku f'sistemi ta' ġbir tal-ilma mormi urban, l-awtoritajiet kompetenti jikkonsultaw lill-operatur ta' impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban affettwati minn dawn l-iskariki. Barra minn hekk, irid jiġi żgurat il-monitoraġġ regolari tat-tniġġis mhux domestiku fil-bokki u fl-iżbokki tal-faċilitajiet ta' trattament sabiex jittieħdu miżuri xierqa biex jiġi identifikat u indirizzat is-sors(i) ta' tniġġis possibbli. Dawn jinkludu, jekk ikun meħtieġ, l-irtirar tal-awtorizzazzjoni maħruġa.

*Artikolu 15 – L-użu mill-ġdid tal-ilma u l-iskariki tal-ilma mormi urban (li qabel kien l-Artikolu 12)*

Il-paragrafu 1 ġie emendat: L-Istati Membri se jkunu meħtieġa jippromwovu b'mod sistematiku l-użu mill-ġdid tal-ilma mormi ttrattat mill-impjanti kollha tat-trattament tal-ilma mormi urban.

Fil-paragrafu 3, l-obbligu li tiġi stabbilita awtorizzazzjoni għall-iskariki minn impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban huwa estiż biex issa jinkludi l-agglomerazzjonijiet kollha ta' 1 000 e.p. u aktar.

*Artikolu 16 – Skariki mhux domestiċi bijodegradabbli (li qabel kien l-Artikolu 13)*

Il-paragrafu 1 ġie aġġornat (numerazzjoni ġdida). Il-paragrafu 2 ġie emendat biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti stabbiliti fil-livell nazzjonali għal dawn l-iskariki jkunu mill-inqas ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti fil-parti B tal-Anness I tad-Direttiva.

*Artikolu 17 – Sorveljanza tal-ilma mormi urban (ġdid)*

Dan l-artikolu l-ġdid jistabbilixxi sistema nazzjonali ta' monitoraġġ tal-ilma mormi urban biex timmonitorja l-parametri rilevanti tas-saħħa pubblika fl-ilma mormi urban. Għal dak il-għan, l-Istati Membri se jkollhom jistabbilixxu, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2025, struttura ta' koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli għas-saħħa pubblika u għat-trattament tal-ilma mormi urban. Din l-istruttura se tiddetermina liema parametri għandhom jiġu mmonitorjati u l-frekwenza u l-metodu li għandhom jiġu applikati.

Barra minn hekk, sakemm l-awtoritajiet kompetenti tas-saħħa pubblika jistabbilixxu li l-pandemija tas-SARS-CoV-2 ma tkunx ta' riskju għall-popolazzjoni, l-ilmijiet urbani mormija minn mill-inqas 70 % tal-popolazzjoni nazzjonali se jiġi mmonitorjat.

Fl-aħħar nett, għall-agglomerazzjonijiet kollha ta' 100 000 e.p. u aktar, l-Istati Membri se jkollhom ukoll jimmonitorjaw regolarment ir-reżistenza għall-antimikrobiċi fl-iżbokki tal-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban.

*Artikolu 18 – Il-valutazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji (ġdid)*

Dan huwa artikolu ġdid. L-Istati Membri għandhom l-obbligu li jivvalutaw ir-riskji kkawżati mill-iskariki tal-ilma mormi urban fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem, u, meta meħtieġ, jieħdu miżuri oħra minbarra r-rekwiżiti minimi ta' din id-Direttiva biex jindirizzaw dawn ir-

riskji. Dawn il-miżuri jenħtieġ li jinkludu, meta xieraq, il-ġbir u t-trattament tal-ilma mormi minn agglomerazzjonijiet iżgħar minn 1 000 e.p., l-applikazzjoni ta' trattament terzjarju jew kwaternarju f'agglomerazzjonijiet iżgħar minn 10 000 e.p., u azzjoni addizzjonali biex jitnaqqas it-tniġġis tal-ilmijiet tax-xita f'agglomerazzjonijiet iżgħar minn 10 000 e.p.

***Artikolu 19 – Aċċess għas-sanità (ġdid)***

Dan huwa artikolu ġdid. L-Istati Membri se jkunu meħtieġa jtejbu u jżommu l-aċċess għas-sanità għal kulħadd, b'mod partikolari għal gruppi vulnerabbli u emarġinati.

Sal-31 ta' Diċembru 2027, l-Istati Membri se jkollhom jidentifikaw ukoll kategoriji ta' persuni mingħajr aċċess jew b'aċċess limitat għas-sanità, jivvalutaw il-possibbiltajiet ta' titjib tal-aċċess għall-faċilitajiet tas-sanità għal tali persuni u jħeġġu l-istabbiliment ta' faċilitajiet tas-sanità aċċessibbli b'mod liberu u sikur fl-ispazji pubbliċi għall-agglomerazzjonijiet kollha ta' 10 000 e.p. jew aktar.

***Artikolu 20 – Ħama (li qabel kien l-Artikolu 14)***

L-artikolu ġie aġġornat: il-ħama se jkollu jiġi ttrattat, irriċiklat u rkuprat kull meta jkun xieraq f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart kif iddefinita fid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart[28] u mar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-Ħama[29], u jintrema f'konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart. Sabiex jiġu żgurati rati għoljin ta' rkupru b'mod partikolari għall-materjali kritiċi bħall-fosforu, il-Kummissjoni se tingħata mandat biex tistabbilixxi rati minimi ta' rkupru.

***Artikolu 21 – Monitoraġġ (li qabel kien l-Artikolu 15)***

Ġew introdotti obbligi ġodda: L-Istati Membri issa se jkollhom jimmonitorjaw it-tniġġis mill-ilma tax-xeba' urban u mill-fajdiet tal-ilma tal-maltemp, mill-konċentrazzjonijiet u mill-ammonti tas-sustanzi niġġiesa regolati f'din id-Direttiva fl-iżbokki tal-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban, u mill-preżenza ta' mikroplastiks (inkluż fil-ħama). Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 13, ċerti sustanzi niġġiesa mhux domestiċi se jkollhom jiġu mmonitorjati regolarment fil-bokki u fl-iżbokki tal-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi.

***Artikolu 22 – Informazzjoni dwar il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni (dak li qabel kien l-Artikolu 16)***

Dan huwa artikolu ġdid. Id-dispożizzjonijiet relatati mar-rapportar huma ssimplifikati u sostitwiti b'sistema ġdida, li ma tinvolvix rapportar effettiv iżda aġġornament regolari ta' sett ta' *data* nazzjonali aċċessibbli għall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u għall-Kummissjoni. Dan se jiżgura li s-sistema ssir aktar effettiva billi jiġi evitat dewmien twil bejn id-data ta' referenza tad-*data* rrapportata u d-data effettiva tar-rapportar.

L-artikolu jirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu settijiet ta' *data* li jiġbru *data* rilevanti għall-ilma mormi urban skont din id-Direttiva. Dan jista' jinkiseb pereżempju billi jiġu mmonitorjati r-riżultati tal-parametri elenkati fl-Annessi ta' din id-Direttiva, ir-reżistenza għall-antimikrobiċi, il-parametri rilevanti tas-saħħa, eċċ., iżda wkoll il-miżuri meħuda biex jiġi żgurat l-aċċess għas-sanità, eċċ.

L-istabbiliment ta' dawn is-settijiet ta' *data* jrid ikun konsistenti ma' dawk stabbiliti skont l-Artikolu 18 tad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb riformulata[30]. Qed isir provvediment ukoll biex l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tipprovdi appoġġ.

---

[28] ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3–30.

[29] ĠU L 181, 4.7.1986, p. 6-12.

[30] ĠU L 435, 23.12.2020, p. 1-62.

*Artikolu 23 – Programm ta' implimentazzjoni nazzjonali (li qabel kien l-Artikolu 17)*

L-Artikolu ġie emendat. L-obbligu li jitfassal programm nazzjonali għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva nżamm, u l-kontenut minimu ta' dak il-programm ġie stabbilit. Dawn il-programmi jridu jinkludu mill-inqas: (i) valutazzjoni tal-livell ta' implimentazzjoni tad-Direttiva fir-rigward tad-diversi obbligi tagħha; (ii) l-identifikazzjoni u l-ippjanar tal-investimenti meħtieġa għal tali implimentazzjoni; (iii) stima tal-investimenti meħtieġa għat-tiġdid tal-infrastrutturi eżistenti tat-trattament tal-ilma mormi urban; u (iv) l-identifikazzjoni ta' sorsi potenzjali ta' finanzjament.

L-Istati Membri se jkunu meħtieġa jaġġornaw il-pjanijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali tagħhom mill-inqas kull 5 snin u jikkomunikawhom lill-Kummissjoni, sakemm ma jkunux jistgħu juru li huma konformi mal-Artikoli 3, 4, 6, 7 u 8 ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 24 – Informazzjoni lill-pubbliku (ġdid)*

Dan huwa artikolu ġdid. L-Istati Membri se jkollhom jiżguraw li jkun hemm informazzjoni adegwata u aġġornata dwar il-ġbir u t-trattament tal-ilma mormi urban disponibbli online. Trid tkun aċċessibbli wkoll mill-inqas darba fis-sena għall-persuni kollha konnessi ma' sistema ta' ġbir, fl-aktar forma xierqa, pereżempju fuq il-fatturi, informazzjoni ewlenija bħal-livell ta' konformità tal-infrastrutturi tat-trattament tal-ilma mormi urban mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, il-volum ta' ilma mormi urban miġbur u ttrattat fis-sena għall-unità domestika, eċċ.

*Artikolu 25 – Aċċess għall-ġustizzja (ġdid)*

Dan l-artikolu l-ġdid huwa konformi mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u jimplimenta l-Konvenzjoni ta' Aarhus fir-rigward tal-aċċess għall-ġustizzja. Jenħtieġ li jkun possibbli għall-pubbliku u għall-NGOs li jirrieżaminaw legalment id-deċiżjonijiet meħuda mill-Istati Membri skont din id-Direttiva.

*Artikolu 26 – Kumpens (ġdid)*

Ġie introdott artikolu ġdid dwar il-kumpens, li għandu l-għan li jiżgura li, fejn ikun seħħ dannu għas-saħħa, bis-sħiħ jew b'mod parzjali bħala riżultat ta' ksur tal-miżuri nazzjonali adottati skont din id-Direttiva, il-pubbliku kkonċernat jista' jitlob u jikseb kumpens għal dak id-dannu mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti u, meta identifikat, mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għall-ksur.

*Artikolu 27 – Eżerċitar tad-delega (ġdid)*

Dan huwa artikolu standard ġdid għall-adozzjoni tal-atti delegati.

*Artikolu 28 – Proċedura ta' kumitat (li qabel kien l-Artikolu 18)*

Dan huwa artikolu standard ġdid għall-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni.

*Artikolu 29 – Penali (ġdid)*

Dan l-artikolu l-ġdid jispeċifika l-kontenut minimu tal-penali, sabiex ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi, mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2008/99/KE dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali[31].

*Artikolu 30 – Evalwazzjoni (ġdid)*

[31] ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28-37.

Dan l-artikolu l-ġdid jistabbilixxi l-qafas għal evalwazzjonijiet futuri tad-Direttiva (kif previst fil-linji gwida tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar). L-ewwel evalwazzjoni hija prevista mhux aktar tard minn għaxar snin wara t-tmiem tal-perjodu ta' traspożizzjoni ta' din id-Direttiva.

***Artikolu 31 – Rieżami (ġdid)***

Mill-inqas kull 5 snin, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, akkumpanjat, meta xieraq, minn proposti leġiżlattivi rilevanti.

***Artikolu 32 – Tħassir u dispożizzjonijiet tranżizzjonali (ġdid)***

Dan l-artikolu huwa ġdid u jintroduċi dispożizzjonijiet biex titqies is-sitwazzjoni speċifika ta' Mayotte, u biex jinżamm il-livell ta' ħarsien tal-ambjent impost skont l-Artikolu 5 preċedenti sakemm japplikaw ir-rekwiżiti l-ġodda tal-Artikolu 7.

***Artikolu 33 – Traspożizzjoni (li qabel kien l-Artikolu 19)***

Dan l-artikolu jsegwi l-mudell standard.

***Artikolu 34 – Dħul fis-seħħ (ġdid)***

Dan l-artikolu jsegwi l-mudell standard. Huwa previst li d-Direttiva tidħol fis-seħħ għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali.

***Artikolu 35 – Destinatarji (li qabel kien l-Artikolu 20)***

L-artikolu jibqa' l-istess.

***Dak li kien l-Artikolu 6 tħassar***

Dan l-artikolu tħassar għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni, peress li l-għażla li jiġu indikati "żoni inqas sensittivi" rari li tintuża fil-prattika mill-Istati Membri. Barra minn hekk, iż-żamma ta' din l-għażla fit-test rivedut tad-Direttiva tnaqqas il-livell ġenerali ta' ħarsien tal-ambjent mitlub mir-reviżjoni tad-Direttiva.

***Dak li kien l-Artikolu 7 tħassar***

L-obbligu li jiġi applikat trattament xieraq għall-ilma mormi urban qabel l-iskariku jfisser li l-Istati Membri jridu jikkonformaw mal-liġi eżistenti tal-UE, u għalhekk ir-rilevanza ta' din id-dispożizzjoni hija (legalment) limitata. L-objettiv li jiġi żgurat trattament xieraq tal-ilma mormi urban sal-31 ta' Diċembru 2027 jinżamm biss fir-rigward tal-Mayotte, bħala dispożizzjoni tranżitorja.

***Dak li kien l-Artikolu 8 tħassar***

Dan l-artikolu tħassar minħabba li issa huwa obsolet – illum l-Istati Membri se jkollhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Artikolu 4. Dan l-artikolu kien marbut ukoll ma' "żoni inqas sensittivi", kunċett li tneħħa mid-Direttiva.

***Anness I***

***Parti A – Sistemi ta' ġbir***

Tibqa' l-istess.

***Parti B – Skariku minn impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban għal ilmijiet riċeventi***

Tiġi aġġornata b'referenzi ġodda, u rekwiżiti minimi fir-rigward ta' trattamenti sekondarji (Tabella 1), terzjarji (Tabella 2) u kwaternarji (Tabella 3 ġdida).

***Parti C – Skariki mhux domestiċi***

Emendata u issa tistabbilixxi l-kundizzjonijiet minimi li taħthom jistgħu jinħarġu awtorizzazzjonijiet għal skariki mhux domestiċi msemmija fl-Artikolu 13. Issir ir-rabta mad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali[32].

***Parti D – Metodi ta' referenza għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni tar-riżultati***

Ir-rekwiżiti għall-monitoraġġ tal-iskariki tat-trattament tal-ilma mormi urban ġew aġġornati. Għal agglomerazzjonijiet ta' 100 000 e.p. u aktar, ikun meħtieġ mill-inqas kampjun wieħed kuljum.

***Anness II***

Din il-Parti A tikkorrispondi għall-kriterji preċedenti tal-Anness II għall-identifikazzjoni ta' "żoni sensittivi" – dawn inżammu u ġew aġġornati. Żdiedet ukoll lista ta' żoni li għandhom jitqiesu bħala sensittivi għall-ewtrofikazzjoni mill-Istati Membri.

***Anness III – Lista ta' prodotti koperti mill-Artikolu 9 dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur (ġdid)***

Il-prodotti koperti mill-Artikolu 9 dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur huma dawk li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' waħda mil-leġiżlazzjonijiet tal-UE elenkati f'dan l-Anness (farmaċewtiċi u kożmetiċi).

***Anness IV – Setturi industrijali***

Dak li qabel kien l-Anness III – dan jibqa' l-istess.

***Anness V – Kontenut tal-pjan integrat għall-ġestjoni tal-ilma mormi urban skont l-Artikolu 5 (ġdid)***

Dan l-anness jelenka l-kontenut minimu tal-pjan integrat għall-ġestjoni tal-ilma mormi urban mħejji skont l-Artikolu 5. Dawn il-pjanijiet iridu jinkludu analiżi tas-sitwazzjoni inizjali fiż-żona tad-drenaġġ tal-impjant tat-trattament tal-ilma mormi urban, id-definizzjoni ta' objettivi għat-tnaqqis tat-tniġġis mill-fajdiet tal-ilma tal-maltemp u mill-ilma tax-xeba' urban għal dik iż-żona u l-identifikazzjoni tal-miżuri li għandhom jittieħdu biex jintlaħqu dawk l-objettivi.

L-objettivi jridu jinkludu: (i) mira indikattiva li l-fajdiet tal-ilma tal-maltemp ma jirrappreżentawx aktar minn 1 % tal-volum annwali u tal-ammont miġbur tal-ilma mormi urban, li għandhom jiġu kkalkulati f'kundizzjonijiet tat-temp xott; u (ii) l-eliminazzjoni gradwali ta' skariki mhux trattati ta' ilma tax-xeba' urban permezz ta' sistemi ta' ġbir separati, sakemm ma jintweriex li huma ta' kwalità suffiċjenti biex ma jkollhomx effetti negattivi fuq il-kwalità tal-ilmijiet riċeventi.

***Anness VI – Informazzjoni lill-pubbliku (ġdid)***

Dan l-anness jagħti d-dettalji tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-pubbliku skont l-Artikolu 24 il-ġdid.

***Anness VII (ġdid)***

Dan huwa anness standard li jelenka d-Direttiva mħassra u l-emendi suċċessivi tagħha, kif ukoll id-dati tat-traspożizzjoni u tal-applikazzjoni tagħhom.

---

[32] ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17-119.

***Anness VIII (ġdid)***

Din hija t-tabella l-ġdida ta' korrispondenza bejn id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE u l-proposta l-ġdida tad-Direttiva riformulata.

🡻 91/271/KEE (adattat)

2022/0345 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar it-trattament tal-ilma mormi urban (riformulazzjoni)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat ~~jistabbilixxi~~ ⌦ dwar il-Funzjonament ⌫ ~~l-Komunità Ekonomika~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫ Ewropea, u b'mod partikolari ⌦ l-Artiklu 192(1) ⌫~~l-Artikolu 130s~~ tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[33],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[34],

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

⇩ ġdid

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE[35] ġiet emendata kemm-il darba b'mod sostanzjali[36]. Peress li għandhom isiru iżjed emendi, jenħtieġ li dik id-Direttiva tiġi riformulata fl-interess taċ-ċarezza.

🡻 91/271/KEE il-premessa 1 (adattat)

~~Billi r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 1988 dwar il-protezzjoni tal-Baħar tat-Tramuntana u ta' ibħra oħra fil-Komunità[37] kienet stiednet lill-Kummissjoni biex tissottometti proposti għall-miżuri meħtieġa fuq livell ta' Komunità għat-trattament ta' ilma mormi urban;~~

[33] ĠU C […], […], p. […].

[34] ĠU C […], […], p. […].

[35] Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-ilma urban mormi (ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40).

[36] Ara l-Anness VII, il-Parti A.

[37] ~~ĠU C 209, tad-9.8.1988, p. 3.~~

🡻 91/271/KEE il-premessa 2 (adattat)

~~Billi t-tniġġis kkawżat minn trattament insuffiċjenti ta' ilma mormi fi Stat Membru wieħed ħafna drabi jinfluwenza l-ilmijiet ta' Stati Membri oħra; billi f'konformità mal-Artikolu 130r, azzjoni fuq livell ta' Komunità hija meħtieġa;~~

🡻 91/271/KEE il-premessa 3

~~Billi biex jigi prevenut illi l-ambjent jiġI effetwat negattivament mit-tneħħija ta' ilma mormi urban li ma jkunx itrattat suffiċjentement, hemm bżonn ġenerali għal trattament sekondarju ta' ilma mormi urban;~~

🡻 91/271/KEE il-premessa 4

~~Billi huwa meħtieġ li f'żoni sensittivi jkun hemm aktar trattament strett; billi f'ċertu żoni inqas sensittivi trattament primarju jista' jkun ikkunsidrat bħala wieħed xieraq;~~

🡻 91/271/KEE il-premessa 5

~~billi l-ilma industrijali mormi li jinġabar f'sistemi ta' ġbir kif ukoll l-iskariki ta' ilma mormi u d-disponiment ta' ħama minn impjanti tat-trattament ta' ilma mormi urban għandhom ikunu soġġetti għal regolamenti u/jew awtorizzazzjonijiet speċifiċi;~~

🡻 91/271/KEE il-premessa 6

~~Billi skariki minn ċertu setturi industrijali ta' ilma industrijali mormi biodegradabbli li ma jidħolx f'impjanti tat-trattament ta' ilma mormi qabel ma dan jintrema fl-ilmijiet li se jirċevuh għandhom ikunu soġġetti għall-kondizzjonijiet xierqa;~~

🡻 91/271/KEE il-premessa 7

~~Billi r-riċiklar ta' ħama li ġejja mit-trattament ta' ilma mormi għandu jkun inkuraġġit; billi d-disponiment ta' ħama fl-ilma tal-wiċċ għandu jitneħħa b'mod gradwali;~~

🡻 91/271/KEE il-premessa 8

~~Billi huwa meħtieġ li jkunu sorveljati l-impjanti ta' trattament, l-ilmijiet li fihom jintefa 'l-ilma mormi u d-disponiment ta' ħama biex jiġi żgurat li l-ambjent ikun protett mill-effetti negattivi kkawżati mill-iskariki ta' ilma mormi;~~

🡻 91/271/KEE il-premessa 9

~~Billi huwa importanti li jiġi żgurat li l-informazzjoni dwar id-disponiment ta' ilma mormi u ħama tkun disponibbli għall-pubbliku fil-forma ta' rapporti perjodiċi;~~

↓ 91/271/KEE il-premessa 10

~~Billi l-Istati Membri għandhom iwaqqfu u jippreżentaw lill-Kummissjoni programmi nazzjonali għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva;~~

↓ 91/271/KEE il-premessa 11

~~Billi għandu jitwaqqaf Kumitat biex jgħin lill-Kummissjoni dwar materji li jirrigwardaw l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u l-adattament tagħha għal progress tekniku,~~

⇩ ġdid

(2) Id-Direttiva 91/271/KEE tistabbilixxi l-qafas legali għall-ġbir, it-trattament u l-iskariku ta' ilma mormi urban u l-iskariku ta' ilma mormi bijodegradabbli minn ċerti setturi industrijali. L-objettiv tagħha huwa li tipproteġi l-ambjent milli jiġi affettwat b'mod negattiv minn skariki tal-ilma mormi urban li ma jiġux ittrattati biżżejjed. Din id-Direttiva jenħtieġ li tkompli ssegwi l-istess objettiv, filwaqt li tikkontribwixxi wkoll għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika, meta, pereżempju, l-ilma mormi urban jiġi skarikat f'ilmijiet għall-għawm jew f'korpi tal-ilma użati għall-astrazzjoni tal-ilma tax-xorb, jew meta l-ilma mormi urban jintuża bħala indikatur għall-parametri rilevanti għas-saħħa pubblika. Jenħtieġ li ttejjeb ukoll l-aċċess għall-miżuri sanitarji u għall-informazzjoni ewlenija relatata mal-governanza tal-attivitajiet tal-ġbir u tat-trattament tal-ilma mormi urban. Fl-aħħar nett, din id-Direttiva jenħtieġ li tikkontribwixxi għall-eliminazzjoni progressiva tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG) minn attivitajiet tal-ġbir u tat-trattament tal-ilma mormi urban, b'mod partikolari billi tkompli tnaqqas l-emissjonijiet tan-nitroġenu iżda wkoll billi tippromwovi l-effiċjenza tal-enerġija u l-produzzjoni ta' enerġiji rinnovabbli, u b'hekk jenħtieġ li tikkontribwixxi għall-objettiv tal-2050 tan-Newtralità Klimatika stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38].

(3) Fl-2019, il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE skont il-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni[39] (l-"evalwazzjoni"). Minn dak l-eżerċizzju, deher evidenti li ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva kellhom jiġu aġġornati. Ġew identifikati tliet sorsi importanti ta' tagħbija ta' tniġġis li jifdal mill-ilma mormi urban li jistgħu jiġu evitati, jiġifieri t-tifwir tal-ilma tal-maltemp u l-ilma tax-xeba' urban, sistemi individwali li potenzjalment jiffunzjonaw ħażin (jiġifieri sistemi li jittrattaw l-ilma mormi domestiku li mhux qed jidħol f'sistemi ta' ġbir) u agglomerazzjonijiet żgħar li bħalissa mhumiex koperti kompletament mid-Direttiva 91/271/KEE. Dawk it-tliet sorsi ta' tniġġis jikkostitwixxu pressjoni sinifikanti fuq il-korpi tal-ilma tal-wiċċ fl-Unjoni. Barra minn hekk, ir-rapport tal-evalwazzjoni enfasizza wkoll il-ħtieġa li jittejbu t-trasparenza u l-governanza tal-attivitajiet tal-ilma mormi urban, li tinħataf l-opportunità offruta mis-settur tat-trattament tal-ilma mormi urban biex jintuża l-potenzjal tiegħu għall-iżvilupp

---

[38] Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

[39] Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Sommarju Eżekuttiv tal-Evalwazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991, dwar it-trattament tal-ilma urban mormi (SWD (2019) 701 final).

tal-enerġija rinnovabbli u li jsiru passi tanġibbli lejn in-newtralità enerġetika bħala kontribut għan-newtralità klimatika u li tiġi armonizzata s-sorveljanza tal-ilma mormi urban għall-parametri tas-saħħa, bħall-virus tal-COVID-19 u l-varjanti tiegħu, bħala appoġġ għall-azzjoni tas-saħħa pubblika.

(4) Agglomerazzjonijiet żgħar jikkostitwixxu pressjoni sinifikanti fuq 11 % tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ fl-Unjoni[40]. Biex jiġi indirizzat aħjar it-tniġġis minn agglomerazzjonijiet bħal dawn, u biex jiġu evitati l-iskariki ta' ilma mormi urban mhux ittrattat fl-ambjent, il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jenħtieġ li jinkludi l-agglomerazzjonijiet kollha b'ekwivalenti ta' popolazzjoni (e.p.) ta' 1 000 u aktar.

(5) Sabiex jiġi żgurat trattament effettiv tal-ilma mormi urban qabel l-iskariku fl-ambjent, l-ilma mormi urban kollu minn agglomerazzjonijiet ta' 1 000 e.p. u aktar jenħtieġ li jinġabar f'sistemi ċentralizzati ta' ġbir. Meta sistemi bħal dawn ikunu diġà fis-seħħ, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li s-sorsi kollha tal-ilma mormi urban ikunu konnessi magħhom.

(6) B'mod eċċezzjonali, meta jkun jista' jintwera li l-istabbiliment ta' sistema ċentralizzata għall-ġbir tal-ilma mormi urban ma jipproduċi l-ebda benefiċċju ambjentali jew ikun jinvolvi spejjeż eċċessivi, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jużaw sistemi individwali biex jittrattaw l-ilma mormi urban, sakemm dawn jiżguraw l-istess livell ta' trattament bħat-trattament sekondarju u terzjarju. Għal dan l-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu reġistri nazzjonali biex jidentifikaw sistemi individwali użati fit-territorju tagħhom u jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li d-disinn ta' tali sistemi jkun adegwat, li s-sistemi jinżammu kif suppost u li jkunu soġġetti għal kontroll regolari tal-konformità. B'mod partikolari, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li s-sistemi individwali użati għall-ġbir u l-ħżin tal-ilma mormi urban ikunu impermeabbli u ma jnixxux, u li l-monitoraġġ u l-ispezzjoni tas-sistemi jitwettqu f'intervalli regolari u fissi.

(7) Matul ix-xita, it-tifwir tal-ilma tal-maltemp u l-ilma tax-xeba' urban jirrappreżentaw sors imdaqqas ta' tniġġis skarikat fl-ambjent. Dawk l-emissjonijiet huma mistennija li jiżdiedu minħabba l-effetti kkombinati tal-urbanizzazzjoni u l-bidla progressiva tar-reġim tax-xita marbuta mat-tibdil fil-klima. Is-soluzzjonijiet biex jitnaqqas dak is-sors ta' tniġġis jenħtieġ li jiġu definiti fil-livell lokali filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet lokali speċifiċi. Dawn jenħtieġ li jkunu bbażati fuq ġestjoni kwantitattiva u kwalitattiva integrata tal-ilma fiż-żoni urbani. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jiġu stabbiliti pjanijiet integrati għall-ġestjoni tal-ilma mormi urban fil-livell lokali għall-agglomerazzjonijiet kollha ta' 100 000 e.p. u aktar, peress li dawk l-agglomerazzjonijiet huma responsabbli għal sehem sinifikanti tat-tniġġis emess. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll pjanijiet integrati għall-ġestjoni tal-ilma mormi urban għall-agglomerazzjonijiet ta' bejn 10 000 e.p. u 100 000 e.p. fejn it-tifwir tal-ilma tal-maltemp jew l-ilma tax-xeba' urban joħolqu riskju għall-ambjent jew għas-saħħa pubblika.

(8) Sabiex jiġi żgurat li l-pjanijiet integrati għall-ġestjoni tal-ilma mormi urban jkunu kosteffettivi, huwa importanti li dawn ikunu bbażati fuq l-aħjar prattiki f'żoni urbani avvanzati. Għalhekk, il-miżuri li jenħtieġ li jiġu kkunsidrati jenħtieġ li jkunu bbażati fuq analiżi bir-reqqa tal-kundizzjonijiet lokali u jenħtieġ li jiffavorixxu approċċ preventiv bl-għan li jiġi limitat il-ġbir ta' ilmijiet tax-xita mhux imniġġsa u jiġi ottimizzat l-użu tal-infrastrutturi eżistenti. Bi preferenza għal żviluppi "ekoloġiċi",

[40] Rapport tal-EEA, European waters: Assessment of status and pressures 2018, Nru 7/2018.

infrastrutturi griżi ġodda jenħtieġ li jiġu previsti biss fejn ikun assolutament meħtieġ. Sabiex jitħares l-ambjent, b'mod partikolari l-ambjent kostali u tal-baħar, u s-saħħa pubblika milli tiġi affettwata b'mod negattiv mill-iskariku ta' ilma mormi urban mhux ittrattat biżżejjed, jenħtieġ li jiġi applikat trattament sekondarju għall-iskariki kollha ta' ilma mormi urban minn agglomerazzjonijiet ta' 1 000 e.p. u aktar.

(9) L-evalwazzjoni wriet li nkiseb tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet tan-nitroġenu u tal-fosforu permezz tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 91/271/KEE. Madankollu, skont l-evalwazzjoni, l-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban għadhom perkors importanti ta' dawk is-sustanzi niġġiesa fl-ambjent, li jwassal direttament għall-ewtrofikazzjoni tal-korpi tal-ilma u tal-ibħra fl-Unjoni. Parti minn dan it-tniġġis jista' jiġi evitat peress li l-progress teknoloġiku u l-aħjar prattiki fis-seħħ juru li l-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet stabbiliti skont id-Direttiva 91/271/KEE għan-nitroġenu u l-fosforu huma skaduti u jenħtieġ li jissaħħu. It-trattament terzjarju jenħtieġ li jiġi impost b'mod sistematiku fuq l-impjanti kollha tat-trattament tal-ilma mormi urban ta' 100 000 e.p. u aktar, peress li tali impjanti jirrappreżentaw sors importanti li fadal ta' emissjonijiet tan-nitroġenu u tal-fosforu.

(10) It-trattament terzjarju jenħtieġ li jkun obbligatorju wkoll f'agglomerazzjonijiet ta' 10 000 e.p. u aktar li qed jiskarikaw f'żoni soġġetti għal, jew f'riskju ta', ewtrofikazzjoni. Sabiex jiġi żgurat li l-isforzi biex tiġi limitata l-ewtrofikazzjoni jiġu kkoordinati fil-livell tal-baċiri rilevanti għaż-żona kollha tal-bsaċir idrografiku, iż-żoni fejn l-ewtrofikazzjoni titqies bħala kwistjoni ta' tħassib skont id-data disponibbli bħalissa jenħtieġ li jiġu elenkati f'din id-Direttiva. Barra minn hekk, biex tiġi żgurata l-koerenza bejn il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jidentifikaw oqsma oħra soġġetti għall-ewtrofikazzjoni, jew f'riskju tal-ewtrofikazzjoni, fit-territorju tagħhom, b'mod partikolari abbażi tad-data miġbura skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[41], id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[42] u d-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE[43]. It-tisħiħ tal-valuri ta' limitu, identifikazzjoni aktar koerenti u inklużiva taż-żoni sensittivi għall-ewtrofikazzjoni u l-obbligu li jiġi żgurat trattament terzjarju għall-faċilitajiet kbar kollha, flimkien, se jikkontribwixxu biex jillimitaw l-ewtrofikazzjoni. Peress li dan se jirrikjedi investimenti addizzjonali fil-livell nazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw biżżejjed żmien biex jistabbilixxu l-infrastruttura meħtieġa.

(11) L-għarfien xjentifiku reċenti li jirfed diversi strateġiji tal-Kummissjoni[44] jenfasizza l-ħtieġa li tittieħed azzjoni biex tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-mikrosustanzi niġġiesa, li

[41] Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

[42] Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

[43] Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1).

[44] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Strateġija Ewropea għall-Plastik f'Ekonomija Ċirkolari, (COM/2018/028 final); Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew — Approċċ Strateġiku tal-Unjoni Ewropea għall-Farmaċewtiċi fl-Ambjent (COM(2019) 128 final); Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà, Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità (COM(2020) 667 final); Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u

issa huma identifikati fl-ilmijiet kollha tal-Unjoni. Uħud minn dawk il-mikrosustanzi niġġiesa huma perikolużi għas-saħħa pubblika u għall-ambjent anke fi kwantitajiet żgħar. Għalhekk jenħtieġ li jiġi introdott trattament addizzjonali, jiġifieri trattament kwaternarju, sabiex jiġi żgurat li spettru kbir tal-mikrosustanzi niġġiesa jitneħħa mill-ilma mormi urban. It-trattament kwaternarju jenħtieġ li l-ewwel jiffoka fuq il-mikrosustanzi niġġiesa organiċi, li jirrappreżentaw parti sinifikanti tat-tniġġis u li għalihom diġà huma ddisinjati teknoloġiji ta' tneħħija. It-trattament jenħtieġ li jiġi impost abbażi tal-approċċ prekawzjonarju flimkien ma' approċċ ibbażat fuq ir-riskju. Għalhekk, l-impjanti kollha tat-trattament tal-ilma mormi urban ta' 100 000 e.p. u aktar jenħtieġ li jipprovdu trattament kwaternarju, peress li dawk il-faċilitajiet jirrappreżentaw sehem sinifikanti ta' skariki ta' mikrosustanzi niġġiesa fl-ambjent u t-tneħħija tal-mikrosustanzi niġġiesa minn impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban fuq tali skala hija kosteffettiva. Għal agglomerazzjonijiet ta' bejn 10 000 e.p. u 100 000 e.p., l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu meħtieġa japplikaw trattament kwaternarju għal żoni identifikati bħala sensittivi għat-tniġġis bil-mikrosustanzi niġġiesa abbażi ta' kriterji ċari, li jenħtieġ li jiġu speċifikati. Żoni bħal dawn jenħtieġ li jinkludu postijiet fejn l-iskariku tal-ilma mormi urban ttrattat fil-korpi tal-ilma jirriżulta fi proporzjonijiet baxxi ta' dilwizzjoni, jew fejn il-korpi tal-ilma riċeventi jintużaw għall-produzzjoni tal-ilma tax-xorb jew bħala ilmijiet għall-għawm. Sabiex jiġi evitat ir-rekwiżit ta' trattament kwaternarju għal agglomerazzjonijiet ta' bejn 10 000 e.p. u 100 000 e.p., l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu meħtieġa juru n-nuqqas ta' riskji għall-ambjent jew għas-saħħa pubblika abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju standardizzata. Sabiex l-Istati Membri jingħataw biżżejjed żmien biex jippjanaw u jwettqu l-infrastrutturi meħtieġa, ir-rekwiżit tat-trattament kwaternarju jenħtieġ li japplika progressivament sal-2040 b'objettivi interim ċari.

(12) Sabiex tiġi żgurata l-konformità kontinwa tal-iskariki mill-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi mar-rekwiżiti għat-trattament sekondarju, terzjarju u kwaternarju, jenħtieġ li jittieħdu kampjuni f'konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva u jenħtieġ li dawk il-kampjuni jikkonformaw mal-valuri parametriċi li tistabbilixxi. Sabiex jitqiesu l-varjazzjonijiet tekniċi possibbli fir-riżultati minn dawk il-kampjuni, jenħtieġ li jiġi stabbilit għadd massimu ta' kampjuni li ma jikkonformawx ma' dawk il-valuri parametriċi.

(13) It-trattament kwaternarju meħtieġ biex jitneħħew il-mikrosustanzi niġġiesa mill-ilma mormi urban se jimplika spejjeż addizzjonali, bħal spejjeż relatati mal-monitoraġġ u tagħmir avvanzat ġdid li għandu jiġi installat f'ċerti impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban. Sabiex jiġu koperti dawn l-ispejjeż addizzjonali u f'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas espress fl-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), huwa essenzjali li l-produtturi li jqiegħdu fis-suq tal-Unjoni prodotti li fihom sustanzi li, fi tmiem ħajjithom, jinstabu bħala mikrosustanzi niġġiesa fl-ilmijiet urbani mormija ("sustanzi mikrosustanzi niġġiesa"), jieħdu r-responsabbiltà għat-trattament addizzjonali meħtieġ biex jitneħħew dawk is-sustanzi, iġġenerati fil-kuntest tal-attivitajiet professjonali tagħhom. Sistema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur hija l-aktar mezz xieraq biex jinkiseb dan, peress li tillimita l-impatt finanzjarju fuq il-kontribwenti u t-tariffa tal-ilma, filwaqt li tipprovdi inċentiv biex jiġu żviluppati prodotti aktar ekoloġiċi. Il-farmaċewtiċi u r-residwi kożmetiċi bħalissa jirrappreżentaw is-sorsi ewlenin tal-mikrosustanzi niġġiesa li

Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija" (COM/2021/400 final).

jinsabu fl-ilma mormi urban li jeħtieġu trattament addizzjonali (trattament kwaternarju). Għalhekk, ir-responsabbiltà estiża tal-produttur jenħtieġ li tapplika għal dawk iż-żewġ gruppi ta' prodotti.

(14) Madankollu, eżonerazzjonijiet mill-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur jenħtieġ li jkunu possibbli meta l-prodotti jitqiegħdu fis-suq fi kwantitajiet żgħar, jiġifieri inqas minn żewġ tunnellati ta' prodotti, peress li l-piż amministrattiv addizzjonali għall-produttur f'każijiet bħal dawn ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-benefiċċji ambjentali. L-eżonerazzjonijiet jenħtieġ li jkunu possibbli wkoll meta l-produttur ikun jista' juri li l-ebda mikrosustanza niġġiesa ma tiġi ġġenerata fi tmiem il-ħajja ta' prodott. Jista' jkun il-każ, pereżempju, fejn jista' jiġi ppruvat li r-residwi minn prodott huma bijodegradabbli malajr fl-ilma mormi u fl-ambjent jew ma jilħqux l-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi kriterji dettaljati biex tidentifika l-prodotti mqiegħda fis-suq li ma jiġġenerawx mikrosustanzi niġġiesa fl-ilmijiet mormija fi tmiem il-ħajja tagħhom. Meta tiżviluppa dawn il-kriterji, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis l-informazzjoni xjentifika jew informazzjoni teknika oħra disponibbli, inklużi l-istandards internazzjonali rilevanti.

(15) Sabiex jiġu evitati distorsjonijiet possibbli tas-suq intern, jenħtieġ li f'din id-Direttiva jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi għall-implimentazzjoni tar-responsabbiltà estiża tal-produttur, filwaqt li l-organizzazzjoni prattika tas-sistema jenħtieġ li tiġi deċiża fil-livell nazzjonali. Il-kontribuzzjonijiet tal-produtturi jenħtieġ li jkunu proporzjonati mal-kwantitajiet tal-prodotti li jqiegħdu fis-suq u l-periklu tar-residwi tagħhom. Il-kontribuzzjonijiet jenħtieġ li jkopru, iżda ma jaqbżux, il-kostijiet għall-attivitajiet ta' monitoraġġ għall-mikrosustanzi niġġiesa, il-ġbir, ir-rappurtar u l-verifika imparzjali tal-istatistika dwar il-kwantitajiet u l-periklu tal-prodotti mqiegħda fis-suq, u l-applikazzjoni tat-trattament kwaternarju għall-ilma mormi urban b'mod effiċjenti u f'konformità ma' din id-Direttiva. Peress li l-ilma mormi urban jiġi ttrattat b'mod kollettiv, huwa xieraq li jiġi introdott rekwiżit għall-produtturi biex jissieħbu f'organizzazzjoni ċentralizzata li tista' timplimenta l-obbligi tagħhom skont ir-responsabbiltà estiża tal-produttur f'isimhom.

(16) L-evalwazzjoni wriet ukoll li s-settur tat-trattament tal-ilma mormi joffri l-opportunità li jnaqqas b'mod sinifikanti l-konsum tal-enerġija tiegħu stess u li jipproduċi l-enerġija rinnovabbli, pereżempju permezz ta' użu aħjar tas-superfiċji disponibbli fl-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban għall-produzzjoni tal-enerġija solari jew bil-produzzjoni tal-bijogass mill-ħama. L-evalwazzjoni wriet ukoll li, mingħajr obbligi legali ċari, jista' jkun mistenni biss progress parzjali f'dan is-settur. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jiżguraw li l-enerġija totali annwali użata mill-impjanti kollha tat-trattament tal-ilma mormi urban fit-territorju nazzjonali tagħhom li jittrattaw tagħbija ta' 10 000 e.p. u aktar, ma taqbiżx il-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli kif definit fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[45], minn dawk l-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban. Jenħtieġ li dak l-objettiv jintlaħaq progressivament b'miri interim sal-31 ta' Diċembru 2040. L-ilħuq tal-mira tan-newtralità enerġetika se jikkontribwixxi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet mis-settur ta' gassijiet serra (GHG) li jistgħu jiġu evitati b'46 %, filwaqt li jappoġġa l-ksib tal-objettivi tan-newtralità klimatika sal-2050 u tal-objettivi nazzjonali u tal-Unjoni relatati, [bħall-objettivi

[45] Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[46]. L-inkoraġġiment tal-produzzjoni tal-bijogass jew tal-enerġija solari bbażata fl-UE filwaqt li jissaħħu l-miżuri tal-effiċjenza enerġetika f'konformità mal-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel[47]", li jfisser li jitqiesu bis-sħiħ il-miżuri kosteffiċjenti tal-effiċjenza enerġetika fit-tfassil tal-politika tal-enerġija u fit-teħid ta' deċiżjonijiet rilevanti dwar l-investiment, se jgħin ukoll biex titnaqqas id-dipendenza enerġetika tal-Unjoni, wieħed mill-objettivi espressi fil-Pjan tal-Kummissjoni "Repower EU"[48]. Huwa wkoll konformi mad-Direttiva (UE) 2018/844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[49] u mad-Direttiva (UE) 2018/2001 fejn is-siti tat-trattament tal-ilma mormi urban huma kkwalifikati bħala żoni "go-to" għas-sorsi rinnovabbli, jiġifieri post magħżul bħala partikolarment adattat għall-installazzjoni ta' impjanti għall-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli. Sabiex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità enerġetika permezz ta' miżuri ottimali għal kull impjant tat-trattament tal-ilma mormi urban u għas-sistema ta' ġbir, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-verifiki tal-enerġija jitwettqu f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[50] kull erba' snin. Dawk l-awditi jenħtieġ li jinkludu identifikazzjoni tal-potenzjal għal użu jew produzzjoni kosteffettivi tal-enerġija rinnovabbli skont il-kriterji stabbiliti fl-Anness VI tad-Direttiva 2012/27/UE.

(17) Peress li n-natura transkonfinali tat-tniġġis tal-ilma teħtieġ kooperazzjoni bejn Stati Membri jew pajjiżi terzi ġirien fl-indirizzar ta' tali tniġġis u l-identifikazzjoni ta' miżuri biex jiġi indirizzat is-sors tiegħu, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jinfurmaw lil xulxin jew lill-pajjiż terz jekk tniġġis sinifikanti tal-ilma li joriġina minn skariki tal-ilma mormi urban fi Stat Membru wieħed jew f'pajjiż terz iħalli impatt jew x'aktarx ikollu impatt fuq il-kwalità tal-ilma ta' Stat Membru jew pajjiż terz ieħor. Tali informazzjoni jenħtieġ li tkun immedjata f'każ ta' tniġġis inċidentali li jaffettwa b'mod sinifikanti l-korpi tal-ilma 'l isfel minnu. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiġi infurmata u, jekk ikun meħtieġ, tipparteċipa fil-laqgħat fuq talba tal-Istati Membri. Huwa importanti wkoll li jiġi indirizzat it-tniġġis transkonfinali minn pajjiżi terzi li jikkondividu l-istess korpi tal-ilma ma' xi wħud mill-Istati Membri. Bl-għan li jiġi ttrattat it-tniġġis li jiġi minn pajjiżi terzi jew li jasal fihom, il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni ma' pajjiżi terzi jistgħu jitwettqu fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar l-Ilma tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE)[51] jew

[46] Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

[47] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1749 tat-28 ta' Settembru 2021 dwar l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel: minn prinċipji għall-prattika — Linji gwida u eżempji għall-implimentazzjoni tagħha fit-teħid tad-deċiżjonijiet fis-settur tal-enerġija u lil hinn minnu

[48] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Il-Pjan REPowerEU (COM/2022/230 final).

[49] Id-Direttiva (UE) 2018/844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 210).

[50] Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

[51] Il-Konvenzjoni tal-UNECE fuq il-protezzjoni u l-użu ta' passaġġi tal-ilma transkonfinali u għadajjar internazzjonali kif emendata, flimkien mad-Deċiżjoni VI/3 li tiċċara l-proċedura ta' adeżjoni.

Konvenzjonijiet reġjonali rilevanti oħra bħall-Konvenzjonijiet dwar l-Ibħra Reġjonali jew ix-Xmajjar.

(18) Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban mibnija biex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva jkunu ddisinjati, mibnija, operati u miżmuma b'tali mod li jiżguraw prestazzjoni suffiċjenti fil-kundizzjonijiet klimatiċi normali kollha lokali.

(19) L-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban jirċievu wkoll ilma mormi mhux domestiku, inkluż ilma mormi industrijali, li jista' jkun fih firxa ta' sustanzi niġġiesa mhux koperti b'mod espliċitu mid-Direttiva 91/271/KEE, bħal metalli tqal, mikroplastiks, mikrosustanzi niġġiesa u sustanzi kimiċi oħra. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, hemm nuqqas ta' fehim u għarfien ta' tali tniġġis li jista' jiddeterjora l-funzjonament tal-proċess tat-trattament u jikkontribwixxi għat-tniġġis tal-ilmijiet riċeventi, iżda wkoll jipprevjeni l-irkupru tal-ħama u l-użu mill-ġdid tal-ilma mormi trattat. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jimmonitorjaw u jirrapportaw regolarment dwar tali tniġġis mhux domestiku li jidħol fl-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban u li jiġi skarikat fil-korpi tal-ilma. Sabiex jiġi evitat it-tniġġis fis-sors minn skariki ta' ilma mormi mhux domestiku, ir-rilaxxi minn industriji jew intrapriżi konnessi ma' sistemi ta' ġbir jenħtieġ li jkunu soġġetti għal awtorizzazzjoni minn qabel. Sabiex jiġi żgurat li s-sistemi ta' ġbir u l-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban jkunu teknikament kapaċi li jirċievu u jittrattaw it-tniġġis li jkun dieħel, l-operaturi li jimmaniġġjaw l-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban li jirċievu ilma mormi mhux domestiku jenħtieġ li jiġu kkonsultati qabel ma jinħarġu dawk il-permessi u jenħtieġ li jkunu jistgħu jikkonsultaw il-permessi maħruġa sabiex ikunu jistgħu jadattaw il-proċessi ta' trattament tagħhom. Meta jiġi identifikat tniġġis mhux domestiku fl-ilmijiet li jkunu deħlin, l-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-miżuri xierqa biex inaqqsu t-tniġġis mis-sors, billi jtejbu l-monitoraġġ tas-sustanzi niġġiesa fis-sistemi ta' ġbir sabiex is-sorsi tat-tniġġis ikunu jistgħu jiġu identifikati u, fejn meħtieġ, billi jirrevedu l-awtorizzazzjonijiet ipprovduti lill-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban konnessi rilevanti. Ir-riżorsi tal-ilma tal-Unjoni qegħdin dejjem aktar taħt pressjoni, u dan jirriżulta fi skarsezza permanenti jew temporanja tal-ilma f'xi żoni tal-Unjoni. Il-kapaċità tal-Unjoni li tirrispondi għall-pressjonijiet dejjem akbar fuq ir-riżorsi tal-ilma tista' tittejjeb permezz ta' użu mill-ġdid usa' tal-ilma mormi urban ittrattat, li jillimita l-estrazzjoni tal-ilma ħelu mill-korpi tal-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art. Għalhekk, l-użu mill-ġdid tal-ilma mormi urban ittrattat jenħtieġ li jiġi mħeġġeġ u applikat kull meta jkun xieraq, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġi żgurat li jintlaħqu l-objettivi ta' status ekoloġiku u kimiku tajjeb tal-korpi riċeventi, kif definit fid-Direttiva 2000/60/KE. It-tisħiħ tar-rekwiżiti għat-trattament tal-ilma mormi urban, u l-azzjonijiet biex jiġi mmonitorjat, traċċat u mnaqqas aħjar it-tniġġis fis-sors, se jkollhom impatti fuq il-kwalità tal-ilma mormi urban trattat, u għalhekk se jappoġġaw l-użu mill-ġdid tal-ilma. Meta l-użu mill-ġdid tal-ilma jservi l-iskop ta' tisqija agrikola, dan jenħtieġ li jitwettaq f'konformità mar-Regolament (UE) 2020/741 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[52].

(20) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni xierqa ta' din id-Direttiva u b'mod partikolari r-rispett tal-valuri limitu tal-emissjonijiet, huwa importanti li jiġu mmonitorjati l-iskariki ta' ilma mormi urban trattat fl-ambjent. Il-monitoraġġ jenħtieġ li jsir permezz tal-

---

[52] Ir-Regolament (UE) 2020/741 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma (ĠU L 177, 5.6.2020, p. 32).

istabbiliment fil-livell nazzjonali ta' sistema obbligatorja ta' awtorizzazzjoni minn qabel sabiex l-ilma mormi urban trattat jintrema fl-ambjent. Barra minn hekk, sabiex jiġu evitati skariki mhux intenzjonati ta' biomedia tal-plastik fl-ambjent minn impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban li jużaw din it-teknika, huwa essenzjali li fl-awtorizzazzjonijiet ta' skariku jiġu inklużi obbligi speċifiċi għall-monitoraġġ u l-prevenzjoni kontinwi ta' tali skariki.

(21) Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-ambjent, l-iskariki diretti ta' ilma mormi bijodegradabbli mhux domestiku fl-ambjent minn ċerti setturi industrijali jenħtieġ li jkunu soġġetti għal awtorizzazzjoni minn qabel fil-livell nazzjonali u rekwiżiti xierqa. Dawk ir-rekwiżiti jenħtieġ li jiżguraw li l-iskariki diretti minn ċerti setturi industrijali jkunu soġġetti għal trattament sekondarju, terzjarju u kwaternarju kif meħtieġ għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent.

(22) Skont l-Artikolu 168(1) tat-TFUE, l-azzjoni tal-Unjoni tikkomplementa l-politiki nazzjonali u għandha tkun diretta lejn it-titjib tas-saħħa pubblika u l-prevenzjoni tal-mard. Sabiex jiġi żgurat l-aħjar użu tad-data rilevanti dwar is-saħħa pubblika mill-ilmijiet urbani mormija, is-sorveljanza tal-ilma mormi urban jenħtieġ li tiġi stabbilita u użata għal finijiet preventivi jew ta' twissija bikrija, pereżempju fid-detezzjoni ta' viruses speċifiċi fl-ilma mormi urban bħala sinjal tal-emerġenza ta' epidemiji jew pandemiji. L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu djalogu u koordinazzjoni permanenti bejn l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-saħħa pubblika u l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-ġestjoni tal-ilma mormi urban. Fil-kuntest ta' dik il-koordinazzjoni, jenħtieġ li tiġi stabbilita lista ta' parametri rilevanti għas-saħħa pubblika li jridu jiġu mmonitorjati fl-ilmijiet urbani mormija, kif ukoll il-frekwenza u l-post tat-teħid tal-kampjuni. Dan l-approċċ se jieħu vantaġġ minn inizjattivi oħra tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika u jikkomplementahom, bħall-monitoraġġ ambjentali li jinkludi s-sorveljanza tal-ilma mormi[53]. Abbażi tal-informazzjoni miġbura matul il-pandemija tal-COVID-19 u l-esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar approċċ komuni biex tiġi stabbilita sorveljanza sistematika tas-SARS-CoV-2 u tal-varjanti tiegħu fl-ilmijiet mormija fl-UE[54] (ir-"rakkomandazzjoni"), jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jimmonitorjaw il-parametri tas-saħħa relatati mas-SARS-CoV-2 u l-varjanti tiegħu fuq bażi regolari. Sabiex jiġi żgurat li jintużaw metodi armonizzati, jenħtieġ li l-Istati Membri, sa fejn ikun possibbli, jużaw il-metodi ta' kampjunar u analiżi stabbiliti fir-rakkomandazzjoni għall-monitoraġġ tas-SARS-CoV-2 u l-varjanti tiegħu.

(23) L-Unjoni tirrikonoxxi l-importanza li tiġi indirizzata l-kwistjoni tar-reżistenza għall-antimikrobiċi (AMR) u fl-2017 adottat il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew "Saħħa Waħda" kontra l-AMR[55]. Skont l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), l-ilma mormi huwa rikonoxxut u ddokumentat bħala sors ewlieni ta' aġenti antimikrobiċi u l-metaboliti tagħhom, kif ukoll batterji reżistenti għall-antimikrobiċi u l-ġeni tagħhom.

---

53 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Introduzzjoni tal-HERA, l-Awtorità tal-UE għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa, il-pass li jmiss biex titlesta l-Unjoni Ewropea tas-Saħħa(COM (2021) 576 final).

54 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/472 tas-17 ta' Marzu 2021 dwar approċċ komuni biex tiġi stabbilita sorveljanza sistematika tas-SARS-CoV-2 u tal-varjanti tiegħu fl-ilmijiet mormija fl-UE (ĠU L 98, 19.3.2021, p. 3).

55 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew: Pjan ta' Azzjoni Saħħa Waħda Ewropew kontra r-Reżistenza Antimikrobika (RAM) (COM(2017) 0339 final).

Sabiex jiżdied l-għarfien dwar is-sorsi ewlenin tal-AMR, huwa meħtieġ li jiġi introdott obbligu ta' monitoraġġ għall-preżenza tal-AMR fl-ilmijiet urbani mormija biex jiġi żviluppat aktar l-għarfien xjentifiku tagħna u potenzjalment tittieħed azzjoni adegwata fil-futur.

(24) Sabiex jiġu protetti l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem, l-Istati Membri jenħtieġ li jidentifikaw ir-riskji kkawżati mill-ġestjoni tal-ilma mormi urban. Abbażi ta' dik l-identifikazzjoni, u fejn meħtieġ biex jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ilma, l-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu miżuri għall-ġbir u t-trattament tal-ilma mormi urban aktar stretti mill-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mar-rekwiżiti minimi stabbiliti f'din id-Direttiva. Skont is-sitwazzjoni, dawk il-miżuri aktar stretti jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn, l-istabbiliment ta' sistemi ta' ġbir, l-iżvilupp ta' pjanijiet integrati għall-ġestjoni tal-ilma mormi urban jew l-applikazzjoni ta' trattament sekondarju, terzjarju jew kwaternarju għall-ilma mormi urban għal agglomerazzjonijiet jew impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban li ma jilħqux il-limiti ta' e.p. li jiskattaw l-applikazzjoni tar-rekwiżiti standard. Dawn jistgħu jinkludu wkoll trattament aktar avvanzat mit-trattament meħtieġ biex jiġu rrispettati r-rekwiżiti minimi jew id-diżinfezzjoni tal-ilma mormi urban trattat meħtieġa għall-konformità mad-Direttiva 2006/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[56].

(25) L-għan ta' Żvilupp Sostenibbli 6 u l-mira assoċjata li jirrikjedu li l-Istati Membri "jiksbu aċċess għal sanità u iġjene adegwati u ekwi għal kulħadd u jtemmu l-porgar fil-beraħ, b'attenzjoni speċjali għall-ħtiġijiet tan-nisa u l-bniet u dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli" sal-2030[57]. Barra minn hekk, il-Prinċipju 20 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[58] jgħid li kulħadd għandu d-dritt li jkollu aċċess għal servizzi essenzjali ta' kwalità tajba, inklużi l-ilma u l-faċilitaijet sanitarji. F'dan l-isfond, u f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet fil-Linji Gwida tad-WHO dwar is-Sanità u s-Saħħa[59] u d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll dwar l-Ilma u s-Saħħa[60], l-Istati Membri jenħtieġ li jindirizzaw il-kwistjoni tal-aċċess għas-sanità fil-livell nazzjonali. Dan jenħtieġ li jsir permezz ta' azzjonijiet immirati lejn it-titjib tal-aċċess għas-sanità għal kulħadd, pereżempju billi jiġu stabbiliti faċilitajiet sanitarji fi spazji pubbliċi, kif ukoll billi titħeġġeġ id-disponibbiltà ta' faċilitajiet sanitarji xierqa fl-amministrazzjonijiet pubbliċi u fil-bini pubbliku mingħajr ħlas u/jew li dawn isiru affordabbli għal kulħadd. Il-faċilitajiet sanitarji jenħtieġ li jippermettu l-ġestjoni u r-rimi sikuri tal-awrina, tal-feċi u tad-demm mestrwali tal-bniedem. Jenħtieġ li dawn jiġu ġestiti b'mod sikur, li jimplika li jenħtieġ li jkunu aċċessibbli għal kulħadd f'kull ħin, inkluż għal persuni bi bżonnijiet partikolari, bħat-tfal, l-anzjani, il-persuni b'diżabilità u l-persuni mingħajr dar, li jenħtieġ li jitqiegħdu f'post li jiżgura riskju minimu għas-sikurezza tal-utenti, u li jenħtieġ li jkunu sikuri b'mod iġjeniku u tekniku biex jintużaw. Tali faċilitajiet jenħtieġ li jkunu wkoll biżżejjed biex jiġi żgurat li l-ħtiġijiet tan-nies jiġu ssodisfati u li l-ħinijiet ta' stennija ma jkunux twal b'mod mhux raġonevoli.

---

56 Id-Direttiva 2006/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar l-immaniġġjar tal-kwalità tal-ilma għall-għawm u li tħassar id-Direttiva 76/160/KEE (ĠU L 64, 4.3.2006, p. 37).

57 Riżoluzzjoni adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-25 ta' Settembru 2015 (A/70/L.1)

58 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, (COM/2017/0250 final).

59 Il-linji Gwida tad-WHO dwar il-Miżuri Sanitarji u s-Saħħa, 2018.

60 Il-Protokoll dwar l-Ilma u s-Saħħa għall-Konvenzjoni tal-1992 Konvenzjoni fuq il-protezzjoni u l-użu ta' passaġġi tal-ilma transkonfinali u għadajjar internazzjonali, is-17 ta' Ġunju 1999.

(26) Is-sitwazzjoni speċifika tal-kulturi minoritarji, bħar-Rom u t-Travellers, kemm jekk stabbiliti kif ukoll jekk le, u b'mod partikolari n-nuqqas ta' aċċess tagħhom għas-sanità, ġiet rikonoxxuta fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tas-7 ta' Ottubru 2020 "Unjoni tal-Ugwaljanza: Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni", li tappella biex jiżdied l-aċċess ugwali effettiv għal servizzi essenzjali. Kollox ma' kollox, huwa xieraq li l-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lil gruppi vulnerabbli u emarġinati billi jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jittejjeb l-aċċess għas-sanità għal dawk il-gruppi. Huwa importanti li l-identifikazzjoni ta' dawk il-gruppi tkun koerenti mal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[61]. Il-miżuri biex jitjieb l-aċċess għas-sanità minn gruppi vulnerabbli u emarġinati jistgħu jinkludu l-forniment ta' faċilitajiet sanitarji fi spazji pubbliċi mingħajr ħlas jew bi ħlas baxx tas-servizz, it-titjib jew iż-żamma tal-konnessjoni ma' sistemi adegwati għall-ġbir tal-ilma mormi urban, u l-pubbliċizzar tal-eqreb faċilitajiet sanitarji.

(27) Skont il-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem b'rabta mal-Ilma tax-Xorb Sikur u s-Sanità[62], jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari għall-ħtiġijiet tan-nisa u tal-bniet, peress li huma partikolarment f'riskju u esposti għal attakki, vjolenza sesswali u sessista, fastidju u theddid ieħor għas-sikurezza tagħhom meta jaċċessaw faċilitajiet sanitarji barra minn djarhom. Dan huwa konformi mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija dwar l-Ilma[63], li jaffermaw mill-ġdid l-importanza tal-integrazzjoni ta' perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fid-diplomazija dwar l-ilma. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu attenzjoni partikolari lin-nisa u lill-bniet bħala grupp vulnerabbli u jenħtieġ li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex itejbu jew iżommu aċċess sikur għalihom għas-sanità.

(28) L-evalwazzjoni kkonkludiet li l-ġestjoni tal-ħama tista' tittejjeb biex tiġi allinjata aħjar mal-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari u tal-ġerarkija tal-iskart kif definit fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE. L-azzjonijiet biex jiġi mmonitorjat aħjar u jitnaqqas it-tniġġis fis-sors minn skariki mhux domestiċi se jgħinu biex titjieb il-kwalità tal-ħama prodott u jiġi żgurat l-użu sikur tiegħu fl-agrikoltura. Sabiex jiġi żgurat irkupru xieraq u sikur tan-nutrijenti, inkluża s-sustanza kritika tal-fosforu, mill-ħama, jenħtieġ li jiġu definiti rati minimi ta' rkupru fil-livell tal-Unjoni.

(29) Huwa meħtieġ monitoraġġ addizzjonali biex tiġi vverifikata l-konformità mar-rekwiżiti l-ġodda dwar il-mikrosustanzi niġġiesa, it-tniġġis mhux domestiku, in-newtralità enerġetika, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, it-tifwir tal-ilma tal-maltemp u l-ilma tax-xeba' urban. Sabiex tiġi vverifikata l-prestazzjoni tat-trattament kwaternarju li jikkonċerna t-tnaqqis ta' mikrosustanzi niġġiesa fl-iskariki tal-ilma mormi urban, huwa biżżejjed li jiġi mmonitorjat sett limitat ta' mikrosustanzi niġġiesa rappreżentattivi. Il-frekwenzi tal-monitoraġġ jenħtieġ li jiġu allinjati mal-aħjar prattiki attwali, kif inhu attwalment ipprattikat fl-Iżvizzera. Biex jibqgħu kosteffettivi, dawk l-obbligi jenħtieġ li jiġu adattati għad-daqs tal-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban u tal-agglomerazzjonijiet. Il-monitoraġġ se jikkontribwixxi wkoll biex jipprovdi data għall-Qafas ta' Monitoraġġ Ambjentali ġenerali kif stabbilit taħt it-Tmien

---

61 Id-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 435, 23.12.2020, p. 1)

62 Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem b'rabta mal-Ilma tax-Xorb Sikur u s-Sanità (10145/19).

63 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija fil-Qasam tal-Ilma (13991/18).

Programm ta' Azzjoni Ambjentali[64], u b'mod aktar speċifiku jikkontribwixxi għall-Qafas ta' Monitoraġġ ta' Tniġġis Żero li jirfed dan il-Qafas[65].

(30) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv u jintużaw aħjar il-possibbiltajiet offruti mid-diġitalizzazzjoni, ir-rappurtar dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva jenħtieġ li jittejjeb u jiġi ssimplifikat billi jitneħħa l-obbligu għall-Istati Membri li jirrapportaw kull sentejn lill-Kummissjoni u għall-Kummissjoni li tippubblika rapporti darbtejn fis-sena. Jenħtieġ li jiġi sostitwit b'rekwiżit li l-Istati Membri jtejbu, bl-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), is-settijiet ta' data standardizzati nazzjonali eżistenti stabbiliti skont id-Direttiva 91/271/KEE, u li jaġġornawhom regolarment. Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-EEA jingħataw aċċess permanenti għall-bażijiet tad-data nazzjonali. Sabiex tiġi żgurata informazzjoni kompluta dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, is-settijiet tad-data jenħtieġ li jinkludu informazzjoni dwar il-konformità tal-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban mar-rekwiżiti tat-trattament (aċċettabbiltà/inaċċettabbiltà, tagħbijiet u konċentrazzjoni ta' sustanzi niġġiesa skarikati), dwar il-livell ta' ksib tal-objettivi tan-newtralità enerġetika, dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-impjanti tat-trattament ta' aktar minn 10 000 e.p. u dwar il-miżuri meħuda mill-Istati Membri fil-kuntest tat-tifwir tal-ilma tal-maltemp/tax-xeba' urban, tal-aċċess għas-sanità u tat-trattament minn sistemi individwali. Barra minn hekk, jenħtieġ li tiġi żgurata koerenza sħiħa mar-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[66] biex jiġi ottimizzat l-użu tad-data, kif ukoll biex tiġi appoġġata t-trasparenza sħiħa.

(31) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni f'waqtha u xierqa ta' din id-Direttiva, huwa essenzjali li l-Istati Membri jistabbilixxu programm ta' implimentazzjoni nazzjonali li jinkludi programmazzjoni fit-tul tal-investimenti meħtieġa akkumpanjati minn strateġija ta' finanzjament. Dawk il-programmi nazzjonali jenħtieġ li jiġu rrappurtati lill-Kummissjoni. Biex jiġi limitat il-piż amministrattiv, dak ir-rekwiżit jenħtieġ li ma japplikax għall-Istati Membri li juru livell ta' konformità ta' aktar minn 95 % fir-rigward tal-obbligi ewlenin li jiġbru u jittrattaw l-ilma mormi.

(32) Is-settur tal-ġbir u t-trattament tal-ilma mormi urban huwa speċifiku, jopera bħala suq magħluq, b'intrapriżi pubbliċi u żgħar konnessi mas-sistema ta' ġbir mingħajr ma jkollhom il-possibbiltà li jagħżlu l-operaturi tagħhom. Għalhekk huwa importanti li jiġi żgurat l-aċċess pubbliku għall-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tal-operaturi, bħal-livell ta' trattament miksub, il-kostijiet tat-trattament, l-enerġija użata u prodotta, u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u l-marka tal-karbonju relatati. Sabiex il-pubbliku jsir aktar konxju mill-implikazzjonijiet tat-trattament tal-ilma mormi urban, jenħtieġ li l-informazzjoni ewlenija dwar il-kostijiet annwali tal-ġbir u tat-trattament tal-ilma mormi għal kull unità domestika tiġi pprovduta b'mod faċilment aċċessibbli, pereżempju fuq il-fatturi, filwaqt li informazzjoni dettaljata oħra jenħtieġ li tkun aċċessibbli online, fuq sit web tal-operatur jew tal-awtorità kompetenti.

---

64 Id-Deċiżjoni(UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 (ĠU L 114, 12.4.2022, p. 22).

65 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija" (COM/2021/400 final).

66 Ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar il-ħolqien ta' Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1-17).

(33) Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[67] għandha l-għan li tiggarantixxi d-dritt ta' aċċess għat-tagħrif ambjentali fl-Istati Membri f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus tal-1998 dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali ("il-Konvenzjoni ta' Aarhus"). Il-Konvenzjoni ta' Aarhus tiġbor fiha obbligi ġenerali relatati kemm mal-għoti tat-tagħrif ambjentali fuq talba kif ukoll mat-tixrid ta' dan it-tagħrif b'mod attiv. Huwa importanti li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva relatati mal-aċċess għall-informazzjoni u l-arranġamenti tal-kondiviżjoni tad-data jikkomplementaw dik id-Direttiva, billi jistabbilixxu l-obbligu li l-informazzjoni online dwar il-ġbir u t-trattament tal-ilma mormi urban ssir disponibbli għall-pubbliku b'mod faċli għall-utent, mingħajr ma jinħoloq reġim legali separat.

(34) L-effettività ta' din id-Direttiva u l-għan tagħha li tipproteġi s-saħħa pubblika fil-kuntest tal-politika ambjentali tal-Unjoni jeħtieġu li persuni fiżiċi jew ġuridiċi, jew fejn xieraq l-organizzazzjonijiet debitament kostitwiti tagħhom, ikunu jistgħu jiddependu fuqha fi proċedimenti legali u li l-qrati nazzjonali jkunu jistgħu jqisu din id-Direttiva bħala element tad-dritt tal-Unjoni sabiex, fost oħrajn, jiġu rieżaminati d-deċiżjonijiet ta' awtorità nazzjonali fejn ikun xieraq. Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, skont il-prinċipju tal-kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), huma l-qrati tal-Istati Membri li għandhom jiżguraw il-protezzjoni ġudizzjarja tad-drittijiet ta' persuna skont id-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-Artikolu 19(1) TUE jeħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu rimedji suffiċjenti biex jiżguraw protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus, il-membri kkonċernati tal-pubbliku jenħtieġ li jkollhom aċċess għall-ġustizzja sabiex jikkontribwixxu għall-ħarsien tad-dritt li wieħed jgħix f'ambjent li huwa xieraq għas-saħħa u l-benesseri personali.

(35) Sabiex din id-Direttiva tiġi adattata għall-progress xjentifiku u tekniku, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE fir-rigward tal-emendar ta' ċerti partijiet tal-Annessi fir-rigward tar-rekwiżiti għat-trattament sekondarju, terzjarju u kwaternarju u r-rekwiżiti għal awtorizzazzjonijiet speċifiċigħall-iskariki ta' ilma mormi mhux domestiku f'sistemi ta' ġbir u f'impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban u fir-rigward tas-supplimentar ta' din id-Direttiva billi jiġu stabbiliti rati minimi ta' użu mill-ġdid u ta' riċiklaġġ għall-fosforu u n-nitroġenu mill-ħama. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(36) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni għall-adozzjoni ta' standards għat-tfassil ta' sistemi individwali, għall-adozzjoni ta' metodi ta' monitoraġġ u valutazzjoni għall-indikaturi tat-trattament kwaternarju, għall-

[67] Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26–32).

istabbiliment ta' kundizzjonijiet u kriterji komuni għall-applikazzjoni tal-eżonerazzjoni ta' ċerti prodotti mir-responsabbiltà estiża tal-produttur, għall-istabbiliment ta' metodoloġiji li jappoġġaw l-iżvilupp ta' pjanijiet integrati għall-ġestjoni tal-ilma mormi urban u għall-kejl tar-reżistenza għall-antimikrobiċi u tal-mikroplastiċi fl-ilma mormi urban, u għall-adozzjoni tal-format u l-modalitajiet għall-preżentazzjoni tal-informazzjoni li jenħtieġ li tiġi pprovduta mill-Istati Membri u kkompilata mill-EEA dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[68].

(37) L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu r-regoli dwar penali applikabbli għal ksur ta' dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u jenħtieġ li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali jenħtieġ li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi, b'kont meħud tal-ispeċifiċitajiet tal-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju.

(38) Skont il-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[69], jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva f'ċertu perjodu ta' żmien li jibda mid-data stipulata għat-traspożizzjoni tagħha. Dik l-evalwazzjoni jenħtieġ li tkun ibbażata fuq esperjenza miksuba u fuq data miġbura matul l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, fuq kwalunkwe rakkomandazzjoni disponibbli tad-WHO u fuq data xjentifika, analitika u epidemjoloġika rilevanti. Fl-evalwazzjoni, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-ħtieġa possibbli li l-lista ta' prodotti li għandhom jiġu koperti mir-responsabbiltà estiża tal-produttur tiġi adattata skont l-evoluzzjoni tal-firxa ta' prodotti mqiegħda fis-suq, it-titjib tal-għarfien dwar il-preżenza ta' mikrosustanzi niġġiesa fl-ilma mormi u l-impatti tagħhom fuq is-saħħa pubblika u l-ambjent, u data mill-obbligi l-ġodda ta' monitoraġġ tal-mikrosustanzi niġġiesa fid-dħul u fl-iżbokki tal-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban.

(39) Id-Direttiva 91/271/KEE tipprevedi skadenzi speċifiċi għall-Mayotte minħabba l-inklużjoni tagħha fl-2014 bħala reġjun ultraperiferiku fit-tifsira tal-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, l-applikazzjoni tal-obbligi li jiġu stabbiliti sistemi ta' ġbir u li jiġi applikat trattament sekondarju għall-ilma mormi urban minn agglomerazzjoni ta' 2 000 e.p. u ogħla jenħtieġ li tiġi differita fir-rigward tal-Mayotte.

(40) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-protezzjoni tal-ambjent, huwa importanti li l-Istati Membri jżommu mill-inqas il-livell attwali ta' trattament terzjarju sakemm isiru applikabbli r-rekwiżiti l-ġodda għat-tnaqqis tal-fosforu u tan-nitroġenu. Għalhekk, l-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KE jenħtieġ li jkompli japplika sakemm dawk ir-rekwiżiti l-ġodda jsiru applikabbli.

(41) Billi l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa pubblika, il-progress lejn in-newtralità klimatika tal-attivitajiet tal-ġbir u t-trattament tal-ilma mormi urban, it-titjib tal-aċċess għas-sanità u l-iżgurar ta' sorveljanza regolari tal-parametri rilevanti għas-saħħa pubblika, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu, pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni,

---

68 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

69 Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1–14).

jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(42) Jenħtieġ li l-obbligu li din id-Direttiva tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali jkun limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw emenda sostantiva meta mqabbel mad-Direttiva ta' qabel. L-obbligu li jiġu trasposti d-dispożizzjonijiet li mhumiex mibdula joħroġ mid-Direttiva ta' qabel.

(43) Din id-Direttiva jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri marbuta mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi stipulati fil-Parti B tal-Anness VII,

---

| ➔ 91/271/KEE (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

ADDOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

⌦ Suġġett ⌫

Din id-Direttiva ~~tikkonċerna l-ġbir~~ ⌦ tistabbilixxi regoli dwar il-ġbir, ⌫ it-trattament u l-iskariki tal-ilma mormi urban ~~u t-trattment u l-iskariki ta' ilma mormi minn ċertu setturi industrijali. L-għan tad-Direttiva huwa~~ biex tipproteġi l-ambjent ~~minn effetti negattivi iskariki ta' ilma mormi hawn fuq imsemmija~~ ⇨ u lis-saħħa tal-bniedem filwaqt li progressivament telimina l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u ttejjeb il-bilanċ enerġetiku tal-attivitajiet tal-ġbir u t-trattament tal-ilma mormi urban. Tistabbilixxi wkoll regoli dwar l-aċċess għas-sanità, dwar it-trasparenza tas-settur tal-ilma mormi urban u dwar is-sorveljanza regolari tal-parametri rilevanti għas-saħħa pubblika fl-ilmijiet urbani mormija ⇦ .

*Artikolu 2*

⌦ Definizzjonijiet ⌫

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva ⌦ , japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin ⌫ :

(1~~.~~) "ilma mormi urban" tfisser ilma mormi domestiku ⇨ , it-taħlita ta' ilma mormi domestiku u ilma mormi mhux domestiku ⇦ jew taħlita ~~ta' ilma mormi domestiku ma' ilma mormi industrijali u/jew ilma tax-xita~~ ⌦ ta' ilma mormi domestiku u ilma tax-xeba' ⌫;

(2.) "ilma mormi domestiku" ifisser ilma mormi minn żoni residenzjali u servizzi li joriġinaw l-aktar mill-metaboliżmu uman u minn attivitajiet domestiċi;

(3)~~.~~ "ilma mormi ~~industrijali~~ ⇨ mhux domestiku ⇦" tfisser kull ilma mormi li joħroġ ⇨ f'sistemi ta' ġbir ⇦ minn bini użat ~~biex jilqa' fih kull~~ ⌦ għal kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin: ⌫;

⌦ (a) l-eżerċizzju ta' ⌫ sengħa ~~jew industrija, li mhuwiex la ilma mormi dometiku u lanqas ilma tax-xita moħli~~;

⇩ ġdid

(b) attivitajiet imwettqa minn istituzzjoni;

🡻 91/271/KEE (adattat)
⇨ ġdid

⌦ (c) attivitajiet industrijali; ⌫

(4)~~.~~ "agglomerazzjoni" tfisser żona fejn ~~il-popolazzjoni u/jew l-attivitajiet ekonomiċi jkunu konċentrati~~ ⇨ it-tagħbija tat-tniġġis tal-ilma mormi urban hija konċentrata ⇦ b'mod suffiċjenti ⇨ (10 e.p. għal kull ettaru jew iktar) ⇦ sabiex l-ilma mormi urban ikun jista jinġabar u jittieħed f'impjant ta' trattament tal-ilma mormi urban jew għall-punt ta' skarikar finali;

⇩ ġdid

(5) "ilma tax-xeba' urban" tfisser ilma tax-xita minn agglomerazzjonijiet miġbura minn kanali tad-drenaġġ ikkombinati jew separati;

(6) "tifwir tal-ilma tal-maltemp" tfisser l-iskariku tal-ilma mormi urban mhux ittrattat fl-ilmijiet riċeventi minn kanali tad-drenaġġ ikkombinati kkawżat mix-xita;

🡻 91/271/KEE

(7)~~5.~~ "sistema ta' ġbir" tfisser sistema ta' mogħdijiet li tiġbor u tmexxi l-ilma mormi urban;

⇩ ġdid

(8) "kanal tad-drenaġġ ikkombinat" tfisser mogħdija li tiġbor u tmexxi l-ilma mormi urban;

(9) "kanal tad-drenaġġ separat" tfisser mogħdija li tiġbor u tmexxi b'mod separat xi wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) ilma mormi domestiku;

(b) ilma mormi mhux domestiku;

(c) taħlita ta' ilma mormi domestiku u mhux domestiku;

(d) l-ilma tax-xita mill-agglomerazzjonijiet;

🡻 91/271/KEE (adattat)
⇨ ġdid

~~6.~~ (10) ~~"1 e.p. (ekwivalenti ta' popolazzjoni)"~~ ⌦ "ekwivalenti ta' popolazzjoni" jew "(e.p.)" ⌫ tfisser ⇨ l-unità li tesprimi t-tagħbija potenzjali medja tat-tniġġis tal-ilma kkawżata minn persuna waħda kuljum, fejn 1 e.p. huwa ⇦t-tagħbija organika bjiodegradabbli li jkollu domanda biokimika ta' ossiġnu fuq ħamest ijiem (BOD5) ta' 60 g ta' ossiġnu kuljum;

~~7. "trattament primarju" ifisser trattament ta' ilma mormi urban permezz ta' proċessi fiżiċi u/jew kemikali li jinvolvu t-tqegħid ta' solidi sospiżi, jew proċessi oħra li fihom l-BOD5 tal-ilma mormi li jkun dieħel jitnaqqas b'minn tal-anqas 20 % qabel ma dan jintrema, waqt li s-solidi sospiżi totali tal-ilma mormi li jkun dieħel jitnaqqsu b'minn ta' lanqas 50 %;~~

~~8.~~ (11) "trattament sekondarju" tfisser trattament ta' ilma mormi urban bi proċessi li jinvolvu ġeneralment trattament bijoloġiku b'depożitar sekondarju, jew proċessi oħra ~~li fihom il-kriterji stabbiliti fit-Tabella 1 tal-Anness I huma rispettati~~;

~~9. "trattament xieraq" ifisser trattament ta' ilma mormi urban bi kwalunkwe proċess u/jew sistema ta' disponiment li wara l-iskarikar jippermetti li l-ilmijiet riċeventi jilħqu l-għanijiet ta' kwalità u d-dispożizzjonijiet relevanti ta' din u ta' Direttivi oħra tal-Komunità;~~

---

⇩ ġdid

(12) "trattament terzjarju" tfisser trattament ta' ilma mormi urban bi proċess li jneħħi n-nitroġenu u l-fosforu mill-ilmijiet urbani mormija;

(13) "trattament kwaternarju" tfisser it-trattament tal-ilma mormi urban bi proċess li jneħħi spettru wiesa' ta' mikrosustanzi niġġiesa mill-ilmijiet urbani mormija;

---

🡻 91/271/KEE
⇨ ġdid

~~10.~~ (14) "ħ~~H~~ama" tfisser ⇨ kwalunkwe skart solidu, semisolidu jew likwidu li jirriżulta mit-trattament tal-ilma mormi urban ⇦ ~~ħama residwu, kemm jekk tkun ittrattata u kemm jekk le, minn impjanti tat-trattament ta' ilma mormi urban~~;

~~11.~~ (15) "ewtrofikazzjoni" tfisser li l-ilma jkun arikkit b'nutrijenti, speċjalment b'komposti ta' nitroġenu u/jew fosforu, li jikkawżaw it-tkabbir mgħaġġel ta' alka u forom aktar għoljin ta' pjanti biex jipproduċu tfixkil mhux mixtieq lill-bilanċ ta' organiżmi li jkunu preżenti fl-ilma kif ukoll lill-kwalità tal-ilma kkonċernat;

~~12. "estwarji" tfisser iż-żona transizzjonali f'bokka ta' xmara bejn l-ilma ħelu u l-ilma kostali. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-limiti esterjuri (lejn il-baħar) ta' żoni estwarji għall-għanijiet ta' din id-Direttiva bħala parti mill-programm ta' implimentazzjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 17(1) u (2);~~

~~13. "ibħra kostali" tfisser l-ilmijiet li jkunu barra l-linja l-baxxa tal-ilma jew barra l-limitu esterjuri taż-żona estwarja.~~

---

⇩ ġdid

(16) "mikrosustanza niġġiesa" tfisser sustanza, inklużi l-prodotti tad-diżintegrazzjoni tagħha, li normalment tkun preżenti fl-ambjent u fl-ilma mormi urban f'konċentrazzjonijiet ta' inqas minn milligrammi għal kull litru u li tista' titqies bħala

perikoluża għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent abbażi ta' kwalunkwe wieħed mill-kriterji stabbiliti fil-Parti 3 u fil-Parti 4 tal-Anness I tar-Regolament KE[70];

(17) "proporzjon tad-dilwizzjoni" tfisser il-proporzjon bejn il-volum tal-fluss annwali tal-ilmijiet riċeventi fil-punt tal-iskariku u l-volum annwali tal-ilma mormi urban skarikat minn impjant tat-trattament;

(18) "produttur" tfisser kwalunkwe manifattur, importatur jew distributur li, fuq bażi professjonali, iqiegħed prodotti fis-suq ta' Stat Membru, inkluż permezz ta' kuntratti mill-bogħod kif definit fl-Artikolu 2(7) tad-Direttiva 2011/83/UE;

(19) "Organizzazzjoni tar-Responsabbiltà tal-Produtturi (PRO)" tfisser organizzazzjoni stabbilita kollettivament mill-produtturi bl-għan li jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 9;

(20) "sanità" tfisser faċilitajiet u servizzi għar-rimi sikur ta' awrina umana, feċi, u demm mestrwali;

(21) "reżistenza għall-antimikrobiċi" tfisser il-kapaċità ta' mikroorganiżmi li jgħixu jew jikbru fil-preżenza ta' konċentrazzjoni ta' sustanza antimikrobika li normalment tkun biżżejjed sabiex trażżan jew toqtol mikroorganiżmi tal-istess speċi;

(22) "pubbliku kkonċernat" tfisser il-pubbliku affettwat jew li x'aktarx jiġi affettwat mill-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet, għall-implimentazzjoni tal-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva, jew li għandu interess fihom, inklużi l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent;

(23) "biomeda tal-plastik" tfisser appoġġ tal-plastik użat għall-iżvilupp tal-batterji meħtieġa għat-trattament tal-ilma mormi urban.

(24) "tqegħid fis-suq" tfisser meta prodott isir disponibbli għall-ewwel darba fis-suq ta' Stat Membru.

---

| ➔ 91/271/KEE (adattat) |
|---|
| ⇨ ġdid |

*Artikolu 3*

⌦ Sistemi tal-ġbir ⌫

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-agglomerazzjonijiet kollha ⌦ b'e.p. ta' 2 000 u iktar ikunu konformi mar-rekwiżiti li ġejjin: ⌫

⌦ (a) ⌫ ikunu pprovduti b'sistemi ta' ġbir ~~għall-ilma mormi urban,~~;

⇨ (b) is-sorsi kollha tagħhom ta' ilma domestiku mormi huma konnessi mas-sistema ta' ġbir. ⇦

– ~~sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2000 għal dawk li jkollhom popolazzjoni ekwivalenti (e.p.) ta' aktar minn 15000 ruħ, u~~

– ~~sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2005 għal dawk li jkollhom e.p. ta' bejn l-2000 u il-15000 ruħ.~~

---

[70] Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

~~Għall-ilma mormi urban li jispiċċa f'ilmijiet li jilqgħu dan id-drenaġġ u li huma kkunsidrati bħala "żoni sensittivi" kif mfisser taħt l-Artikolu 5, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li sistemi ta' ġbir ikunu disponibbli sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1998 għall-agglomerazzjonijiet ta' aktar minn 10000 e.p.~~

---

🡻 2013/64/UE Art. 1.1 (adattat)

~~1a. B'deroga mill-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-paragrafu 1, fir-rigward tal-Mayotte bħala reġjun ultraperiferiku fit-tifsira tal-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Mayotte") Franza għandha tiżgura li l-agglomerazzjonijiet kollha jkunu pprovduti b'sistemi ta' ġbir għall-ilma mormi urban:~~

- ~~sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020 għal agglomerazzjonijiet ta' aktar minn 10000 p.e., li se jkopru mill-inqas 70 % tat-tagħbija ġġenerata fil-Mayotte;~~
- ~~sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2027 għal agglomerazzjonijiet ta' aktar minn 2000 p.e.~~

---

⇩ ġdid

2. Sal-31 ta' Diċembru 2030, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-agglomerazzjonijiet kollha b'e.p. ta' bejn 1 000 u 2 000 jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) jiġu pprovduti b'sistemi ta' ġbir;

(b) is-sorsi kollha tagħhom ta' ilma domestiku mormi huma konnessi mas-sistema ta' ġbir.

---

🡻 1137/2008 Art. 1 u Anness .4(2) (adattat)

3. Is-sistemi ta' ġbir ~~deskritti fil-paragrafu 1~~ għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ~~tat-Taqsima~~ tal-Parti A tal-Anness I. ~~Il-Kummissjoni tista' temenda dawk ir-rekwiżiti. Dawk il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 18(3).~~

---

🡻 91/271/KEE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 4*

⌦ Sistemi individwali ⌫

⌦ 1. B'deroga mill-Artikolu 3, ⌫ ~~F~~fejn ⇨ eċċezzjonalment ⇦ it-twaqqif ta' sistemi ta' ġbir ma jkunx iġġustifikat jew għaliex dan ma jkun jipprovdi l-ebda benefiċċju ambjentali jew għaliex ikun jinvolvi spiża eċċessiva, ⌦ l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ⌫ sistemi individwali ~~għandhom jintużaw~~ ⌦ għat-trattament tal-ilma mormi urban ("sistemi individwali") ⌫ ~~jew sistemi adatti oħra li jkunu jilħqu l-istess livell ta' protezzjoni ambjentali~~ ⌦ jintużaw ⌫.

⇩ ġdid

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistemi individwali jkunu ddisinjati, operati u miżmuma b'mod li jiżgura mill-inqas l-istess livell ta' trattament bħat-trattamenti sekondarji u terzjarji msemmija fl-Artikoli 6 u 7.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li agglomerazzjonijiet fejn jintużaw is-sistemi individwali jkunu rreġistrati f'reġistru pubbliku u li spezzjonijiet regolari ta' dawk is-sistemi jitwettqu mill-awtorità xierqa.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 27 sabiex tissupplimenta din id-Direttiva, billi tistabbilixxi rekwiżiti minimi dwar id-disinn, it-tħaddim u l-manutenzjoni ta' sistemi individwali u billi tispeċifika r-rekwiżiti għall-ispezzjonijiet regolari msemmija fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu.

4. L-Istati Membri li jużaw sistemi individwali biex jittrattaw aktar minn 2 % tat-tagħbija tal-ilma mormi urban minn agglomerazzjonijiet ta' 2 000 e.p. u aktar, għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'ġustifikazzjoni dettaljata għall-użu ta' sistemi individwali f'kull agglomerazzjoni. Dik il-ġustifikazzjoni għandha:

(a) turi li l-kundizzjonijiet għall-użu tas-sistemi individwali stabbiliti fil-paragrafu 1 huma ssodisfati;

(b) tiddeskrivi l-miżuri meħuda f'konformità mal-paragrafu 2;

(c) turi konformità mar-rekwiżiti minimi msemmija fil-paragrafu 3 fejn il-Kummissjoni tkun eżerċitat is-setgħa delegata tagħha skont dak il-paragrafu.

5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-format għat-tressiq tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 28(2).

*Artikolu 5*

Pjanijiet integrati għall-ġestjoni tal-ilma mormi urban

1. Sal-31 ta' Diċembru 2030, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġi stabbilit pjan integrat għall-ġestjoni tal-ilma mormi urban għall-agglomerazzjonijiet ta' 100 000 e.p. u aktar.

2. Sal-31 ta' Diċembru 2025, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu lista ta' agglomerazzjonijiet ta' bejn 10 000 e.p. u 100 000 e.p. fejn, meta titqies id-*data* storika u l-projezzjonijiet klimatiċi l-aktar avvanzati, tkun tapplika waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) it-tifwir tal-ilma tal-maltemp jew l-ilma tax-xeba' urban joħloq riskju għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem;

(b) it-tifwir tal-ilma tal-maltemp jirrappreżenta aktar minn 1 % tat-tagħbija annwali miġbura tal-ilma mormi urban, ikkalkulata f'kundizzjonijiet ta' temp xott;

(c) it-tifwir tal-ilma tal-maltemp jew l-ilma tax-xeba' urban jipprevjeni l-issodisfar ta' kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) ir-rekwiżiti stabbiliti skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2020/2184;

(ii) ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2006/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[71];

(iii) ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[72];

(iv) l-objettivi ambjentali stabbiliti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/60/KE.

L-Istati Membri għandhom jirrevedu l-lista msemmija fl-ewwel subparagrafu kull ħames snin wara l-istabbiliment tagħha u jaġġornawha fejn meħtieġ.

3. Sal-31 ta' Diċembru 2035, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġi stabbilit pjan integrat għall-ġestjoni tal-ilma mormi urban għall-agglomerazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2.

4. Il-pjanijiet integrati għall-ġestjoni tal-ilma mormi urban għandhom ikunu disponibbli għall-Kummissjoni fuq talba.

5. Il-pjanijiet integrati għall-ġestjoni tal-ilma mormi urban għandhom jinkludu mill-inqas l-elementi stabbiliti fl-Anness V.

6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex:

(a) tipprovdi metodoloġiji għall-identifikazzjoni tal-miżuri msemmija fil-punt 3 tal-Anness V;

(b) tipprovdi metodoloġiji għad-determinazzjoni ta' indikaturi alternattivi biex jiġi vverifikat jekk l-objettiv indikattiv tat-tnaqqis tat-tniġġis imsemmi fil-punt 2 (a) tal-Anness V jintlaħaqx;

(c) tiddetermina l-format li bih il-pjanijiet integrati għall-ġestjoni tal-ilma mormi urban għandhom ikunu disponibbli għall-Kummissjoni meta mitluba f'konformità mal-paragrafu 4.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 28(2).7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjanijiet integrati għall-ġestjoni tal-ilma mormi urban jiġu riveduti kull ħames snin wara l-istabbiliment tagħhom u jiġu aġġornati fejn meħtieġ.

---

| ↓ 91/271/KEE (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

Artikolu 64

⌦ Trattament sekondarju ⌫

1. ⌦ Għal agglomerazzjonijiet ta' 2 000 e.p. u iktar, ⌫ l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ilma mormi urban li jidħol f'sistemi ta' ġbir ~~għandu ma jkun skarikat~~ ikun suġġett għal trattament sekondarju ⇨ f'konformità mal-paragrafu 3 ⇦ jew trattament ekwivalenti ieħor ~~kif ġej:~~ ⌦ qabel l-iskariku. ⌫

[71] Id-Direttiva 2006/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar l-immaniġġjar tal-kwalità tal-ilma għall-għawm u li tħassar id-Direttiva 76/160/KEE (ĠU L 64, 4.3.2006, p. 37).

[72] Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84).

– ~~sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2000 għall-skariki kollha minn agglomerazzjoni ta' aktar minn 15000 e.p.,~~

– ~~sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2005 għall-skariki kollha minn agglomerazzjoni ta' bejnl-10000 u l-15000 e.p.,~~

– ~~sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2005 għal skariki li jispiċċaw f'ilma ħelu u estwarji minn agglomerazzjonijiet ta' bejn l-2000 u l-10000 e.p.~~

---

⇩ ġdid

Għal agglomerazzjonijiet ta' bejn 2 000 e.p. u 10 000 e.p. li qed jiskarikaw f'żoni kostali, l-obbligu stabbilit fl-ewwel paragrafu ma għandux japplika qabel l-31 ta' Diċembru 2027.

---

🡻 2013/64/UE Art. 1.2 (adattat)

~~1a. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, fir-rigward tal-Mayotte, Franza għandha tiżgura li d-drenaġġ urban mormi li jidħol f'sistemi ta' ġbir hu, qabel ma jkun skarigat, suġġett għal trattament sekondarju jew trattament ekwivalenti:~~

– ~~sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020 għal agglomerazzjonijiet ta' aktar minn 15000 p.e., flimkien ma l-agglomerazzjonijiet li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 5 (2a), li ser ikopru mill-inqas 70 % tat-tagħbija ġġenerata fil-Mayotte;~~

~~– sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2027 għal agglomerazzjonijiet ta' aktar minn 2000 p.e.~~

---

⇩ ġdid

2. Għal agglomerazzjonijiet ta' bejn 1 000 e.p. u 2 000 e.p., l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ilma mormi urban li jidħol fis-sistemi ta' ġbir ikun soġġett għal trattament sekondarju f'konformità mal-paragrafu 3 jew trattament ekwivalenti qabel l-iskariku sal-31 ta' Diċembru 2030.

3. Il-kampjuni meħuda f'konformità mal-Artikolu 21 u mal-Parti D tal-Anness I ta' din id-Direttiva għandhom jikkonformaw mal-valuri parametriċi stabbiliti fit-tabella 1 tal-Parti B tal-Anness I. L-għadd massimu permess ta' kampjuni li ma jikkonformawx mal-valuri parametriċi tat-tabella 1 tal-Parti B tal-Anness I huwa stabbilit fit-tabella 4 tal-Parti D tal-Anness I.

---

🡻 91/271/KEE

~~2. Skariki ta' ilma mormi urban għal ġo ilmijiet li jinsabu f'reġjuni ta' muntanji għoljin (aktar minn 1500 mil fuq mil-livell tal-baħar), fejn huwa diffiċli li wieħed japplika trattament bioloġiku effettiv minħabba t-temperaturi baxxi, jista jkun suġġett għal trattament inqas strett minn dak preskritt fil-paragrafu 1, sakemm studji dettaljati juru li dawk l-skariki ma jaffettwawx lill-ambjent b'mod negattiv.~~

🡻 1137/2008 Art. 1 u l-Anness .4(2)

~~3. L-iskariki minn impjanti ta' trattament ta' ilma mormi urban deskritti fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jilħqu l-kriterji rilevanti tal-Anness I. B. Il-Kummissjoni tista' temenda dawn il-kriterji. Dawk il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 18(3).~~

🡻 91/271/KEE (adattat)

4. It-tagħbija espressa f'termini ta' e.p. għandha tkun ikkalkulata fuq il-bażi tat-tagħbija massima medju ta' ġimgħa li tidħol fl-impjant ta' trattament ⌦ tal-ilma mormi urban ⌫ matul is-sena, esklużi biss sitwazzjonijiet mhux tas-soltu ~~bħal dawk li jiġu~~ kkawżati minn xita qalila.

*Artikolu 7~~5~~*

⌦ Trattament terzjarju ⌫

⇩ ġdid

1. Sal-31 ta' Diċembru 2030, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskariki minn 50 % tal-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban li jittrattaw tagħbija ta' 100 000 e.p. u aktar u li ma japplikawx trattament terzjarju fi [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] ikunu soġġetti għal trattament terzjarju f'konformità mal-paragrafu 4.

Sal-31 ta' Diċembru 2035, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjanti kollha tat-trattament tal-ilma mormi urban li jittrattaw tagħbija ta' 100 000 e.p. u aktar ikunu soġġetti għal trattament terzjarju f'konformità mal-paragrafu 4.

🡻 91/271/KEE (adattat)

~~1. Għall-għanijiet tal-paragrafu 2, l-Istati Membri sal-31 ta' Diċembru 1993 għandhom jidentifikaw żoni sensittivi skont il-kriterji stabbiliti fl-Anness II.~~

⇩ ġdid

2. Sal-31 ta' Diċembru 2025, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu lista ta' żoni fit-territorju tagħhom li huma sensittivi għall-ewtrofikazzjoni u jaġġornaw dik il-lista kull ħames snin li jibdew fil-31 ta' Diċembru 2030.

Il-lista msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tinkludi ż-żoni identifikati fl-Anness II.

Ir-rekwiżit stabbilit fl-ewwel subparagrafu ma għandux japplika meta Stat Membru jimplimenta trattament terzjarju f'konformità mal-paragrafu 4 fit-territorju kollu tiegħu.

| |
|---|
| ➔ 91/271/KEE (adattat)<br>⇨ ġdid |

~~3~~2. ⇨ Sal-31 ta' Diċembru 2035, ⇦ l~~L~~-Istati Membri għandhom jiżguraw li ⇨ għal 50 % tal-agglomerazzjonijiet ta' bejn 10 000 e.p. u 100 000 e.p. li jiskarikaw f'żoni inklużi fil-lista msemmija fil-paragrafu 2 u li ma japplikawx it-trattament terzjarju fi [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġobkom daħħlu d-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] ⇦ l-ilma mormi urban li jidħol f'sistemi ta' ġbir ikun ⇨ soġġett għal trattament terzjarju f'konformità mal-paragrafu 4 ⇦, qabel ma jippermettu l-iskarikar tiegħu f'⌦ dawk iż-⌫ żoni ~~sensittivi~~, ~~soġġett għal trattament iktar strett minn dak deskritt fl-Artikolu 4,~~ ~~sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1998~~ ~~għall-skariki kollha minn agglomerazzjonijiet ta' aktar minn 10000 e.p.~~

| |
|---|
| ⇩ ġdid |

Sal-31 ta' Diċembru 2040, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ilma mormi urban li jidħol fis-sistemi ta' ġbir ikun soġġett għal trattament terzjarju f'konformità mal-paragrafu 4 qabel ma jiġi skarikat f'żoni inklużi fil-lista msemmija fil-paragrafu 2 fir-rigward tal-agglomerazzjonijiet kollha ta' bejn 10 000 e.p. u 100 000 e.p.

| |
|---|
| ➔ 2013/64/UE Art. 1.3 (adattat) |

~~2a. B'deroga mill-paragrafu 2, fir-rigward tal-Mayotte, Franza għandha tiżgura li d-drenaġġ urban mormi li jidħol f'sistemi ta' ġbir hu, qabel ma jkun skarigat, suġġett għal trattament iktar strett minn dak deskritt fl-Artikolu 4 — sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020 għal agglomerazzjonijiet ta' aktar minn 10000 p.e., flimkien mal-agglomerazzjonijiet li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 4(1a), li se jkopru mill-inqas 70 % tat-tagħbija ġġenerata fil-Mayotte.~~

| |
|---|
| ➔ 1137/2008 Art. 1 u l-Anness .4(2) |

~~3. L-iskariki minn impjanti ta' trattament ta' ilma mormi urban deskritti fil-paragrafu 2 għandhom jilħqu l-kriterji rilevanti tal-Anness I B. Il-Kummissjoni tista' temenda dawn il-kriterji. Dawk il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 18(3).~~

| |
|---|
| ⇩ ġdid |

4. Il-kampjuni meħuda f'konformità mal-Artikolu 21 u mal-Parti D tal-Anness I ta' din id-Direttiva għandhom jikkonformaw mal-valuri parametriċi stabbiliti fit-tabella 2 tal-Parti B tal-Anness I. L-għadd massimu permess ta' kampjuni li ma jikkonformawx mal-valuri parametriċi tat-tabella 2 tal-Parti B tal-Anness I huwa stabbilit fit-tabella 4 tal-Parti D tal-Anness I.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 27 biex temenda l-Partijiet B u D tal-Anness I sabiex tadatta r-rekwiżiti u l-metodi msemmija fit-tieni subparagrafu għall-progress teknoloġiku u xjentifiku.

🡻 91/271/KEE
⇨ ġdid

54. Alternattivament, kriterji għall-impjanti individwali stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 hawn fuq m'għandhomx għalfejn ikunu applikabbli f'żoni sensittivi ⇨ B'deroga mill-paragrafi 3 u 4, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li impjant tat-trattament tal-ilma mormi individwali li jinsab f'żona inkluża f'lista msemmija fil-paragrafu 2 ma għandux ikun soġġett għar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 3 u 4 ⇦ fejn jista' jintwera li l-persentaġġ minimu ta' tnaqqis tat-tagħbija ġenerali li tidħol fl-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban kollha f'dik iż-żona jkun minn ta' lanqas 75 % għall-fosfru totali u minn ta lanqas 75 % għan-nitroġenu totali:.

⇩ ġdid

(a) 82,5 % għall-fosforu totali u 80 % għan-nitroġenu totali sal-31 ta' Diċembru 2035;

(b) 90 % għall-fosforu totali u 85 % għan-nitroġenu totali sal-31 ta' Diċembru 2040.

🡻 91/271/KEE (adattat)
⇨ ġdid

65. Skariki minn impjanti ta' trattament ta' ilma mormi urban li jkunu jinsabu fiż-żoni li fihom jinġabar l-ilma relevanti ⇨ ta' 10 000 e.p. u iktar f'baċir idrografiku ⇦ta' ⌦ żona sensittiva għall-ewtrofikazzjoni ⌫żoni sensittivi ⇨ inkluża f'lista msemmija fil-paragrafu 2 ⇦ u li jikkontribwixxu għat-tniġġis ta' dawn iż-żoni għandhom ikunu soġġetti ⌦ wkoll ⌫għall-paragrafi 32, 3 ⇨ 4 ⇦ u 54.

F'każijiet fejn iż-żoni li jinġabar fihom l-ilma msemmija fuq ikunu jinsabu kompletament jew parzjalment fi Stat Membru ieħor, għandu japplika l-Artikolu 9.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-identifikazzjoni ta' żoni sensittivi tkun riveduta f'intervalli ta' mhux aktar minn erba' snin.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ⇨ l-iskariki minn impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban li jinsabu f'żona inkluża fil-lista msemmija fil-paragrafu 2 wara waħda mill-aġġornamenti regolari tal-lista meħtieġa minn dak il-paragrafu jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 3 u 4 fi żmien seba' snin mill-inklużjoni f'dik il-lista ⇦ żoni identifikati bħala sensittivi wara li jkunu ġew riveduti taħt il-paragrafu 6 għandhom jilħqu l-kriterji hawn fuq imsemmija fi żmien seba' snin.

8. Stat Membru m'għandux għalfejn jidentifika żoni sensittivi għall-għan ta' din id-Direttiva jekk dan jimplimenta t-trattament stabbilit taħt il-paragrafi 2, 3 u 4 fit-territorju kollu tiegħu.

⇩ ġdid

*Artikolu 8*

Trattament kwaternarju

1. Sal-31 ta' Diċembru 2030, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li 50 % tal-iskariki mill-impjanti kollha tat-trattament tal-ilma mormi urban li jittrattaw tagħbija ta' 100 000 e.p. u aktar ikunu soġġetti għal trattament kwaternarju f'konformità mal-paragrafu 5.

Sal-31 ta’ Diċembru 2035, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjanti kollha tat-trattament tal-ilma mormi urban li jittrattaw tagħbija ta’ 100 000 e.p. u aktar ikunu soġġetti għal trattament kwaternarju f’konformità mal-paragrafu 5.

2. Fil-31 ta’ Diċembru 2030, l-Istati Membri għandhom ikunu stabbilixxew lista ta’ żoni fit-territorju nazzjonali tagħhom fejn il-konċentrazzjoni jew l-akkumulazzjoni ta’ mikrosustanzi niġġiesa tirrappreżenta riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent. L-Istati Membri għandhom jirrevedu dik il-lista kull ħames snin minn hemm’ il quddiem u jaġġornawha jekk ikun meħtieġ.

Il-lista msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tinkludi ż-żoni li ġejjin, sakemm ma jistax jintwera li ma hemmx riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent f’dawk iż-żoni abbażi ta’ valutazzjoni tar-riskju:

(a) korpi tal-ilma użati għall-astrazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva (UE) 2020/2184;

(b) ilma għall-għawm li jaqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva 2006/7/KE;

(c) għadajjar kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (5), tad-Direttiva 2000/60/KE;

(d) xmajjar kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (4), tad-Direttiva 2000/60/KE jew flussi oħra tal-ilma fejn il-proporzjon tad-dilwizzjoni jkun inqas minn 10;

(e) żoni fejn iseħħu l-attivitajiet tal-akkwakultura, kif definiti fl-Artikolu 4, il-punt (25), tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[73];

(f) żoni fejn huwa meħtieġ trattament addizzjonali biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttivi 2000/60/KE u 2008/105/KE.

Il-valutazzjoni tar-riskju msemmija fit-tieni subparagrafu għandha tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni fuq talba.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta’ implimentazzjoni li jistabbilixxu l-format tal-valutazzjoni tar-riskju msemmija fl-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, u l-metodu li għandu jintuża għal dik il-valutazzjoni tar-riskju. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 28(2).

4. Sal-31 ta’ Diċembru 2035, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li għal 50 % tal-agglomerazzjonijiet ta’ bejn 10 000 p.e u 100 000 e.p., l-ilma mormi urban li jidħol fis-sistemi ta’ ġbir ikun soġġett għal trattament kwaternarju f’konformità mal-paragrafu 5 qabel ma jiġi skarikat f’żoni inklużi fil-lista msemmija fil-paragrafu 2.

Sal-31 ta’ Diċembru 2040, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ilma mormi urban li jidħol fis-sistemi ta’ ġbir ikun soġġett għal trattament kwaternarju f’konformità mal-paragrafu 5 qabel ma jiġi skarikat f’żoni inklużi fil-lista msemmija fil-paragrafu 2 fir-rigward tal-agglomerazzjonijiet kollha ta’ bejn 10 000 e.p. u 100 000 e.p.

5. Il-kampjuni meħuda f’konformità mal-Artikolu 21 u mal-Parti D tal-Anness I ta’ din id-Direttiva għandhom jikkonformaw mal-valuri parametriċi stabbiliti fit-tabella 3 tal-Parti B tal-Anness I. L-għadd massimu permess ta’ kampjuni li ma jikkonformawx mal-valuri parametriċi tat-tabella 3 tal-Parti B tal-Anness I huwa stabbilit fit-tabella 4 tal-Parti D tal-Anness I.

---

[73] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 27 biex temenda l-Partijiet B u D tal-Anness I sabiex tadatta r-rekwiżiti u l-metodi msemmija fit-tieni subparagrafu għall-progress teknoloġiku u xjentifiku.

6. Sal-31 ta' Diċembru 2030, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-metodi ta' monitoraġġ u kampjunar li għandhom jintużaw mill-Istati Membri biex jiddeterminaw il-preżenza u l-kwantitajiet fl-ilma mormi urban tal-indikaturi stabbiliti fit-tabella 3 tal-Parti B tal-Anness I. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 28(2).

---

🡻 91/271/KEE

*Artikolu 6*

1. Għall-għanijiet tal-paragrafu 2, l-Istati Membri sal-31 ta' Diċembru 1993 jistgħu jidentifikaw żoni inqas sensittivi f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Anness II.

2. Skariki ta' ilma mormi urban minn agglomerazzjonijiet ta' bejn l-10000 u l-150000 e.p. għall-ilmijiet kostali u dawk minn agglomerazzjonijiet ta' bejn l-2000 u l-10000 e.p. għal ilmijiet estwarji li jinsabu fiż-żoni deskritti fil-paragrafu 1 jistgħu jkunu soġġetti għal trattament inqas strett minn dak preskritt fl-Artikolu 4 sakemm:

– dawn l-skariki jirċievu minn ta' lanqas trattament primarju kif definit fl-Artikolu 2(7) f'konformità mal-proċeduri ta' kontroll stabbiliti fl-Anness I D,

– studji komprensivi juru li dawk l-skariki ma jaffettwawx lill-Ambjent b'mod negattiv.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni relevanti kollha li tikkonċerna l-istudji hawn fuq msemmija.

3. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 ma jkunux intlaħqu, hija għandha tissottometti lill-Kunsill proposta xierqa.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-identifikazzjoni ta' żoni inqas sensittivi tkun riveduta f' intervalli ta' mhux aktar minn erba' snin.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li żoni mhux identifikabbli aktar bħala inqas sensittivi għandhom jilħqu f'seba' snin il-kriterji tal-Artikoli 4 u 5 kif ikun xieraq.

*Artikolu 7*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sal-31 ta' Diċembru 2005, ilma mormi urban li jidħol f'sistemi ta' ġbir għandu, qabel ma dan jintrema, jkun suġġett għal trattament adattat kif definit fl-Artikolu 2(9) f'dawn il-każijiet li ġejjin:

– għal skariki f'ilma ħelu u estwarju minn agglomerazzjonijiet ta' inqas minn 2000 e.p.,

– għal skariki f'ilmijiet kostali minn agglomerazzjonijiet ta' inqas minn 10000 e.p.

---

🡻 2013/64/UE Art. 1.4

B'deroga mill-ewwel paragrafu,fir-rigward tal-Mayotte, il-limitu ta' żmien definit fih għandu jkun il-31 ta' Diċembru 2027.

↓ 91/271/KEE

*~~Artikolu 8~~*

~~1. L-Istati Membri jistgħu, f'każijiet eċċezzjonali minħabba problemi tekniċi u għal gruppi ta' popolazzjoni li huma definiti ġeografikament, jagħmlu talba speċjali lill-Kummissjoni għal perjodu itwal li jikkonforma mal-Artikolu 4.~~

~~2. Din it-talba, li għaliha għandhom jingħataw ir-raġunijiet minn qabel u kif suppost, għandha tistabbilixxi d-diffikultajiet tekniċi li kien hemm u għandha tipproponi programm ta' azzjoni b'orarju adattat bl-iskop li dan jimplimenta l-oġġettiv ta' din id-Direttiva. Dan l-orarju għandu jkun inkluż fil-programm għall-implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 17.~~

~~3. Raġunijiet tekniċi biss jistgħu jiġu adottati, waqt li l-perjodu itwal msemmi fil-paragrafu 1 ma jistax jestendi wara l-31 ta' Diċembru 2005.~~

---

↓ 1137/2008 Art. 1 u l-Anness .4(2)

~~4. Il-Kummissjoni għandha teżamina dik it-talba u tieħu l-miżuri meħtieġa konformement mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 18(2).~~

---

↓ 91/271/KEE

~~5. F'ċirkustanzi eċċezzjonali, meta jista' jintwera li trattament aktar avvanzat ma jkunx se jipproduċi benefiċċji ambjentali, skariki ta' ilma mormi f'żoni inqas sensittivi minn agglomerazzjonijiet ta' aktar minn 150000 e.p. jistgħu ikunu soġġetti għat-trattament li hemm ipprovdut fl-Artikolu 6 għal ilma mormi minn agglomerazzjoni ta' bejn l-10000 u l-150000 e.p.~~

---

↓ 1137/2008 Art. 1 u l-Anness .4(2)

~~F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Istati Membri għandhom jissottomettu minn qabel id-dokumentazzjoni relevanti lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-każ u tieħu l-miżuri adatti konformement mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 18(2).~~

---

⇩ ġdid

*Artikolu 9*

Responsabbiltà estiża tal-produttur

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-produtturi li jqiegħdu fis-suq kwalunkwe wieħed mill-prodotti elenkati fl-Anness III jkollhom responsabbiltà estiża tal-produttur.

Tali miżuri għandhom jiżguraw li dawk il-produtturi jkopru:

(a) il-kostijiet sħaħ għall-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8, inkluż il-kostijiet għat-trattament kwaternarju tal-ilma mormi urban biex jitneħħew il-mikrosustanzi niġġiesa li jirriżultaw mill-prodotti u r-residwi tagħhom li

jqiegħdu fis-suq, għall-monitoraġġ tal-mikrosustanzi niġġiesa msemmija fl-Artikolu 21(1), il-punt (a); u

(b) il-kostijiet għall-ġbir u l-verifika tad-*data* dwar il-prodotti mqiegħda fis-suq; u

(c) kostijiet oħra meħtieġa biex jeżerċitaw ir-responsabbiltà estiża tal-produttur.

2. L-Istati Membri għandhom jeżoneraw lill-produtturi mir-responsabbiltà estiża tal-produttur tagħhom skont il-paragrafu 1 meta l-produtturi jkunu jistgħu juru kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) il-kwantità tal-prodott li jqiegħdu fis-suq tkun inqas minn 2 tunnellati fis-sena;

(b) il-prodotti li jqiegħdu fis-suq ma jiġġenerawx mikrosustanzi niġġiesa fl-ilmijiet mormija fi tmiem ħajjithom.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi kriterji dettaljati dwar l-applikazzjoni uniformi tal-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 2, il-punt (b), għal kategoriji speċifiċi ta' prodotti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 28(2).

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi msemmija fil-paragrafu 1 jeżerċitaw ir-responsabbiltà estiża tal-produttur b'mod kollettiv billi jaderixxu ma' organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) il-produtturi msemmija fil-paragrafu 1 darba fis-sena għandhom jipprovdu lill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi b'dan li ġej:

(i) il-kwantitajiet annwali tal-prodotti elenkati fl-Anness III li jqiegħdu fis-suq fil-kuntest tal-attività professjonali tagħhom;

(ii) informazzjoni dwar il-periklu tal-prodotti msemmija fil-punt (i) fl-ilmijiet mormija fi tmiem ħajjithom;

(iii) meta rilevanti, lista ta' prodotti eżonerati f'konformità mal-paragrafu 2;

(b) il-produtturi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkontribwixxu finanzjarjament għall-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi sabiex ikopru l-kostijiet li jirriżultaw mir-responsabbiltà estiża tal-produttur tagħhom;

(c) il-kontribuzzjoni ta' kull produttur, kif imsemmija fil-punt (b), tiġi ddeterminata abbażi tal-kwantitajiet u l-periklu fl-ilmijiet mormija tal-prodotti li jitqiegħdu fis-suq;

(d) l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi huma soġġetti għal awditi annwali indipendenti tal-ġestjoni finanzjarja tagħhom, inkluża l-kapaċità tagħhom li jkopru l-kostijiet imsemmija fil-paragrafu 4, il-kwalità u l-adegwatezza tal-informazzjoni miġbura skont il-punt (a) u l-adegwatezza tal-kontribuzzjonijiet miġbura skont il-punt (b).

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi rilevanti kollha involuti, inklużi l-produtturi msemmija fil-paragrafu 1, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, l-operaturi privati jew pubbliċi tal-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban u l-awtoritajiet kompetenti lokali, ikunu definiti b'mod ċar;

(b) jiġu stabbiliti objettivi għall-ġestjoni tal-ilma mormi urban sabiex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti u mal-iskadenzi stabbiliti skont l-Artikolu 8(1), (4) u (5) u ma' kwalunkwe objettiv kwantitattiv jew kwalitattiv ieħor li jitqies rilevanti għall-implimentazzjoni tar-responsabbiltà estiża tal-produttur;

(c) hemm fis-seħħ sistema ta' rapportar biex tinġabar *data* dwar il-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 imqiegħda fis-suq tal-Istat Membru mill-produtturi u *data* dwar it-trattament kwaternarju tal-ilma mormi, kif ukoll *data* oħra rilevanti għall-finijiet tal-punt (b).

*Artikolu 10*

Rekwiżiti minimi għall-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li kwalunkwe organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi stabbilita skont l-Artikolu 9(4):

(a) ikollha kopertura ġeografika definita b'mod ċar li tkun koerenti mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8;

(b) ikollha l-mezzi finanzjarji u organizzattivi meħtieġa biex tissodisfa l-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur tal-produtturi;

(c) tagħmel disponibbli għall-pubbliku informazzjoni dwar:

(i) is-sjieda u l-membri tagħha;

(ii) il-kontribuzzjonijiet finanzjarju mħallsa mill-produtturi;

(iii) l-attivitajiet li twettaq kull sena, inkluża informazzjoni ċara dwar kif jintużaw il-mezzi finanzjarji tagħha.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu qafas adegwat ta' monitoraġġ u infurzar biex jiżguraw li l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jissodisfaw l-obbligi tagħhom, li l-mezzi finanzjarji tal-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jintużaw kif xieraq u li l-atturi kollha li jkollhom responsabbiltà estiża tal-produttur jirrapportaw *data* affidabbli lill-awtoritajiet kompetenti u, meta jintalbu, lill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi.

3. Fejn, fit-territorju ta' Stat Membru, ikun hemm diversi organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, l-Istat Membru kkonċernat għandu jaħtar mill-inqas korp wieħed indipendenti mill-interessi privati jew jaħtar awtorità pubblika biex tissorvelja l-implimentazzjoni.

4. L-Istat Membru għandu jiżgura li l-produtturi stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru ieħor u li jqiegħdu l-prodotti fis-suq tiegħu:

(a) jaħtru persuna ġuridika jew fiżika stabbilita fit-territorju tiegħu bħala rappreżentant awtorizzat sabiex jissodisfa l-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur fit-territorju tiegħu; jew

(b) jieħdu miżuri ekwivalenti għall-punt (a).

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw djalogu regolari bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti involuti fl-implimentazzjoni tar-responsabbiltà estiża tal-produttur, inklużi l-produtturi u d-distributuri, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, l-

operaturi privati jew pubbliċi tal-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban, l-awtoritajiet lokali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

*Artikolu 11*

In-newtralità enerġetika tal-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull erba' snin isiru awditi tal-enerġija tal-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban u tas-sistemi ta' ġbir. Dawk l-awditi għandhom jitwettqu f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2012/27/UE u jinkludu identifikazzjoni tal-potenzjal għall-użu jew il-produzzjoni kosteffettivi tal-enerġija rinnovabbli, b'enfasi partikolari fuq l-identifikazzjoni u l-użu tal-potenzjal għall-produzzjoni tal-bijogass, filwaqt li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan. L-ewwel verifiki għandhom jitwettqu:

(a) sal-31 ta' Diċembru 2025 għall-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban li jittrattaw tagħbija ta' 100 000 e.p. u aktar u s-sistemi ta' ġbir konnessi magħhom;

(b) sal-31 ta' Diċembru 2030 għall-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban li jittrattaw tagħbija ta' bejn 10 000 e.p. u 100 000 e.p. u s-sistemi ta' ġbir konnessi magħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-enerġija annwali totali minn sorsi rinnovabbli, kif definit fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) 2018/2001, prodotta fil-livell nazzjonali minn impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban li jittrattaw tagħbija ta' 10 000 e.p. u aktar tkun ekwivalenti mill-inqas għal:

(a) 50 % tal-enerġija annwali totali użata minn impjanti bħal dawn sal-31 ta' Diċembru 2030;

(b) 75 % tal-enerġija annwali totali użata minn impjanti bħal dawn sal-31 ta' Diċembru 2035;

(c) 100 % tal-enerġija annwali totali użata minn impjanti bħal dawn sal-31 ta' Diċembru 2040.

---

| ↓ 91/271/KEE (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

*Artikolu 12~~9~~*

⌦ Kooperazzjoni transkonfinali ⌫

1. Fejn l-ilmijiet li jkunu fiż-żona ta' ġurisdizzjoni ta' Stat Membru jkunu affettwati b'mod negattiv minn skariki ta' ilma mormi minn Stat Membru ieħor ⇨ jew pajjiż terz ⇦, l-Istat Membru li l-ilmijiet tiegħu huma affettwati ~~jistgħu~~ ⇨ għandu ⇦javża lill-Istat Membru l-ieħor ⇨ jew lill-pajjiż terz ⇦ u lill-Kummissjoni dwar il-fatti relevanti.

---

| ⇩ ġdid |
|---|

Din in-notifika għandha tkun immedjata f'każ ta' tniġġis inċidentali li jista' jaffettwa b'mod sinifikanti l-korpi tal-ilma 'l isfel minnu.

↓ 91/271/KEE (adattat)
⇨ ġdid

L-Istati Membri kkonċernati għandhom ~~jorganizzaw, fejn ikun xieraq mal-Kummissjoni, il-konċentrazzjoni neċessarja~~ ⇨ jikkooperaw ⇦ biex jidentifikaw l-skariki in kwistjoni u l-miżuri li għandhom jittieħdu fis-sors biex jiġu protetti l-ilmijiet li jkunu affettwati u biex b'hekk tiġi żgurata konformità m~~ad- dispożizzjonijiet t~~a' din id-Direttiva.

⇩ ġdid

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tipparteċipa f'tali kooperazzjoni fuq talba tal-Istati Membri kkonċernati.

↓ 91/271/KEE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 13~~10~~*

⌦ Kundizzjonijiet klimatiċi lokali ⌫

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li impjanti ta' trattament ta' ilma mormi urban mibnija biex iħarsu l-kriterji ~~tal-~~⌦ stabbiliti fl-⌫Artikoli 6~~4~~, 7~~5~~, ~~6~~ u ~~7~~ ⇨ 8 ⇦ ikunu ppjanati, mibnija, mħaddma u miżmuma biex jiżguraw operat suffiċjenti taħt il-kondizzjonijiet klimatiċi normali kollha. Meta dawn l-impjanti jkunu qed jiġu mfassla, għandhom jiġu kkunsidrati varjazzjonijiet tat-tagħbija skont l-istaġuni tas-sena.

*Artikolu 14~~11~~*

⌦ Skariki ta' ilma mormi mhux domestiku ⌫

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, ~~qabel il-31 ta' Diċembru 1993~~, l-iskariki ta' ilma mormi ~~industrijali~~ ⇨ mhux domestiku ⇦ f'sistemi ta' ġbir u impjanti tat-trattament ta' ilma mormi urban ~~ikun suġġett~~ ⌦ ikunu soġġetti ⌫ minn qabel għal ~~regolamenti u/jew~~ awtorizzazzjonijiet speċifiċi mill-awtorità ~~jew mill-entità~~ kompetenti.

↓ 1137/2008 Art. 1 u l-Anness .4(2)

~~2. Ir-Regolamenti u/jew awtorizzazzjoni speċifika għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-Taqsima C tal-Anness. Il-Kummissjoni tista' temenda dawk ir-rekwiżiti. Dawk il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 18(3).~~

⇩ ġdid

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti:

(a) tikkonsulta lill-operaturi tas-sistemi ta' ġbir u tal-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban li fihom jiġi skarikat l-ilma mormi mhux domestiku qabel ma tagħti awtorizzazzjonijiet speċifiċi;

(b) tippermetti lill-operaturi ta' sistemi ta' ġbir u ta' impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban li jirċievu skariki ta' ilma mormi mhux domestiku li jikkonsultaw l-awtorizzazzjonijiet speċifiċi mogħtija fil-baċiri idrografiċi tagħhom fuq talba.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa, inkluża reviżjoni tal-awtorizzazzjoni speċifika, biex jidentifikaw, jipprevjenu u jnaqqsu kemm jista' jkun is-sorsi ta' tniġġis fl-ilma mormi mhux domestiku msemmi fil-paragrafu 1 fejn tinħoloq kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) lis-sustanzi niġġiesa jkunu ġew identifikati fid-dħul u fil-ħruġ tal-impjant tat-trattament tal-ilma mormi urban skont il-monitoraġġ tal-Artikolu 21(3);

(b) il-ħama li tirriżulta mit-trattament tal-ilma mormi urban għandha tintuża f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE[74];

(c) l-ilma mormi urban ittrattat għandu jerġa' jintuża f'konformità mar-Regolament (UE) 2020/741;

(d) l-ilmijiet riċeventi jintużaw għall-astrazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva (UE) 2020/2184;

(e) it-tniġġis tal-ilma mormi mhux domestiku skarikat fis-sistema ta' ġbir, jew l-impjant tat-trattament tal-ilma mormi urban joħloq riskju għat-tħaddim ta' dik is-sistema jew impjant.

3. L-awtorizzazzjonijiet speċifiċi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti C tal-Anness I. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 27 biex temenda l-Parti C tal-Anness I fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku fil-qasam tal-protezzjoni ambjentali.

---

🡻 1137/2008 Art. 1 u Anness .4(2) (adattat)
⇨ ġdid

4~~3~~. ~~Ir-regolamenti u~~ ⌦ L-⌫ ~~awtorizzazzjonijiet speċifiċi~~ ⌦ awtorizzazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ⌫ għandhom jiġu rieżaminati u ~~jekk~~ ⌦ , meta ⌫ jkun hemm bżonn , adattati ⇨ mill-inqas kull sitt snin ⇦ ~~f'intervalli regolari~~.

*Artikolu 15~~12~~*

⌦ L-użu mill-ġdid tal-ilma u l-iskariki tal-ilma mormi urban ⌫

~~1. Ilma mormi trattat għandu jerġa' jintuża meta jkun xieraq. Rotot ta' disponiment għandhom inaqqsu kemm jista' jkun l-effetti ħżiena fuq l-Ambjent.~~

---

⇩ ġdid

1. L-Istati Membri għandhom jippromwovu b'mod sistematiku l-użu mill-ġdid tal-ilma mormi ttrattat mill-impjanti kollha tat-trattament tal-ilma mormi urban. Meta l-ilma mormi ttrattat jerġa' jintuża għat-tisqija agrikola, dan għandu jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2020/741.

---

[74] Id-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE tat-12 ta' Ġunju 1986 dwar il-protezzjoni tal-Ambjent, u b'mod partikolari tal-ħamrija, meta l-ħama tad-drenaġġ jintuża fl-agrikoltura (ĠU L 181, 4.7.1986, p. 6).

➜ 1137/2008 Art. 1 u Anness .4(2) (adattat)
⇨ ġdid

2. L-awtoritajiet kompetenti jew l-entitajiet xierqa ⇨ L-Istati Membri ⇦ għandhom jiżguraw li l-iskariki tal-ilma mormi minn impjanti ta' trattament ta' ilma mormi urban ikun suġġett ⌦ ikunu soġġetti għal ⌫ minn qabel għal regolamenti u/jew awtorizzazzjonijiet speċifiċi. ⇨ Tali awtorizzazzjoni għandha tiżgura li r-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti B tal-Anness I jiġu ssodisfati. ⇦

➜ 1137/2008 Art. 1 u l-Anness .4(2)

3. Ir-Regolamenti preċedenti u/jew awtorizzazzjonijiet speċifiċi ta' skariki minn impjanti ta' trattament ta' ilma mormi urban, magħmula taħt il-paragrafu 2 fi ħdan agglomerazzjonijiet ta' bejn l-2000 u l-10000 e.p. fil-każ ta' rimi f'ilma ħelu jew ilmijiet estwarji u f'agglomerazzjonijiet ta' 10000 e.p. jew aktar fir-rigward tal-iskariki kollha, għandhom jinkludu kondizzjonijiet li jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti stabbiliti fit-Taqsima B tal-Anness I. Il-Kummissjoni tista' temenda dawk ir-rekwiżiti. Dawk il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 18(3).

➜ 91/271/KEE (adattat)
⇨ ġdid

34. Ir-regolamenti u/jew awtorizzazzjonijiet speċifiċi ⌦ L-awtorizzazzjonijiet speċifiċi msemmija fil-paragrafu 2 ⌫ għandhom jiġu rieżaminati ⇨ mill-inqas kull sitt snin ⇦ u jekk, meta jkun hemm bżonn , adattati f'intervalli regolari.

*Artikolu 1613*

⌦ Ilma mormi bijodegradabbli mhux domestiku ⌫

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li sal-31 ta' Diċembru 2000 l-ilma mormi industrijali biodegradabbli minn impjanti li jappartjenu lis-setturi industrijali elenkati fl-Anness III li ma jidħolx f'impjanti ta' trattament ta' ilma mormi urban qabel ma jiġi skarikat fl-ilmijiet riċeventi, għandu, qabel ma jiġi skarikat, jirrispetta l-kondizzjonijiet stabbiliti mill-awtorità kompetenti jew mill-entita' adattat f'regolamenti magħmula minn qabel u/jew awtorizzazzjonijiet speċifiċi, fejn jidħlu l-skariki kollha minn impjanti li jirrappreżentaw 4000 e.p. jew aktar.

2. Sal-31 ta' Diċembru 1993 l-awtorità kompetenti jew l-entita adatta f'kull Stat Membru għandha tistabbilixxi l-kriterji xierqa għan-natura tal-industrija kkonċernata għall-iskarikar ta' dan l-ilma mormi.

3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel paragun tal-kriterji tal-Istati Membri sal-31 ta' Diċembru 1994. Hija għandha tippubblika r-riżultati f'rapport u jekk ikun meħtieġ tagħmel proposta adattata.

⇩ ġdid

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu rekwiżiti għall-iskariku ta' ilma mormi bijodegradabbli mhux domestiku li huma xierqa għan-natura tal-industrija kkonċernata u li jiżguraw mill-inqas l-istess livell ta' protezzjoni ambjentali bħar-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti B tal-Anness I.

Ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw meta jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(c) l-ilma mormi joriġina minn impjanti li jittrattaw tagħbija ta' 4 000 e.p. u aktar li jappartjenu għas-setturi industrijali elenkati fl-Anness IV u li ma jwettqu l-ebda waħda mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[75];

(d) l-ilma mormi ma jidħolx f'impjant tat-trattament tal-ilma mormi urban qabel ma jiġi skarikat fl-ilmijiet riċeventi ("skariku dirett").

*Artikolu 17*

Sorveljanza tal-ilma mormi urban

1. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw il-preżenza tal-parametri tas-saħħa pubblika li ġejjin fl-ilma mormi urban:

(a) Il-virus tas-SARS-CoV-2 u l-varjanti tiegħu;

(b) il-virus tal-poljo;

(c) il-virus tal-influwenza;

(d) patoġeni emerġenti;

(e) kontaminanti ta' tħassib emerġenti;

(f) kwalunkwe parametru ieħor tas-saħħa pubblika li jitqies rilevanti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għall-monitoraġġ.

2. Għall-fini tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema nazzjonali għall-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni permanenti bejn l-awtoritajiet kompetenti responsabbli mis-saħħa pubblika u l-awtoritajiet kompetenti responsabbli mit-trattament tal-ilma mormi urban fir-rigward ta':

(a) l-identifikazzjoni ta' parametri oħra tas-saħħa pubblika minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 1 li għandhom jiġu mmonitorjati fl-ilma mormi urban;

(b) id-determinazzjoni tal-post u tal-frekwenza tal-kampjunar u l-analiżi tal-ilma mormi urban għal kull parametru tas-saħħa pubblika identifikat f'konformità mal-paragrafu 1, filwaqt li titqies id-*data* disponibbli dwar is-saħħa u l-ħtiġijiet f'termini ta' *data* dwar is-saħħa pubblika u, fejn rilevanti, is-sitwazzjonijiet epidemjoloġiċi lokali;

[75] Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

(c) l-organizzazzjoni ta' komunikazzjoni xierqa u f'waqtha tar-riżultati tal-monitoraġġ lill-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-saħħa pubblika u lill-pjattaformi tal-Unjoni, fejn tali pjattaformi jkunu disponibbli.

3. Meta tiġi ddikjarata emerġenza tas-saħħa pubblika minħabba s-SARS-CoV-2 mill-awtorità kompetenti responsabbli għas-saħħa pubblika fl-Istat Membru, il-preżenza tas-SARS-CoV-2 u tal-varjanti tiegħu għandha tiġi mmonitorjata fl-ilmijiet mormija urbani minn mill-inqas 70 % tal-popolazzjoni nazzjonali u għandu jittieħed mill-inqas kampjun wieħed fil-ġimgħa għall-agglomerazzjonijiet ta' 100 000 e.p. u aktar. Dan il-monitoraġġ għandu jkompli sakemm din l-awtorità kompetenti tiddikjara li l-emerġenza tas-saħħa pubblika minħabba s-SARS-CoV-2 tkun intemmet.

Sabiex jiġi ddeterminat jekk hemmx emerġenza tas-saħħa pubblika, l-awtorità kompetenti għandha tqis il-valutazzjonijiet taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, id-deċiżjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) meħuda f'konformità mar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa u d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni adottati skont l-Artikolu 23(1) tar-Regolament.../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[76]+.

4. Għall-agglomerazzjonijiet ta' 100 000 e.p. u aktar, l-Istati Membri għandhom, sal-1 ta' Jannar 2025, jiżguraw li r-reżistenza antimikrobika tiġi mmonitorjata mill-inqas darbtejn fis-sena fid-dħul u fl-iżbokki tal-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban u, fejn rilevanti, fis-sistemi ta' ġbir.

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 28 biex tiżgura applikazzjoni uniformi ta' din id-Direttiva billi tistabbilixxi metodoloġija armonizzata għall-kejl tar-reżistenza antimikrobika fl-ilma mormi urban.

5. Ir-riżultati mill-monitoraġġ imsemmi f'dan l-Artikolu għandhom jiġu rrapportati f'konformità mal-Artikolu 22(1), il-punt (g).

*Artikolu 18*

Valutazzjoni tar-riskju u ġestjoni tar-riskju

1. Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tat-tieni sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], l-Istati Membri għandhom jidentifikaw ir-riskji kkawżati mill-iskariki tal-ilma mormi urban lill-ambjent u lis-saħħa tal-bniedem u mill-inqas dawk relatati ma' dan li ġej:

(a) il-kwalità ta' korp tal-ilma użat għall-astrazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva (UE) 2020/2184;

(b) il-kwalità tal-ilma għall-għawm li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/7/KE;

(c) l-istatus ekoloġiku tajjeb ta' korp tal-ilma kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (22), tad-Direttiva 2000/60/KE;

(d) il-kwalità ta' korp tal-ilma fejn iseħħu l-attivitajiet tal-akkwakultura kif definiti fl-Artikolu 4, il-punt (25), tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

---

[76] + Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 40/22 (2020/0322(COD)) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.

2. Fejn ikunu ġew identifikati riskji f'konformità mal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri xierqa biex jindirizzawhom, li għandhom jinkludu fejn xieraq il-miżuri li ġejjin:

(a) l-istabbiliment ta' sistemi ta' ġbir f'konformità mal-Artikolu 3 għal agglomerazzjonijiet b'e.p. ta' inqas minn 1 000;

(b) l-applikazzjoni ta' trattament sekondarju f'konformità mal-Artikolu 6 għall-iskariki ta' ilma mormi urban minn agglomerazzjonijiet b'e.p. ta' inqas minn 1 000;

(c) l-applikazzjoni ta' trattament terzjarju f'konformità mal-Artikolu 7 għall-iskariki ta' ilma mormi urban minn agglomerazzjonijiet b'e.p. ta' inqas minn 10 000;

(d) l-applikazzjoni ta' trattament kwaternarju f'konformità mal-Artikolu 8 għal skariki ta' ilma mormi urban minn agglomerazzjonijiet b'e.p. ta' inqas minn 10 000;

(e) l-istabbiliment ta' pjanijiet integrati għall-ġestjoni tal-ilma mormi urban f'konformità mal-Artikolu 5 għal agglomerazzjonijiet ta' inqas minn 10 000 e.p. u l-adozzjoni tal-miżuri msemmija fl-Anness V;

(f) l-applikazzjoni ta' rekwiżiti għat-trattament tal-ilma mormi urban miġbur aktar stretti mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness 1, il-Parti B.

3. L-identifikazzjoni tar-riskji mwettqa f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tiġi rieżaminata kull ħames snin. Sommarju tar-riskji identifikati flimkien ma' deskrizzjoni tal-miżuri adottati f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu inklużi fil-programmi nazzjonali ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 23 u kkomunikati lill-Kummissjoni fuq talba.

*Artikolu 19*

Aċċess għas-sanità

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex itejbu l-aċċess għas-sanità għal kulħadd, b'mod partikolari għall-gruppi vulnerabbli u emarġinati.

Għal dak il-għan, sal-31 ta' Diċembru 2027 l-Istati Membri għandhom:

(a) jidentifikaw persuni mingħajr aċċess, jew b'aċċess limitat, għall-faċilitajiet sanitarji, inkluż gruppi vulnerabbli u emarġinati, u r-raġunijiet għal tali nuqqas ta' aċċess;

(b) jivvalutaw il-possibbiltajiet għat-titjib tal-aċċess għall-faċilitajiet sanitarji għall-kategoriji ta' persuni msemmija fil-punt (a);

(c) għall-agglomerazzjonijiet kollha ta' 10 000 e.p. u aktar, jinkoraġġixxu l-istabbiliment ta' għadd suffiċjenti ta' faċilitajiet sanitarji fi spazji pubbliċi, li jkunu aċċessibbli b'xejn u, b'mod partikolari għan-nisa, aċċessibbli b'mod sikur.

---

➔ 91/271/KEE (adattat)

*Artikolu 20~~14~~*

⌦ Ħama ⌫

~~1. Ħama li tiġi minn trattament ta' ilma mormi għandha tintuża meta jkun xieraq. Rotot ta' disponiment għandhom inaqqsu kemm jista' jkun l-effetti ħżiena fuq l-Ambjent.~~

~~2. L-awtoritajiet kompetenti jew l-entitajiet xierqa għandhom jiżguraw li qabel il-31 ta' Diċembru 1998 id-disponiment ta' ħama minn impjanti ta' trattament ta' ilma mormi urban ikun suġġett għal regolamenti ġenerali jew reġistrazzjoni jew awtorizzazzjoni.~~

~~3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li sal-31 ta' Diċembru 1998 id-disponiment ta' ħama fl-ilmijiet tal-wiċċ minn rimi li jsir mill-vapuri, minn skariki minn pajpijiet jew inkella b'mezzi oħra għandu jitneħħa gradwalment.~~

~~4. Sakemm jitneħħew kompletament il-forom ta' disponiment imsemmi fil-paragrafu 3, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ammont totali ta' materjali tossiċi, persistenti jew bioakkumulattivi f'ħama li tkun intremiet fl-ilmijiet tas-superfiċi jkun liċenzjat għal disponiment u jitnaqqis progressivament.~~

---

⇩ ġdid

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-rotot tal-ġestjoni tal-ħama jkunu konformi mal-ġerarkija tal-iskart prevista fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE. Tali rotot għandhom jimmassimizzaw il-prevenzjoni, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tar-riżorsi u jimminimizzaw l-effetti negattivi fuq l-ambjent.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 27 biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi r-rati minimi ta' użu mill-ġdid u ta' riċiklaġġ għall-fosforu u għan-nitroġenu mill-ħama, sabiex jitqiesu t-teknoloġiji disponibbli għall-irkupru tal-fosforu u tan-nitroġenu fil-ħama.

---

🡻 91/271/KEE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 21~~15~~*

⌦ Monitoraġġ ⌫

1. ⌦ L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ⌫ ~~L~~l-awtoritjiet kompetenti ~~jew l-entitajiet xierqa għandhom~~ jissorveljaw:

(a) l-iskariki minn impjanti ta' trattament ta' ilma mormi urban biex jivverifikaw il-konformità mal-kriterji tal-Parti B tal-~~tal-~~Anness I~~. B~~, ~~skont il-~~ f'konformità mal-~~proċeduri ta' kontroll~~ ⇨ metodi għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tar-riżultati ⇦ stabbiliti fil-Parti D tal-~~fl-~~Anness I~~. D~~⇨ ; dan il-monitoraġġ għandu jinkludi t-tagħbijiet u l-konċentrazzjonijiet tal-parametri elenkati fil-Parti B tal-Anness I; ⇦

(b) l-ammonti, ~~u~~ il-komposizzjoni ⇨ u d-destinazzjoni ⇦tal-ħama ~~li tintrema fl-ilmijiet tas-superfiċi~~;~~.~~

---

⇩ ġdid

(c) id-destinazzjoni tal-ilma mormi urban ttrattat inkluż is-sehem tal-ilma użat mill-ġdid;

(d) il-gassijiet serra prodotti u l-enerġija użata u prodotta minn impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban ta' aktar minn 10 000 e.p.

▼ 91/271/KEE

~~2. L-awtoritajiet kompetenti jew l-entitajiet xierqa għandhom jissorveljaw l-ilmijiet fejn isċħħu skariki minn impjanti ta' trattament ta' ilma mormi urban u skariki diretti, hekk kif deskritt fl-Artikolu 13, f'każijiet fejn huwa mistenni li l-ambjent riċeventi se jkun affettwat b'mod sinifikanti.~~

~~3. Fil-każ ta' skarika suġġetta għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6 u fil-każ ta' disponiment ta' ħama fl-ilmijiet tas-superfiċi, l-Istati Membri għandhom jissorveljaw u jagħmlu studji relevanti oħra biex jivverifikaw li l-emissjoni jew id-disponiment ma jkunx jaffettwa lill-ambjent b'mod negattiv.~~

~~4. L-informazzjoni miġbura mill-awtoritjiet kompetenti jew mill-entitajiet xierqa f'konformità mal-paragrafi 1, 2 u 3 għandha tinżamm fl-Istat Membru u tkun disponibbli lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mill-irċevuta ta' talba.~~

▼ 1137/2008 Art. 1 u l-Anness .4(2)

~~5. Il-Kummissjoni tista' tifformula linji gwida dwar is-sorveljanza msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3, konformement mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 18(2).~~

⇩ ġdid

2. Għall-agglomerazzjonijiet kollha ta' 10 000 e.p. u aktar, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jimmonitorjaw il-konċentrazzjoni u t-tagħbijiet ta' sustanzi niġġiesa mit-tifwir tal-ilma tal-maltemp u mill-ilma tax-xeba' urban skarikat fil-korpi tal-ilma.

3. Għall-agglomerazzjonijiet kollha ta' aktar minn 10 000 e.p., l-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw, fid-dħul u fl-iżbokk tal-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban, il-konċentrazzjoni u t-tagħbijiet fl-ilma mormi urban tal-elementi li ġejjin:

(a) sustanzi niġġiesa elenkati fi:

(i) l-Annessi VIII u X tad-Direttiva 2000/60/KE, l-Anness tad-Direttiva 2008/105/KE, l-Anness I tad-Direttiva 2006/118/KE u l-Parti B tal-Anness II tad-Direttiva 2006/118/KE;

(ii) l-Anness tad-Deċiżjoni 2455/2001/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[77];

(iii) l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[78];

(iv) l-Annessi I u II tad-Direttiva 86/278/KEE.

---

77 Id-Deċiżjoni Nru 2455/2001/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2001 li tistabbilixxi l-lista ta' sustanzi prijoritarji fil-qasam tal-politika tal-ilma u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE (ĠU L 331, 15.12.2001, p. 1).

78 Ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar il-ħolqien ta' Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1).

(b) il-parametri elenkati fil-Parti B tal-Anness III tad-Direttiva (UE) 2020/2184, fejn l-ilma mormi urban jiġi skarikat f'baċir idrografiku msemmi fl-Artikolu 8 ta' dik id-Direttiva;

(c) il-preżenza tal-mikroplastiċi.

Għall-agglomerazzjonijiet kollha ta' aktar minn 10 000 e.p., l-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw il-preżenza tal-mikroplastiċi fil-ħama.

Il-monitoraġġ imsemmi fl-ewwel u t-tieni subparagrafi għandu jitwettaq bil-frekwenzi li ġejjin:

(a) mill-inqas żewġ kampjuni fis-sena, b'massimu ta' 6 xhur bejn il-kampjuni, għal agglomerazzjonijiet ta' 100 000 e.p. u aktar;

(b) mill-inqas kampjun wieħed kull sentejn għal agglomerazzjonijiet ta' bejn 10 000 e.p. u 100 000 e.p.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 28 biex tiżgura applikazzjoni uniformi ta' din id-Direttiva billi tistabbilixxi metodoloġija għall-kejl tal-mikroplastiċi fl-ilma mormi urban u fil-ħama.

---

🡻 91/271/KEE

~~*Artikolu 16*~~

~~Mingħajr preġudizzju għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE tas-7 ta' Ġunju 1990 dwar il-libertà t'aċċess għall-informazzjoni fuq l-Ambjent[79], l-Istati Membri għandhom jiżguraw illi kull sentejn l-awtoritajiet jew l-entitajiet relevanti jippubblikaw rapporti tas-sitwazzjoni dwar id-disponiment tal-ilma mormi urban u l-ħama fiż-zoni tagħhom. Dawn ir-rapporti għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni mill-Istati Membri hekk kif ikunu ppubblikati.~~

---

⇩ ġdid

*Artikolu 22*

Informazzjoni dwar il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni

1. L-Istati Membri, assistiti mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), għandhom:

(a) sal-31 ta' Diċembru 2025, jistabbilixxu sett ta' *data* li jkun fih l-informazzjoni miġbura f'konformità mal-Artikolu 21 li tinkludi informazzjoni dwar il-parametri msemmija fl-Artikolu 21(1), il-punt (a), u r-riżultati tat-testijiet fir-rigward tal-kriterji ta' aċċettabilità/inaċettabilità stabbiliti fil-Parti D tal-Anness I u taġġorna dak is-sett tad-*data* kull sena minn hemm 'il quddiem;

(b) sal-31 ta' Diċembru 2025, jistabbilixxu sett ta' *data* li jindika l-perċentwal ta' ilma mormi urban li jinġabar u jiġi ttrattat f'konformità mal-Artikolu 3 u jaġġornaw dak is-sett tad-*data* kull sena minn hemm 'il quddiem;

---

[79] ~~ĠU L 158, tat-23.6.1990, p. 56.~~

(c) sal-31 ta' Diċembru 2025, jistabbilixxu sett ta' *data* li jkun fih informazzjoni dwar il-miżuri meħuda biex jiġi implimentat l-Artikolu 4(4) u dwar il-perċentwal tat-tagħbija tal-ilma mormi urban minn agglomerazzjonijiet ta' aktar minn 2 000 e.p. li jiġi ttrattat f'sistemi individwali u jaġġornaw dak is-sett ta' *data* kull sena minn hemm 'il quddiem;

(d) sal-31 ta' Diċembru 2025, jistabbilixxu sett ta' *data* li jkun fih informazzjoni dwar l-għadd ta' kampjuni miġbura u l-għadd ta' kampjuni meħuda f'konformità mal-Parti D tal-Anness I li ma kinux aċċetabbli;

(e) sal-31 ta' Diċembru 2025, jistabbilixxu sett ta' *data* li jkun fih informazzjoni dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra bi tqassim skont il-gassijiet differenti u dwar l-enerġija totali użata u l-enerġija rinnovabbli prodotta minn kull impjant tat-trattament tal-ilma mormi urban ta' 10 000 e.p. u aktar, kif ukoll kalkolu tal-perċentwal tal-ksib tal-miri stabbiliti fl-Artikolu 11(2) u jaġġornaw dak is-sett tad-*data* kull sena minn hemm 'il quddiem;

(f) sal-31 ta' Diċembru 2025, jistabbilixxu sett ta' *data* li jkun fih informazzjoni dwar il-miżuri meħuda f'konformità mal-punt 3 tal-Anness V u jaġġornaw dak is-sett tad-*data* kull sena minn hemm 'il quddiem;

(g) sal-31 ta' Diċembru 2025, jistabbilixxu sett ta' *data* li jkun fih ir-riżultati tal-monitoraġġ imsemmija f'konformità mal-Artikolu 17(1) u (4) u jaġġornaw dak is-sett tad-*data* kull sena minn hemm 'il quddiem;

(h) sal-31 ta' Diċembru 2025, jistabbilixxu sett ta' *data* li fih il-lista ta' żoni identifikati bħala sensittivi għall-ewtrofikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 7(2) u jaġġornaw dak is-sett tad-*data* kull ħames snin minn hemm 'il quddiem;

(e) sal-31 ta' Diċembru 2030, jistabbilixxu sett ta' *data* li jkun fih il-lista taż-żoni identifikati bħala żoni fejn il-konċentrazzjoni jew l-akkumulazzjoni tal-mikrosustanzi niġġiesa jirrappreżentaw riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent f'konformità mal-Artikolu 8(2) u jaġġornaw dak is-sett ta' *data* kull ħames snin minn hemm' il quddiem;

(j) sat-12 ta' Jannar 2029, jistabbilixxu sett ta' *data* li jkun fih informazzjoni dwar il-miżuri meħuda biex jittejjeb l-aċċess għas-sanità f'konformità mal-Artikolu 19, inkluża informazzjoni dwar is-sehem tal-popolazzjoni tagħhom li għandha aċċess għas-sanità u jaġġornaw dak is-sett ta' *data* kull sitt snin minn hemm' il quddiem.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Kummissjoni u l-EEA jkollhom aċċess permanenti għas-settijiet tad-*data* msemmija fil-paragrafu 1.

3. L-informazzjoni rrappurtata mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 166/2006 għandha titqies għar-rappurtar meħtieġ skont dan l-Artikolu.

Fir-rigward tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-EEA għandha tipprovdi lill-pubbliku b'aċċess għad-*data* rilevanti permezz tar-Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti stabbilit skont ir-Regolament (KE) Nru 2006/166.

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-format tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta f'konformità mal-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 28(2).

↓ 91/271/KEE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 2317*

⌦ Programm ta' implimentazzjoni nazzjonali ⌫

1. ⇨ Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet j.j. Daħħal id-data = l-aħħar jum, tat-tlieta u għoxrin xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], ⇦ Ll-Istati Membri għandhom sal-31 ta' Diċembru 1993 iwaqqfu programm ⌦ ta' implimentazzjoni nazzjonali għal ⌫għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

⇩ ġdid

Dawk il-programmi għandhom jinkludu:

a) valutazzjoni tal-livell ta' implimentazzjoni tal-Artikoli 3 sa 8;

b) l-identifikazzjoni u l-ippjanar tal-investimenti meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għal kull agglomerazzjoni, inkluża stima finanzjarja indikattiva u prijoritizzazzjoni ta' dawk l-investimenti relatati mad-daqs tal-agglomerazzjoni u l-impatt ambjentali tal-ilma mormi urban mhux ittrattat;

c) stima tal-investimenti meħtieġa għat-tiġdid tal-infrastrutturi eżistenti tal-ilma mormi urban, inklużi s-sistemi ta' ġbir, abbażi tal-età u r-rati ta' deprezzament tagħhom;

d) l-identifikazzjoni, jew għall-inqas indikazzjoni, ta' sorsi potenzjali ta' finanzjament pubbliku, meta meħtieġa biex jikkomplementaw it-tariffi tal-utent.

↓ 2013/64/UE Art. 1.5(a) (adattat)

~~B'deroga mill-ewwel subparagrafu, fir-rigward tal-Mayotte, Franza għandha tistabbilixxi programm għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva sat-30 ta' Ġunju 2014.~~

↓ 91/271/KEE (adattat)

~~2. L-Istati Membri għandhom sat-30 ta' Ġunju 1994 jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar il-programm.~~

↓ 2013/64/EU Art. 1.5(b) (adattat)

~~B'deroga mill-ewwel subparagrafu, fir-rigward tal-Mayotte, Franza għandha tipprovdi lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar il-programm sal-31 ta' Diċembru 2014.~~

⇩ ġdid

2. Sa… [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tal-ħamsa u tletin xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni l-programmi nazzjonali ta' implimentazzjoni tagħhom, ħlief meta juru, abbażi tar-riżultati tal-monitoraġġ imsemmija fl-Artikolu 21, li huma konformi mal-Artikoli 3 sa 8.

↓ 91/271/KEE

~~3. L-Istati Membri għandhom, jekk ikun meħtieġ, jipprovdu lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju ta' kull sentejn b'aġġornament tal-informazzjoni deskritta fil-paragrafu 2.~~

⇩ ġdid

3. L-Istati Membri għandhom jaġġornaw il-programmi ta' implimentazzjoni nazzjonali tagħhom mill-inqas kull ħames snin. Huma għandhom jippreżentawhom lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru, ħlief meta jkunu jistgħu juru li huma konformi mal-Artikoli 3 sa 8.

↓ 1137/2008 Art. 1 u l-Anness .4(2)

~~4. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina, skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 18(2), il-metodi u l-formati li għandhom jiġu adottati għar-rappurtar fuq il-programmi nazzjonali. Kwalunkwe emenda għal dawn il-metodi u formati għandha tiġi adottata skont dik il-proċedura.~~

⇩ ġdid

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-metodi u l-formati għall-preżentazzjoni tal-programmi nazzjonali ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 28(2).

↓ 91/271/KEE

~~5. Kull sentejn il-Kummissjoni għandha tirrevedi u tagħmel stima tal-informazzjoni li hija tkun irċeviet skont il-paragrafi 2 u 3 t'hawn fuq, u għandha tippubblika rapport fuqha.~~

⇩ ġdid

*Artikolu 24*

Informazzjoni lill-pubbliku

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni adegwata u aġġornata dwar il-ġbir u t-trattament tal-ilma mormi urban tkun disponibbli online għall-pubbliku, b'mod faċli għall-utent u personalizzat, f'kull agglomerazzjoni. L-informazzjoni għandha tinkludi mill-inqas id-*data* elenkata fl-Anness VI.

L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi pprovduta wkoll b'mezzi oħra fuq talba ġustifikata.

2. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni kollha konnessi mas-sistemi ta' ġbir jirċievu regolarment u mill-inqas darba fis-sena, fl-aktar forma xierqa, inkluż fuq il-fattura tagħhom jew permezz ta' applikazzjonijiet intelliġenti, mingħajr ma jkollhom għalfejn jitolbuha, l-informazzjoni li ġejja:

(a) informazzjoni dwar il-konformità tal-ġbir u t-trattament tal-ilma mormi urban mal-Artikoli 3, 4, 6, 7 u 8, inkluż tqabbil bejn ir-rilaxxi attwali ta' sustanzi niġġiesa fl-ilmijiet riċeventi mal-valuri ta' limitu stabbiliti fit-Tabelli 1, 2 u 3 tal-Anness I;

(b) il-volum jew il-volum stmat tal-ilma mormi urban miġbur u ttrattat kull sena jew għal kull perjodu ta' fatturazzjoni għall-unità domestika jew għall-entità konnessa f'metri kubi, flimkien max-xejriet annwali u l-prezz tal-ġbir u tat-trattament tal-ilma mormi urban għall-unità domestika (kost għal kull litru u għal kull metru kubu);

(c) tqabbil tal-volum annwali tat-tagħbija ta' ilma mormi urban miġbur u ttrattat għall-unità domestika kull sena u indikazzjoni tal-volum medju ta' unità domestika fl-agglomerazzjoni kkonċernata;

(d) link għall-kontenut online imsemmi fil-paragrafu 1.

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 27 biex temenda l-paragrafu 2 u l-Anness VI billi taġġorna l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-pubbliku online u lill-persuni konnessi mas-sistemi ta' ġbir sabiex tadatta dawn ir-rekwiżiti għall-progress tekniku u d-disponibbiltà tad-*data* fil-qasam.

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-format u l-metodi tal-preżentazzjoni tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta f'konformità mal-paragrafi 1 u 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 28(2).

*Artikolu 25*

Aċċess għall-ġustizzja

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'konformità mas-sistema legali nazzjonali rilevanti, il-membri tal-pubbliku kkonċernati jkollhom aċċess għal proċedura ta' rieżami quddiem qorti tal-ġustizzja, jew quddiem korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi biex jikkontestaw il-legalità sostantiva jew proċedurali ta' deċiżjonijiet, atti jew omissjonijiet soġġetti għall-Artikoli 6, 7 jew 8 ta' din id-Direttiva meta tkun issodisfata mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikollhom interess suffiċjenti;

(b) iżommu l-indeboliment ta' dritt, meta l-liġi amministrattiva proċedurali ta' Stat Membru teħtieġ dan bħala prekundizzjoni.

Il-proċedura ta' rieżami għandha tkun ġusta, ekwa, f'waqtha u mhux għalja b'mod projbittiv, u għandha tipprovdi għal mekkaniżmi ta' rimedju adegwati u effettivi, inkluż rimedju b'mandat ta' inibizzjoni kif xieraq.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu f'liema stadju jistgħu jiġu kkontestati d-deċiżjonijiet, l-atti jew l-omissjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 26*

Kumpens

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn ikun seħħ dannu għas-saħħa tal-bniedem bħala riżultat ta' ksur tal-miżuri nazzjonali li ġew adottati skont din id-Direttiva, l-individwi affettwati jkollhom id-dritt li jitolbu u jiksbu kumpens għal dak id-dannu mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi rilevanti u, fejn xieraq, mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti responsabbli għall-ksur.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, bħala parti mill-pubbliku kkonċernat, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew

tal-ambjent u li jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit skont il-liġi nazzjonali jitħallew jirrappreżentaw lill-individwi affettwati u jressqu azzjonijiet kollettivi għal kumpens. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li pretensjoni għal ksur li jwassal għal dannu ma tkunx tista' tiġi ssir darbtejn, mill-individwi affettwati u mill-organizzazzjonijiet mhux governattivi msemmija f'dan il-paragrafu.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-regoli u l-proċeduri nazzjonali relatati mat-talbiet għal kumpens jitfasslu u jiġu applikati b'tali mod li ma jagħmlux impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-dritt għal kumpens għal dannu kkawżat minn ksur skont il-paragrafu 1.

4. Fejn ikun hemm talba għal kumpens f'konformità mal-paragrafu 1, appoġġata minn evidenza li minnha tista' tiġi preżunta rabta ta' kawżalità bejn id-dannu u l-ksur, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-responsabbiltà tkun fuq il-persuna responsabbli għall-ksur biex turi li l-ksur ma kkawżax jew ma kkontribwixxiex għad-dannu.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-perjodi ta' preskrizzjoni biex jitressqu azzjonijiet għal kumpens imsemmija fil-paragrafu 1 ma jkunux iqsar minn ħames snin. Tali perjodi ma għandhomx jibdew jiddekorru qabel ma jkun intemm il-ksur u l-persuna li titlob il-kumpens tkun taf li hija tkun ġarrbet dannu minn ksur skont il-paragrafu 1.

*Artikolu 27*

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 4(3), 6(3), 7(4), 8(5), 14(3), 20(2), u 24(3) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien ta' ħames snin minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 4(3), 6(3), 7(4), 8(5), 14(3), 20(2), u 24(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti magħżula minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 4(3), 6(3), 7(4), 8(5), 14(3), 20(2) u 24(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

🡻 1882/2003 Art. 3 u Anness III.21 (adattat)

*Artikolu* *28~~18~~*

⌦ Kumitat ⌫

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna ~~minn~~ ⌦ mill-⌫kumitat ⌦ għall-adattament għal progress xjentifiku u tekniku u għall-implimentazzjoni tad-direttiva dwar it-trattament tal-ilma mormi urban ⌫.

🡻 1137/2008 Art. 1 u l-Anness .4(2)

~~2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.~~

~~Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.~~

~~3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandom japplikaw l-Artikolu 5a (1) u (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.~~

⇩ ġdid

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 29*

Penali

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali applikabbli għal ksur ta' dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali stipulati jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Dawn għandhom jinkludu, kif xieraq, penali finanzjarji proporzjonati għall-fatturat tal-persuna ġuridika jew għas-salarju tal-persuna fiżika li tkun wettqet il-ksur, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-Intrapriżi Żgħar u Medji.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-penali stabbiliti skont dan l-Artikolu jqisu kif xieraq dan li ġej, kif applikabbli:

(a) in-natura, il-gravità, u l-firxa tal-ksur;

(b) il-karattru intenzjonali jew negliġenti tal-ksur;

(c) il-popolazzjoni jew l-ambjent affettwati mill-ksur, filwaqt li jitqies l-impatt tal-ksur fuq l-objettiv li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent.

3. L-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien bla bżonn, jinnotifikaw lill-Kummissjoni bir-regoli u bil-miżuri u msemmija fil-paragrafu 1 u bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

*Artikolu 30*

Evalwazzjoni

1. Sal-31 ta' Diċembru 2030 u sal-31 ta' Diċembru 2040, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva bbażata b'mod partikolari fuq l-elementi li ġejjin:

(a) l-esperjenza miksuba permezz tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva;

(b) is-settijiet tad-*data* msemmija fl-Artikolu 22(1);

(c) *data* xjentifika, analitika u epidemjoloġika rilevanti, inklużi r-riżultati minn proġetti ta' riċerka ffinanzjati mill-Unjoni;

(d) ir-rakkomandazzjonijiet tad-WHO, fejn dawn ikunu disponibbli.

(e) analiżi tal-ħtieġa possibbli li l-lista ta' prodotti li għandhom jiġu koperti mir-responsabbiltà estiża tal-produttur tiġi adattata għall-evoluzzjoni tal-firxa ta' prodotti mqiegħda fis-suq, għarfien imtejjeb dwar il-preżenza ta' mikrosustanzi niġġiesa fl-ilma mormi u l-impatti tagħhom fuq is-saħħa pubblika u l-ambjent, u *data* li tirriżulta mill-obbligi l-ġodda ta' monitoraġġ tal-mikrosustanzi niġġiesa fid-dħul u fl-iżbokki tal-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban.

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin tal-evalwazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni neċessarja lill-Kummissjoni għat-tħejjija tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu.

Artikolu 31

Rieżami

Kull ħames snin, il-Kummnissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, akkumpanjat, jekk ikun meħtieġ, minn proposti leġiżlattivi relevanti.

---

↑

*Artikolu 32*

Tħassir u dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. Id-Direttiva 91/271/KE, kif emendata bl-atti elenkati fil-Parti A tal-Anness VII ta' din id-Direttiva, hija mħassra b'effett minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jj daħħal id-data = l-ewwel jum tal-erba' u għoxrin xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] mingħajr ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri marbuta mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi stipulati fil-Parti B tal-Anness VII ta' din id-Direttiva.

⇩ ġdid

2. L-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 6(1) għandhom japplikaw mill-31 ta’ Diċembru 2027 fir-rigward tal-Mayotte.

3. Għall-iskariki tal-ilma mormi urban li huma ttrattati minn impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban li jittrattaw tagħbija ta’ 100 000 e.p. u aktar u li mhumiex meħtieġa jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 7(1) sal-31 ta’ Diċembru 2030, l-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KE għandu jkompli japplika sal-31 ta’ Diċembru 2035.

Għall-iskariki tal-ilma mormi urban minn agglomerazzjonijiet ta’ bejn 10 000 e.p. u 100 000 e.p. li mhumiex meħtieġa jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 7(3) sal-31 ta’ Diċembru 2035, l-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KE għandu jkompli japplika sal-31 ta’ Diċembru 2040.

---

🡹

4. Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw f’konformità mat-tabella ta’ korrelazzjoni fl-Anness [VIII].

---

🡻 91/271/KEE (adattat)
⇨ ġdid

*Artikolu 3319*

⌦ Traspożizzjoni ⌫

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ruħhom ⇨ mal-Artikoli [...] u l-Annessi [...] [irreferi għall-artikoli u l-annessi li ġew emendati fis-sustanza meta mqabbla mad-Direttivi mħassra] sa [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tat-tlieta u għoxrin xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva] ⇦ ~~ma’ din id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-30 ta’ Ġunju 1993~~. Huma għandhom ~~jinfurmaw~~ ⌦ minnufih jikkomunikaw it-test ta’ dawn il-miżuri ⌫ lill-Kummissjoni ~~minnufih dwar dan~~.

2. Meta l-Istati Membri jadottaw ⌦ dawk ⌫ il-miżuri ~~msemmija fil-paragrafu 1~~, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ~~u għandhom~~ ikunu akkumpanjati b’tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. ⌦ Għandhom jinkludu wkoll dikjarazzjoni li fiha jingħad li kull meta fil-liġijiet, fir-regolamenti u fid-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti jkun hemm referenzi għad-Direttiva mħassra minn din id-Direttiva dawk għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva. ⌫ ~~Il-Metodi ta’ kif issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbilità mill-Istati~~ L-Istati Membri ⌦ għandhom jiddeterminaw kif tali referenza għandha tkun ifformulata ⌫ ..

23. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam ~~irregolat~~ ⌦ kopert ⌫ minn din id-Direttiva.

---

🡹

*Artikolu 34*

Id-dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

L-Artikoli [...] u l-Annessi [...] [jirreferu għall-artikoli u l-annessi li ma nbidlux meta mqabbla mad-Direttiva mħassra] għandhom japplikaw minn [...] [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tal-erbgħa u għoxrin xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

---

| ➔ 91/271/KEE (adattat) |
|---|

*Artikolu* 35~~20~~

⌦ Destinatarji ⌫

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew*<br>*Il-President* | *Għall-Kunsill*<br>*Il-President* |